**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D, Ph.D.**

Att ta' Akkuza Nru. 16/2021

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Omissis**

Illum, 13 ta' Jannar, 2023

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 16 tas-sena 2021 migjub kontra Omissis, detentur tal-karta tal-identita' Maltija fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

ILLI fil-ġranet u x-xhur preċedenti għad-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), l-akkużat Omissis iddeċieda li jibda' jiltaqa' ma' tfajla minorenni bl-isem ta' Omissis u fi nħawi oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin. Wara xi ftit żmien joħroġ ma' din it-tfajla, huwa mar jgħix magħha fid-dar, f'liema fond kienu jgħixu wkoll il-ġenituri tagħha, u ċioè: Omissis u Omissis.

ILLI f'dan il-post, kellu ċ-ċans jisma' lil omm it-tfajla u ċioè Omissis titkellem u tirrakonta dak li għaddiet minnu matul ħajjitha, u ma damx ma ntebaħ li Omissis

kienet mara pjuttost vulnerabbli, fis-sens li hija persuna li faċilment tiġi manipulata u temmen dak kollu li jintqal lilha mingħajr ma tistaqsi jew tixtarr.

ILLI għalhekk, l-akkużat Omissis iddeċieda li jinbixha u jidħak xi daħka jew tnejn minn fuq darha. Meta kien ikun ġewwa r-residenza tagħha, fuq imsemmija, ġewwa Marsaskala, huwa kien jinħeba u jagħmel vuċi b'tonalita ħoxna u baxxa, jwaqqa' u jkisser affarijiet taparsi b'mod misterjuż, u jagħtiha qtajja liema bħalhom. Omissis, fil-vulnerabilità tagħha, kienet titwerwer u taħseb li din kienet xi vuċi u xi għemil ta' xi spirtu jew xitan.

ILLI wara l-akkużat Omissis iddeċieda li jagħti aktar sura lil din il-vuċi, u bl-ilsien Malti beda' jagħti l-ordnijiet lil Omissis biex hija tagħmel jew ma tagħmilx xi affarijiet. Beda' jgħidilha biex ma tpejjipx u hija kienet titlaq is-sigarett minn idejha. Beda' jaħsadha meta tinżel minn fuq għax kien jipprepara minn qabel s-sigaretti weqfin wieħed wieħed fuq il-mejda biex hija taħseb li xi spirtu ħażin kien qed jgħaddilha xi messaġġ. Iktar ma kienet tistgħaġeb u titwerer, aktar kien jgħoxa u jgħarbel moħħu kif se jkompli jwessa l-konfini tal-qerq tiegħu.

ILLI meta l-akkużat Omissis kien iddomina tant lill-familja Omissis, u l-omm, ċioè Omissis, kull ma jmur bdiet issir aktar ansjuża, żewġha Omissis iddejjaq u telaq jgħix għand il-ġenituri tiegħu, fejn hemmhekk kienet diġa' tgħix bintu l-kbira, u ċioè Omissis.

ILLI meta Omissis laqgħet l-istedina mingħand oħtha Omissis biex tmur tara l-kelb li hija u l-ġuvni tagħha (u ċioè Omissis), kienu ġabu f'din id-dar, Marsaskala, ommha Omissis rrakontatilha minn xiex hija kienet għaddejja, għax xtaqet li ssib lil xi ħadd li jismagħha, jemminha u jikkonfortha.

ILLI f'dan il-mument Omissis bdiet ukoll tisma' ħsejjes t'affarijiet jinkisru ġejjin mid-direzzjoni fejn kien hemm l-akkużat Omissis però minn fejn kienet tinsab, hija ma setgħetx tarahom jitwaddbu. Hekk kif kienet qegħda f'dak il-post, f'dik l-atmosfera,

affetwata minn dak li ommha kienet għadha kif qaltilha, Omissis wkoll ħassitha maħkuma mil-biża'. Riedet titlaq u toħroġ 'il barra minn dik id-dar, però meta ġriet lejn l-entratura, sabet il-bieb ta' barra msakkar u ċ-ċavetta ta' l-istess bieb ta' barra ma kienetx fis-serratura.

ILLI konxju mill-fatt li kien impossibbli għal Omissis li toħroġ mid-dar imsemmija, u konxju tal-biża' li Omissis kellha fuqha, Omissis inħeba u għamel l-istess vuċi b'tonalita ħoxna u baxxa li biha kien werwer lil ommha. U hekk, Omissis ġiegħel lil Omissis tavża lin-nanniet tagħha li ma kienetx se tmur lura, biex ma tixrifx 'l barra mid-dar ta' Marsaskala, u biex hija u oħtha jinħaslu flimkien. Omm Omissis kienet tidher imbeżża' u fraġli u Omissis ħassitha waħidha, esposta u vulnerabbli.

ILLI dakinhar l-akkużat Omissis u t-tfajla tiegħu Omissis servew kwantita' ta' inbid u *whiskey* lil Omissis u lil Omissis, u l-għada filgħodu Omissis stenbħet fi ħwejjeġ differenti u mingħajr ħwejjeġ ta' taħt fuqha. L-akkużat Omissis u Omissis qalulha li kienet irremettiet, u huma kienu neħħewlha ħwejjiġha, ħasluha, ħaslulha xagħarha u ddieħku biha.

ILLI fil-ġranet sussegwenti l-akkużat Omissis iddeċieda li jaċċentwa l-biża' u permezz ta' l-istess intriċċi, ta aktar ordnijiet lil Omissis u lil Omissis. Taħt il-mantra ta' spirtu, kien jiddeċiedi jekk l-ordnijet kienux ġew esegwiti kif ried, u wara bl-użu ta' pressjoni mhux kif imiss u b'qerq, kien jippenalizżahom u jsawwathom fid-dlam bi frostin waqt il-ħin ta' l-irqad.

ILLI l-akkużat Omissis ma damx ma rrealizża li ladarba kien stabilixxa din id-dominanza qarrieqa tiegħu fuq din il-familja vulnerabbli, huwa seta' juża dan il-fatt sabiex jissodisfa l-fantasiji sesswali tiegħu. Matul il-lejl kmanda lil Omissis u lil Omissis sabiex ineħħu ħwejjiġhom u jirrakontaw l-esperjenzi sesswali waqt li Omissis timmasturba lilha nnfisha. Kmandahom biex jimteddu rashom l-isfel u jgħidu l-Att tal-Indiema waqt li tefalhom ilma kiesaħ silġ fuq darhom fil-bruda li x-xahar ta' Jannar iġib miegħu. Ordnalhom u bit-twerwir ġielhom, jagħmlu atti sesswali mhux

kunsenswali, u ċioè biex joqgħodu bilwieqfa mxarbin għasra, għarwenin u b'għajnejhom mogħttija, imissu u jerdaw sider xulxin. Dan kollu seħħ meta huwa kien fl-istess kamra mat-tfajla tiegħu minorenni Omissis, minn fejn hija setgħet tosserva u tisma' kollox.

ILLI taħt din il-pretiża manipulattiva, l-akkużat Omissis wasal biex saħansitra stupra lill-omm it-tfajla b'oġġett. Fil-fatt bit-tqanqil tal-biża' u bil-manipulazzjoni tal-ħsieb, ġiegħel lil Omissis isserraħ fuq id-desk tal-kamra ta' bintha, għarwiena u b'saqajha miftuħin. Ġiegħel lil Omissis żżommha milli tiċċaqlaq u f'dak il-mument, l-akkużat Omissis b'kattiverja u bi ħruxija daħħal lasta ta' xkupa fil-parti ġenitali ta' Omissis. Nonostanti, l-uġiegħ fiżiku u s-sofferenza li Omissis ħasset u li hija wriet bil-krib u l-biki tagħha, l-akkużat Omissis ma wera l-ebda sentiment ta' empatija lejha. Hekk, din il-mara sfat stuprata b'oġġett, quddiem uliedha, b'mod mill-iktar umiljanti u degradanti, mill-ġuvni ta' bintha stess!

ILLI dan id-delitt magħmul minn Omissis wassal għal ħsara ħarxa psikoloġika għal Omissis, tant illi wara dan kollu Omissis belgħet diversi pillolli f'salt, biex tneħħi ruħha b'idejha.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Omissis sar ħati ta' <u>stupru aggravat</u>, u ċioè talli fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali jiġifieri penetrazzjoni b'oġġett fuq persuna vulnerabbli, b'dan illi fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed [Omissis], bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Omissis, ħati talli, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ikkommetta <u>stupru aggravat</u>, u ċioè talli ġewwa l-Gżejjer Maltin, mingħajr

kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra [Omissis], liema persuna hija vulnerabbli, b'dan illi fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Omissis u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tnax (12) -il sena sa erbgħin (40) sena bir-reklużjoni, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 198(1)(3), 201(b), 202(d)(k), 208AĊ(2)(b)(ċ) u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra applikabbli li tista' skond il-Liġi tingħata fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

ILLI fil-kuntest, tal-lok, iż-żmien, fatti u ċirkostanzi msemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, u ċioè fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin, l-akkużat Omissis ordna lil Omissis biex tinża' għarwiena u tibda taqbeż b'idejja 'l fuq. Meta kienet se tesegwixxi l-ordni, Omissis talbet l-akkużat Omissis biex ma jħarisx imma huwa weġibha li d-dimonju kien ordnalu biex iħares. Wara, l-akkużat Omissis ordna lil Omissis biex iġġib xkupa u biex tpoġġi bilqiegħda fuq id-desk fil-kamra ta' bintha għarwiena, b'saqajha miftuħin. L-akkużat Omissis dar fuq Omissis, taha l-ixkupa, u ordnalha biex tippenetra lill-ommha bil-lasta ta' l-ixkupa fil-parti ġenitali tagħha. Qalilha wkoll li trid tagħmel moviment mgħaġġel sal-punt illi ommha tibda' twerżaq. Meta Omissis ma bdietx timbotta l-lasta bis-saħħa kollha, l-akkużat Omissis indaħal biex ikompli hu jippentra lil Omissis u ordna lil Omissis sabiex iżżomm lill-ommha milli tiċċaqlaq.

ILLI l-akkużat Omissis instiga dawn l-episodji moqżieża sabiex iservu ta' spettaklu għalih. Dan għamlu a skapitu ta' persuni li minkejja li qatt ma taw il-kunsens espliċitu

u liberu tagħhom għal dawn l-attivitajiet, kienu soġġettati għal imġieba ndiċenti, umiljanti u sesswalment degradanti. Esperjenzi li swewlhom qares u setgħaw swew il-ħajja ta' Omissis li hija persuna vulnerabbli. Filfatt, wara li għaddiet minn dan kollu Omissis belgħet ammont kbir ta' pilloli sabiex tkun tista' toħroġ minn tali ambjent.

ILLI l-akkużat Omissis b'qerq ħoloq ambjent konduċiv sabiex l-abitanti Omissis u Omissis jemmnu li ġewwa din ir-residenza kien hemm xi element supranaturali, liema qerq wassal lill-akkużat biex jikkommetti r-reati li jinsab akkużat bihom f'dan l-Att ta' l-Akkuża. Mentri fil-fatt tali element qatt ma kien eżista qabel ma' l-akkużat Omissis kien daħal jgħix fid-dar in kwistjoni, u dawn l-inċidenti strambi waqfu għal kollox meta l-akkużat Omissis waqaf jgħix f'din id-dar.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Omissis sar ħati li bl-użu ta' forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mil-liberta', pressjoni mhux kif imiss jew xi mġieba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, ikkaġuna persuna oħra [Omissis] sabiex tikkometti xi atti mhux kunsenswali ma' kwalunkwe persuna oħra, u ċioè talli, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin, ikkaġuna persuna oħra [Omissis] sabiex tikkometti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali, b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali ta' ġisem ta' persuna oħra [Omissis] liema persuna hija vulnerabbli, b'dan illi fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed [Omissis], u dan bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Omissis, ħati talli b'għemilu, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, f'Marsaskala, Malta, bl-użu ta' forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mil-liberta', pressjoni mhux kif imiss jew xi mġieba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, ikkaġuna persuna oħra [Omissis] sabiex tikkometti xi atti mhux

kunsenswali ma' kwalunkwe persuna oħra, u ċioè konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali, b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali ta' ġisem ta' persuna oħra [Omissis], liema persuna hija vulnerabbli, b'dan illi fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, u dan bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Omissis u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tnax (12) -il sena sa erbgħin (40) sena bir-reklużjoni, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 198(1)(2)(3), 201(b), 202(d)(k), 208AĊ(2)(b)(ċ) u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra applikabbli li tista' skond il-Liġi tingħata fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ipremetta:

ILLI fil-kuntest, tal-lok, iż-żmien, fatti u ċirkostanzi msemmija fl-ewwel żewġ Kapi ta' dan l-Att tal-Akkuża, meta Omissis daħlet ġewwa d-dar Marsaskala, ommha Omissis rrakontatilha minn xiex kienet għaddejja, għax xtaqet li ssib lil xi ħadd li jismagħha, jemminha u jikkonfortha.

ILLI f'dan il-mument Omissis bdiet ukoll tisma' ħsejjes t'affarijiet jinkisru ġejjin mid-direzzjoni fejn kien hemm l-akkużat Omissis però minn fejn kienet tinsab, hija ma setgħetx tarahom jitwaddbu. Hekk kif kienet qedgħa f'dak il-post f'dik l-atmosfera, affetwata minn dak li ommha kienet għadha kif qaltilha, Omissis ħassitha maħkuma mil-biża'. Riedet titlaq u toħroġ 'il barra minn dik id-dar, però meta ġriet lejn l-entratura, sabet il-bieb ta' barra msakkar u ċ-ċavetta ta' l-istess bieb ta' barra ma kienetx fis-serratura.

ILLI għaldaqstant Omissis u Omissis sabu ruħhom fl-impossibilita' li joħorġu mid-dar imsemmija. Sussegwentament, Omissis b'qerq u taħt il-mantra ta' spirtu, kmanda lil

Omissis u lil Omissis sabiex ineħħu ħwejjiġhom u jirrakontaw l-esperjenzi sesswali waqt li Omissis timmasturba lilha nnfisha. Kmandahom biex jimteddu rashom l-isfel u jgħidu l-Att tal-Indiema waqt li tefalhom ilma kiesaħ silġ fuq darhom, fil-bruda li x-xahar ta' Jannar iġib miegħu. Ordnalhom u bit-twerwir ġielhom jagħmlu atti sesswali mhux kunsenswali, u ċioè biex joqgħodu bilwieqfa mxarbin għasra, għarwenin u b'għajnejhom mogħttija, imissu u jerdaw sider xulxin. Dan kollu seħħ meta huwa kien fl-istess kamra mat-tfajla tiegħu Omissis li kienet minorenni, minn fejn Omissis setgħet tosserva u tisma' kollox.

ILLI inoltre meta Omissis riedet tmur għand il-psikologu Dr Giorgio sabiex tgħidlu dak kollu li kienet għaddejja minnu, l-akkużat Omissis u t-tfajla tiegħu Omissis qalulha biex ma tmurx għand il-psikologu u kmandaw lil Omissis biex hija tibqa' magħha biex jaċċertaw li Omissis ma tmurx. Din id-darba dawn l-ordnijiet ma ġewx direttament minn din il-vuċi li kienu lkoll ta' spiss jisimgħu. L-akkużat Omissis kien qalilhom li l-vuċi kienet kelmitu waħdu u għarfitu li trid hekk.

ILLI fl-isfond ta' dan kollu, l-akkużat Omissis irnexxielu jillimita l-moviment ta' Omissis u ta' Omissis fil-konfini stretti tal-fond , Marsaskala, u dana sabiex iġegħlhom jagħmlu jew joqgħodu għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħhom.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Omissis sar ħati li kkometta <u>arrest, detenzjoni, jew sekwestru aggravat kontra l-liġi</u> u ċioè illi fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Omissis u lil Omissis kontra l-volonta' tagħhom, jew ta l-post biex dawn il-persuni jiġi arrestati, miżmuma jew issekwestrati, bħala mezz biex huma jiġu mġiegħla jagħmlu atti jew joqgħodu għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħhom.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Omissis, ħati talli b'għemilu, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, f'Marsaskala, Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna [Omissis u Omissis] kontra l-volonta' tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa toffendi l-mistħija ta' dik il-persuna, u dan bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Omissis u illi huwa jiġi kkundannat għall- għall-piena ta' priġunerija minn sentejn (2) sa ħames (5) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 86, 87(1)(g) u 533 tal-Kodici Kriminali, il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra applikabbli li tista' skond il-Liġi tingħata fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat.

Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:

ILLI fil-kuntest, tal-lok, iż-żmien, fatti u ċirkostanzi msemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat Omissis permezz tal-vuċi qarrieqa li beda spiss juża, kmanda lil Omissis sabiex tibqa' fir-residenza ta' Marsaskala, żammha kontra l-volonta' tagħha u heddidha li jekk tipprova titlaq, kienu se jmutu n-nanniet tagħha. Dan it-theddid ikkawża biża' f'Omissis li se tintuża vjolenza kontriha jew il-propjeta' tal-axxendenti tagħha.

ILLI l-akkużat Omissis permezz tal-vuċi qarrieqa li beda spiss juża ordna lil Omissis sabiex titlob seba' mitt Ewro (€700) lill-konoxxent tagħha u widdibha li jekk ma tipprukrahomx, hija kienet se tissawwat matul il-lejl. Filfatt waqt li kienet minduda matul il-lejl l-akkużat Omissis ssawatha bi frostin. Il-flus kontanti sparrixew wara kwarta appena poġġiethom fuq l-ixkaffef ta' wara s-sodda, meta l-abitanti tad-dar biss kellhom aċċess għal dawn l-akkwati. Omissis ħassitha kostretta tmur tiġbed il-flus għax kienet mhedda mill-akkużat Omissis illi jekk ma tobdix, bintha ż-żgħira Omissis kienet se tisfa mingħajr swaba u b'għajnejja mifqugħin hekk kif il-vuċi kienet widdbitha! Dan it-theddid ikkawża biża' f'Omissis li se tintuża vjolenza kontriha jew fuq il-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mid-dixxendenti tagħha.

ILLI apparti dan, l-akkużat Omissis iddeċieda li jaċċentwa l-biża' u permezz ta' diversi intriċċi, ta ordnijiet lil Omissis u lil Omissis sabiex jagħmlu jew ma jagħmlux ċerti affarijiet. Taħt il-mantra ta' spirtu, kien jiddeċiedi jekk l-ordnijet kienux ġew esegwiti kif rid, u wara bl-użu ta' pressjoni mhux kif imiss u b'qerq, kien jippenalizahom u jsawwathom fid-dlam bi frostin. Il-kastigi kienu jingħataw meta huma jkunu mindudin fuq is-sodda rashom l-isfel bil-lejl. Meta l-akkużat Omissis ħoloq din l-atmosfera ta' ordnijiet u kastigi, huwa ikkawża biża' f'Omissis u f'Omissis li kienet se tintuża vjolenza kontrihom.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Omissis, sar ħati li <u>kkawża biża' lill-oħrajn li se tintuża vjolenza kontrihom</u> u ċioè illi fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'għemilu, l-akkużat Omissis kkaġuna biża' lil Omissis u lil Omissis li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuni jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, jew dixxendenti, meta huwa kien jaf jew imissu kien jaf illi din l-imġieba tikkaġuna biża'.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Omissis, ħati talli b'għemilu, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, f'Marsaskala, Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuni jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9, meta huwa kien jaf jew imissu kien jaf illi din l-imġieba se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor [Omissis u Omissis] li ser tintuża vjolenza kontrihom, u dan bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Omissis u illi huwa jiġi kkundannat għall- għall-piena ta' priġunerija minn tmintax (18) -il xahar sa erba' (4) snin jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4658.75) u mhux iżjed minn ħdax -il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 251B(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali, il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra applikabbli li tista' skond il-Liġi tingħata fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat.

Illi l-Avukat Generali fil-hames Kap ipremetta:

ILLI f'Mejju tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), l-akkużat Omissis beda' jiltaqa' ma' tfajla minorenni bl-isem ta' Omissis f'Marsaskala u fi nħawi oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin.

ILLI Omissis twieldet fit-tmienja u għoxrin (28) t'Ottubru Elfejn u Tlieta (2003) u għaldaqstant f'Mejju tal-Elfejn u Tmintax (2018) hija kellha l-eta' ta' erbatax (14) -il sena.

ILLI wara xi ftit żmien joħroġ ma' din it-tfajla, fil-ġranet u x-xhur preċedenti għad-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), l-akkużat Omissis mar jgħix magħha fid-dar Marsaskala, u ċioè r-residenza tal-ġenituri tagħha.

ILLI l-akkużat Omissis kellu relazzjoni sesswali ma' Omissis, nonostanti l-fatt li hija kienet taħt l-eta'.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Omissis sar ħati li pparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax (16) -il sena u ċioè illi fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, l-akkużat Omissis ha sehem f'attivitajiet sesswali ma' minorenni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Omissis, ħati talli b'għemilu, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, f'Marsaskala, Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kkometta r-reat ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' ta' sittax (16) -il sena u ċioè ma' Omissis, u dan bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Omissis u illi huwa jiġi kkundannat għall- għall-piena ta'

priġunerija minn sitt (6) snin sa għoxrin (20) sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 204Ċ u 533 tal-Kodici Kriminali, il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra applikabbli li tista' skond il-Liġi tingħata fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat.

Rat ic-certifikat tat-twelid tal-akkuzat esebit fl-atti a fol. 11 u mmarkat bhala Dok. EM3 minn fejn jirrizulta illi l-akkuzat twieled fid-9 ta' Lulju tas-sena 2000 u ghalhekk jinghad illi fil-granet indikati fl-akkuza, l-akkuzat kien lahaq ghalaq it-tmintax-il sena.

Rat ic-certifikat tat-twelid ta' Omissis esebit fl-atti a fol. 151 u jirrizulta illi din twieldet fit-28 t' Ottubru, 2003 u ghalhekk nhar id-29 ta' Jannar, 2019 u fil-granet u xhur t' qabel, hi kienet ghad ghandha bejn erbatax u hmistax-il sena.

Rat ukoll ic-certifikat tat-twelid ta' Omissis esebit fl-atti a fol. 150 u jirrizulta illi din twieldet fit-13 ta' Dicembru, 1998 u ghalhekk nhar id-29 ta' Jannar, 2019 u fil-granet u xhur ta' qabel, kien ghad ghandha ghoxrin sena.

Rat ukoll r-risk assessment imhejji mis-*social workers* Naomi Darmanin u Silvana Calleja datat 29 ta' Jannar, 2019 minn fejn jirrizulta mill-interrogazzjoni li huma ghamlu lil Omissis illi l-akkuzat irrizulta li kien persuna *'high risk'*.

Semghet il-provi imresqa mill-prosekuzzjoni u cioe' is-segwenti xhieda:-

L-**Ispettur Oriana Spiteri** xehdet u kkonfermat li nhar id-29 ta' Jannar 2019 kienet giet infurmata mill-Ispettur Eman Hayman li kellu rapport ta' *domestic violence* u waqt li l-vittma Omissis kienet qed titkellem mas-*social workers* hija kienet qalet li l-*partner* ta' ohtha Omissis kien qed jaghmel lehen li hija tiddiskrivi bhal dak tad-dimonju, li jordnalhom jaghmlu affarijet kontra l-volonta' taghhom, fosthom li kien dahhal xkupa fil-parti genitali t' ommha u cioe' Omissis minghajr il-kunsens u kontra l-volonta' taghha.

Fit-30 ta' Jannar, 2019 hija flimkien ma l-ispettur Eman Hayman kienu hadu l-istqarrija ta' Omissis, fejn qabel l-istqarrija (Dok. EM6)[1] kienu tawh id-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu fejn huwa kien ikkonsulta mal-avukat tieghu Dr Kris Busietta qabel bdiet l-interrogazzjoni. Din l-istqarrija kienet tirrigwarda domandi li saru lilu in konnessjoni mar-reat ta' vjolenza domestika fejn meta gie mistoqsi rigward dan l-incident, ossia dak irrapurtat minn Omissis, huwa qal li qatt ma kien ikun wahdu ma Omissis. Kienu staqsewh jekk qatt grawx xi affarijiet strambi fejn hemmhekk beda jirrakkonta fuq il-lehen fejn qal li gili semgha lehen u ddiskrevih bhala lehen ta' ragel u lehen ohxon. Zied jghid li gili anke kien ikkomunika mieghu u li mhux dejjem kien jisimghu kulhadd, jigifieri kien jisimghu hu biss. Qalilhom li darba anke l-konjugi Omissis kienu hadu ezorcista fejn dan kien ghamel quddiesa go din id-dar. Staqsewh ghala ma telaqx minn hemm, hu qal li ma telaqx sforz l-imhabba li kellu ghat-tfajla tieghu jigifieri lil Omissis kif ukoll ried jghin lill-familja Omissis. Dakinhar kienu tawh *police bail*.

Hija flimkien mal-kollega taghha kienu marru Dar Merhba Bik fejn hemmhekk kienu tkellmu ma' Omissis u din kienet emozjonata hafna. Kienet qaltilhom li god-dar taghhom u cioe' f'M'Scala kien jinstema' dan il-lehen u li dan il-lehen ma kien hadd hlief omissis li jigi l-gharus t' ohtha. Spjegatilhom li dan il-lehen kien itihom ordnijiet, isawwathom u jumilhom. Qaltilhom li darba minnhom dan il-lehen kienet ordna lilha, jigifieri lil Omissis, biex iddahhal xkupa fil-parti gentiali t' ommha u li anke ordni lil ommha tinza gharwiena, u wara sabiex taqbad din l-ixkupa u tippenetra lill-ommha biha. Bil-biza li kellha kienet qabdet din il-lasta sabiex tobdi l-ordni imma ma felhitx idahhalha fil-parti t' ommha. Qaltilhom li kienet bdiet, izda imbaghad waqfet. Imbaghad il-lehen kien ta ordni lil Omissis u dan kompla isegwi l-ordni u jdahhal il-lasta fil-parti privata ta' Omissis.

Waqt li Omissis bdiet tirrakonta din l-istorja bdiet tibki. Kienet tidher emozjonata u imkissra. Qaltilha li waqt dan l-att ommha kellha hafna ugiegh u bdiet tghajjat bl-ugiegh. Qaltilhom li wara dan l-incident bdiet tirrealizza li dan il-lehen li kien

[1] Fol. 17 tal-atti.

jinstema' kien ta' Omissis ghaliex kienet tisimghu meta Omissiskien ikun id-dar, u kien biss meta mar ighix maghhom li bdiet tisma dan il-lehen. Darba minnhom hasset daqqa b'xi haga u daret u rat lil Omissis idur bil-heffa u dahal jigri go kamra minnhom. Qaltilha li qatt ma kienet semghet xi lehen fid-dar t'ommha qabel ma ohtha Omissis bdiet tohrog mal-akkuzat. Lanqas ma semghet ilhna meta Omissiskien jghix maghhom izda kien ikun mar il-futbol,

Qalet li dakinhar li ghamlet ir-rapport, ommha kienet ghamlet *overdose* u spiccat l-isptar Monte Carmeli u dan sforz li ma felhitx tghix iktar hemm gew u kienet qalet tipo "La ma nistax nohrog" kienet belghet xi pirmli. Qaltilhom dwar incident iehor meta hija ommha u Omissis kienu reqdin f'kamra wahda u dan kif kien isir normali ghaliex il-lehen kien jiddetta li kellhom jorqdu flimkien fl-istess kamra. Kienu jorqdu f'zewg *single beds*. Omissis u omissis f'sodda wahda u fl-ohra kienu jorqdu Omissis u ommha. Darba minnhom il-lehen f'nofs ta' lejl kien ordna ilha u lill-ommha sabiex iqumu mis-sodda jinzghu l-hwejjeg u joqghodu jirrakkontaw l-istejjer sesswali li ghaddew minnhom u wara il-lehen ordnalhom biex jimteddu ma l-art, sidirhom ma l-art mindudin u jghidu l-Att ta' l-Indiema diversi drabi. Waqt li kienu qed jaghmlu hekk, xi hadd kien tefghalhom l-ilma fuqhom u wara il-lehen kien qed ighidilhom biex imorru jorqdu. Kien ikkonvincihom biex jixghelu l-fan fuqhom u jmorru jorqdu mxarrbin. Qalet li kienet ikkonvinciet ruhha li l-lehen kien ta' Omissis ghax il-lehen qatt ma kien jghati ordnijiet jew isawwat lill-ohtha, l-gharusa tieghu. L-ordnijiet dejjem saru lilha u lill-ommha.

Tghid li kienet cemplet lil *Father John* fil-knisja ta' San Gwann, dan qalilha li huwa kien isegwi l-familja Omissis bhala ezorcista pero' kien issugerixxa sabiex il-familja tmur tkellem psikjatra. Kien ikkonfermalha li verament kien ghamel quddiesa gewwa darhom. Staqsietu jekk kienx hass xi prezenza waqt li kien hemm u dan wiegeb fin-negattiv. Ikkonferma li pero' f'din id-dar kien hemm hafna tkissir.

Fis-6 ta' Frar 2019 l-akkuzat kien mar l-ghassa tal-pulizija ta' Haz -Zabbar bil-*police bail* u dan fil-kumpanija ta' Omissis u n-nannu taghha Omissis. Tghid li l-ispetttur

Hayman kien kellem lil Omissis waqt li hi kellmet lil Omissis. Hija kellmitha fil-presenza tas-*social worker* peress li kienet ghadha minorenni. Kienet haditilha l-verzjoni taghha u qaltilha dak li kienet ghaddiet minnu waqt li kienet qed tabita fid-dar tal-genituri taghha. Dak il-hin taha *panic attack* u cemplu ghall-ambulanza u giet mehuda l-isptar. Fis-7 ta' Frar, 2019 l-Ispettur Hayman ha l-istqarrija tal-akkuzat permezz ta' *audio visual* assistit minn Dr Jason Azzopardi fejn l-akkuzat innega xi involviment u l-ghada tressaq il-Qorti nhar it-8 ta' Frar, 2019.

Fid-19 ta' Novembru, 2019 giet infurmata mis-*social workers* li Omissis riedet tkellimhom u gabuha id-depot biex tkellimhom. Qaltilhom li meta xehdet quddiem il-Qorti kienet gidbet u qaltilhom li l-lehen kien ta' Omissis u li kien ghamel hekk biex jissodisfa l-iskopijiet tieghu. Fl-20 ta' Novembru 2019 kienet ressqet lil Omissis il-Qorti u akkuzatha bi spergur u cioe' li nhar l-1 t' April, 2019 kienet gidbet il-Qorti meta qalet illi l-lehen li kienu jisimghu d-dar ma kienx ta' Omissis meta fil-fatt kien il-vuci tieghu. Dakinhar irregistrat ammissjoni u kienet inghatat *conditional discharge* mill-Qorti.

In kontro-ezami hi qalet li assistiet lill-Ispettur Hayman. Hi bdiet tinvestiga mill-bidu tal-kaz u kenet taf mid-29 ta'Jannar, 2019 dwar l-abbuz ta' vjolenza domestika meta Omissis ghamlet ir-rapport. Ma tiftakarx jekk tawx *disclosure* lill-akkuzat. Mistoqsija lil min kienu kellmu, tghid li kienu kellmu lin-nannu patern Omissis u anke lil Omissis izda dawn ma gewx imharrka bhala xhieda. Taf li kien hemm tas-SOCO izda ma tafx jekk hux f'mertu t'inkjesta jew *police work*. Omissis qaltilha li ommha kienet taghmel uzu minn ouija board zmien ilu qabel ma beda jirrisjedi maghhom l-akkuzat. Omissis ma semmietx li ommha kienet taghmel il-maghmul u taf li Omissis ma kellhiex relazzjoni tajba m'ommha. Hi ma tiftakarx jekk Omissis qaltilhiex li kienet giet mitluba sabiex tigbed video t'ommha u missierha jaghmlu s-sess. Hi ma marritx fuq il-post u cioe fil-fond in kwistjoni, u ma tafx jekk l-Ispettur Hayman marx. L-ordni biex jingabru l-ixkupi, il-laptops u l-mobiles taha l-Ispettur Hayman.

**Spettur Oriana Spiteri** ngunta in difiza tghid illi kienet hi li nterrogat lil Omissis u din kienet qaltilha li l-vuci kien ta' Omissis u mhux tad-dimonju. Hi tghid illi hi kienet

sussegwentament ressqet lil Omissis il-Qorti fuq spergur peress li meta xehdet il-Qorti, Omissis kienet qalet li l-vuci kien ta' l-istess dimonju. Murija s-sentenza esebita a fol. 983 tghid li fl-okkju hemm isimha u dan ghaliex kienet hi li nvestigat il-kaz ta' spergur u li sussegwentament ressqet lil Omissis l-Qorti. Tikkonferma li Omissis ma qaltilhiex li kienet mhedda sabiex tmur ghandha.

**Spettur Eman Hayman** xehed u spjega li llum jinsab stazzjonat l-ghassa tal-pulizija tal-Imsida. Hu qal kif kien ippartecipa fl-investigazzjoni nhar id-29 ta'Jannar, 2019 dwar ir-rapport li kien dahal l-ghassa ta' M'Scala minn Omissis li kienet akkompanjata mis-*social workers* tal-Appogg, certu Silvana u Naomi. Jghid li kienu gew bir-*risk assessment* bbazat fuq dak li qalet Omissis lilhom, fejn l-akkuzat kien qed ikun vjolenti, abbusiv lejha b'mod fiziku. Jghid li irraportat li kien qed isawwatha u jghajjarha. Huwa gharaf lil Omissis fl-awla. Dan l-akkuzat kien qed ighix gewwa d-dar t'ommha u cioe' fil-fond M'Scala u dan fis-sena 2018 sa Jannar 2019. Qabel dan iz-zmien ahhari, Omissis ma kienitx tghix fid-dar  maghhom u cioe' fiz-zmien meta Omissisbeda jghix hemm. Hi bdiet tghix hemm sa minn l-20 ta' Dicembru 2018 u telqet minn hemm nhar id-29 ta' Jannar, 2019. Qabel dan iz-zmien kienet tghix man-nannu patern taghha Omissis  u dan peress li kienet qed issofri minn anzjeta' ikkagunata lilha mill-agir t'ommha.

Spjega li qabel ma gie arrestat Omissis, Omissis kienet tisma l-ilhna u rrizulta skond ma qalet Omissis li l-lehen kien tal-akkuzat u dan kien jordnalha x'kellha taghmel, tahsel 'l hawn u 'l hemm u affarijiet ohra simili.  Tghid li l-akkuzat beda jaghti ordnijiet lill-familja kollha biex jaghmlu certu atti anke sesswali.  Li gieghla taghmel l-att tas-sess ma ommha bl-ixkupa u li kellha tbewwes lill-ommha, li kellhom jinzghu gharwenin u kien ighidilhom jghidu l-Att tal-Indiema u waqt ir-ritwal kienu jispiccaw imxarbin b'xi barmil ilma . Qaltlu li aktar ma ghadda z-zmien indunat li dan il-lehen kien il-vuci tal-akkuzat.

Fit-30 ta' Jannar, 2019, l-ghada tar-rapport ta' Omissis huwa kien baghat ghall-akkuzat u staqsih jekk kienx vjolenti ma Omissis u dan kien cahad kull akkuza li kienet saret

fil-konfront tieghu. Kien qallu pero li x-xitan kien dahal fil-hajja taghhom ta' kuljum tant li anke talbu qasis imur id-dar u jaghmel quddiesa hemm. Qal li abbazi ta' din ix-xhieda li kellu hass il-htiega li jmur ikellem lil Omissis li dak iz-zmien kienet qed tinzamm f'*shelter* ghaliex kienet emozzjonalment imkissra. Dak in-nhar kien sar ir-rapport fejn Omissis spjegat li dan il-lehen kien ordni lilha u lil ommha sabiex jinzghu gharwenin u sabiex imorru igibu xkupa u idahhluha fil-parti privata ta' xulxin. Hija ma felhitx taghmel hekk u l-lehen kien ordna lil Omissisbiex ikompli idahhal l-ixkupa fil-parti tal-omm. Qaltlu li ghaliha l-vuci kien ta' Omissis u fil-fatt Omissis segwa din l-ordni. Qalet li darba minnhom hasset daqqa' ta zarbun f'wiccha u meta daret rat li kien Omissisli garalha z-zarbuna u kien qed jigri ghal go kamra.

Huwa ghalhekk mar ikellem lil Omissis l-isptar Monte Carmeli u din ikkonfermatlu li kienet qed tisma' dan il-lehen u li ma felhitx iktar u kkonfermat l-incidenti spjegati minn Omissis. Qalet li kienet tisma dan il-lehen biss gewwa darha. Qalet li l-affarijiet bdew fil-festa ta' Santa Marija 2018 izda eskalaw meta Omissis marret tghix maghhom f' Dicembru 2018. Qalet li ix-xitan ried li Omissis terga' lura id-dar. Qal li Omissis kienet qaltlu li meta marret tghix ghand il-genituri taghha nhar l-20 ta' Dicembru 2018, minnufih dak in-nhar stess bdiet tisma il-lehen.

Omissis rega gie mitkellem din id-darba mhux fuq vjolenza domestika izda fuq abbuz sesswali. Jghid li Omissiskien qallu li fil-passat omm Omissis, Omissis kienet tipprattika l-affarijiet relatati ma l-ezorcismu u kellha xi pupi u xi Ouija board u deher li din Omissis kienet jew uriethomlu jew tkellmet dwarhom. Jghid li Omissisdeher bezghan.

Nhar is-7 ta' Frar, 2019 hu ghamel spezzjoni fid-dar fejn kien jghaddi hafna hin Omissis u ra li kien hemm hafna tbattil. Kien hemm il-gwardarobbi u kxaxen vojta. Gew elevate numru ta'xkupi u dawn gew mghoddija lis-SOCO ghall-eżamijiet forensici. Ittihded l-istqarrija tal-akkuzat u ghaliha kien deher Dr Jason Azzopardi jassistih. Jaf ukoll li l-akkuzat kien qallu li kien cempel lil Omissis u qalilha sabiex ma tghidx certu diskors ghax kienet tqieghdu fl-inkwiet. Mistoqsi ghaliex kien talab lil

Omissis biex ma titkellimx fuq abbuz sesswali meta hu kien kellmu biss fuq vjolenza domestika, Omissisma kellux risposta x'jaghti.

Tkellem ukoll ma Omissis u dan ikkonfermalu li meta l-akkuzat kien id-dar kienu jinstemghu l-ilhna pero' meta telaq jghix minn maghhom l-ilhna waqfu. Qal li meta kien jkun hemm l-ilhna fid-dar, Omissis dejjem kien ikun id-dar maghhom, anke meta kienu jinkisru t-tazzi Omissis kien ikun id-dar.

Ikkonferma li meta gie imhejji ir-*risk assessment mis-social workers* tal-Appogg Omissis ma kienx gie mitkellem qabel. Qal li meta tkellem mal-akkuzat l-ewwel darba fit-20 ta' Jannar 2019 kien kellmu fuq vjolenza domestika u swat ma kienx kelmu fuq l-abbuz sesswali jew stupru. Fit-tieni stqarrija li ha ta' l-akkuzat huwa kellmu wkoll fuq ir-reati aktar serji ta' stupru u abbuz sesswali. Jghid li l-akkuzat kien infurmah li Fr John Vella kien mar iqaddes quddies ghand il-familja Omissis biex jaghmel l-ezorcismu. Qal li hu lil qassis ma kellmux izda kienet kellmitu lis-Spettur Oriana Spiteri. Dwar Omissis jghid li irrizultalu li dan huwa habib tal-omm Omissis u kellmu f'Lulju, 2019. Dan tal-ahhar qallu li kien ikun prezenti id-dar meta kienu jinqalghu dawn l-affariijiet fid-dar. Jikkonferma li l-Inkjesta Magisterjali ma saritx minkejja li kien hemm rapport dwar stupru.

Jghid li Omissis kienet qaltlu li fuq il-mobile taghha kien hemm zewg *videos* li kienu jinvolvu l-genituri taghha li kienu qed jaghmlu atti sesswali ma xulxin, liema att sesswali kien proprju sehh kif dejjem qed tispejga din Omissis wara li kien instema' lehen li kien proprju ordna biex il-genituri jaghmlu dan l-att sesswali fid-dar. Minnufih hadu l-mowbajl phone taghha u dan gie mghoddi lil ex PS 422 u minn hemmhekk raw id-data li proprja harget fejn kien jirrizulta li verament kien hemm dan l-att registrat. F'wiehed minnhom l-omm tidher fuq il-mejda tal-kamra tal-pranzu u l-missier kien qieghed quddiemha jippenetra. Dak li deher fuq il-*video* huwa proprju dak li iddiskriviet Omissis u l-persuni jintgharfu mill-wicc. Dan il-*video* hu dak li pprezenta ix-xhud PS 422 Neil Caruana u cioe ic-CD markata bhala dok NC1.

Hu kkonferma r-ricevuta li l-pulizija kienet tat dwar il-*mobile phone* li gie elevat minn fuq il-persuna ta' Omissis. Huwa ghamel referenza ghal kopja tas-sentenza li nghatat fil-konfront ta' Omissis fuq spergur fejn kienet instabet hatja fuq ammissjoni taghha stess u nghatat *conditional discharge* nhar l-20 ta' Novembru 2019, liema sentenza tinsab esebita fol.983.

Jghid li fl-ewwel interrogazzjoni li ghamel lill-akkuzat hu tah *disclosure* biss fuq tal-vjolenza domestika. L-allegazzjonijiet li saru f'dan ir-rigward gew innegati mill-akkuzat. Dan ta' l-ahhar ammetta li kien jghix f'dik id-dar u ddeskriviha bhala wahda tat-twerwir. Peress li kien hemm l-omm Mount Carmel saqsih kienx hemm xi haga hazina, u dan tah elogju shih fuq il-vuci. Hu qal li ghandu rispett kbir lejn Omissis . Sussegwentament tah il-police bail u mbghad l-akkuzat mar ghall-apuntament nhar is-7 ta' Frar, 2019, meta ttihditlu t-tieni stqarrija u cioe' dik audio-viziva.

Hu jikkonferma li mar ma l-Ispettur Oriana gewwa Dar Merhba Bik fejn Omissis rrakuntat sensiela ta' incidenti. Qaltlu wkoll li kienet tkellmet ukoll mal-psikologa taghha Dr Louisa Eminyan. Irrizultalu li Omissis marret tghix fid-dar f M'Scala, nhar l-20 ta' Dicembru, 2018, meta bdew isehhu affarijiet stambi bhal jmur id-dawl, tisma l-ilhna, tinghata l-ordni sabiex titnaddaf il-kamra ta' Omissis u sabiex Omissis u ommha jissugettaw ruhhom ghall-abbuz bhal per ezempju meta gew ordnati li jinzghu gharwenin fejn hi u ommha kienu gew mitluba sabiex jirrakkuntaw l-esperjenzi sesswali taghhom. Giet ordnata wkoll sabiex toqghod ma ommha b'sidirha mil-art u jghidu l-Att tal-Indiema u dak il-hin gie mixhut l-ilma fuqhom u l-lehen ohxon kien ordna sabiex jinxtghel il-fan fuq in-numru tlieta.

Omissis irrakkuntat kif indunat illi l-akkuzat kien ix-xitan u kien jaghti l-ordnijiet anke meta giet ordnata tifillmja lill-genituri taghha jaghmlu s-sess bejniethom. Ix-xhud jikkonferma li ra dan il-video fuq il-*mobile* ta' Omissis meta l-omm kienet fuq il-mejda tal-kamra tal-ikel u Omissis kien qed jippenetraha.

Il-missier ma kienx jaf fejn qieghed dak iz-zmien ghax irrizulta li kien gie mkecci mix-xitan. Irrizultalu mix-xhieda ta' Omissis li Omissis ma kienitx tigi affetwata u in effetti Omissis *broke down* meta giet mitluba ddahal l-ixkupa fil-parti privata t' ommha. Kien dak il-hin li l-akkuzat ha l-inkarigu sabiex jippenetra lil ommha biz-zokk tal-ixkupa. Dak il-hin l-omm bdiet twerzaq bl-ugigh. Sussegwentament biex tahrab ix-xitan l-omm belghet ammont ta' pirmli u spiccat rikoverata Mount Carmel.

Bejn it-30 ta' Jannar, 2019 u is-7 ta' Frar, 2019 ix-xhud kellem lil Omissis gewwa l-isptar Monte Karmeli u din ikkonfermatlu li kellha twemmin li jezisti x-xitan. Hu tkellem ma Omissis f'Monte Karmeli u rrakuntat l-istess incident ta' tmesmis u t'ilma. Kien hemm anke fident fejn il-lehen ordna li kellhom jinxtraw zewgt igriewi sabiex Omissis terga tmur d-dar. Omissis kienet temmen li x-xitan kien jidhol f'Omissis u kienet temmen li Omissiskien tifel kwiet. Nhar il-15 t' Awwissu, 2018 instema' l-ewwel darba il-lehen tax-xitan, Omissis kienet ghadha ma tghix maghhom u l-lehen beda jghidilha sabiex Omissis terga tigi tghix maghhom. Omissis kienet temmen hafna fix-xitan u kienet tiehu sehem f'certu ritwali minn zmien qabel. Kienet xtrat *voodoo dolls, Ouija boards, dancing rods* u affarijiet relatati '*to invoke a demon*'. Kienet irrakontat b' dan kollu lil Omissis. Kienet ilha taghmel dan minn xi ghaxar snin qabel izda qatt ma kien kellimhom ix-xitan qabel. Kien anke gie mitkellem Father Vella minn l-Ispettur Oriana izda li dan ma kien ra xejn straordinarju meta kien fid-dar.

Fis-7 ta' Frar, 2019 l-akkuzat kien mar ghall-appuntament ga ffisat u kien tah *full disclosure* inkluz fuq l-abbuzz sesswali. Jghid li in segwitu kien mar fid-dar flimkien mal-akkuzat u x'hin wasslu fuq il-post l-akkuzat beda jirtried u kien bezghan. Jghid li fil-*main bedroom* uzata minn Omissis kollox deher f'postu izda fil-kamra fejn kien jorqod l-akkuzat, kien hemm tbattil totali. L-akkuzat kien qallu li kien battal il-kamra minhabba x-xitan u dan wara li kien gie mitkellem minnu nhar it-30 ta' Jannar, 2019. Il-lasti tal-ixkupi kienu ngabru mill-pulizija tad-distrett u ghaddewhom lil tal-Forensika. Kien ha decizjoni li ma tinfetahx inkjesta u kien qal hu stess li kien ilu ftit xhur biss jahdem ta' Spettur.

Matul l-interrogazzjoni zvolga li Omissis kien interessat fil-futbol u kien hemm sfida/challenge fl-20 ta' Dicembru, 2018 u cioe' meta Omissis kienet dahlet fid-dar u dan ma kienx mar ghalkemm din l-isfida kienet tinteressah hafna. L-akkuzat kien innega kollox fl-interrogazzjoni. Minn Mount Karmel kienu qed jircievu diversi telefonati fejn kien qed icempel Omissislil Omissis u din kienet tohrog imbaqbqa. Filwaqt li nnega kollox kien qal lill-Ispettur li kien cempel lil Omissis sabiex jghidila ma ssemmi xejn dwar is-sess. Ix-xhud kien saqsih ghaliex kien semma l-allegat abbuz sesswali meta dan precedentament kien kellmu fuq vjolenza domestika biss u hemmhekk l-akkuzat wehel u ma kienx kapaci jwiegeb. L-akkuzat beda jghidilhom li kienu arrestawh ghalxejn. Hu kien semma li kien hemm xi affarijiet strambi fl-ewwel interrogazzjoni. Mistoqsi x'kien innota hu fid-dar kien qal li kien hemm telqa, kien hemm tlett iklieb u l-hmieg taghhom. Il-gwardarobbi kellhom certu riha li bhal speci ilhom ma jigu wzati.

Ghal bidu Omissis emmnet li l-lehen li bdiet tisma kien tal-ispirtu izda mbghad innutat li meta Omissisma jkunx hemm ma kien jigri xejn. Bdiet taghmel is-somom go mohha bhal per ezempju taqla' daqqa' u Omissisikun vicin, fil-manuvra li kien ghadu kemm gara oggett. Kien hemm il-Malti tieghu, flok jaghmel lehen ohxon ikun hemm lehen ta' Omissis. Il-lehen jekk kellu funzjoni kienet biex ikun hemm ordnijiet u jkun hemm akkwist finanzjarju.

Omissisfl-ewwel stqarrija semma li saru xi affarijiet izda cahad li l-vuci kienet tieghu. It-tmesmis li kien sar bejn l-omm u t-tifla sar ghax kien hemm ordni mix-xitan. Hu kien ghamel xi *police work* fejn bazikament kienu saru xi *extractions* tal-mobiles li jinsabu esebiti l-Qorti.

Hu ma setax jintralcja lil Omissis ghal bidu izda mbghad ma tellghux jixhed ghax fuq ordni tax-xitan hu ma kienx baqa' jghix fid-dar ta' M'Scala. Omissis ma setax jinstab u Omissis ma giex mitlub jixhed lanqas.

In kontro-ezami hu qal li kien ghadu kemm jibda bhala spettur u l-affarijiet ingabru w gew elevati nhar is-6 ta' Frar, 2019. Rigward jekk jiftahx inkjesta jew le, hu ma kienx ha parir mill-Avukat Generali. Dak iz-zmien kien jaf dwar in-natura tal-inkjesta izda ma fetahiex. Hu ma hassx il-htiega li kellu xi haga x'jippreserva f'dak l-istadju. Hu kkonferma li mar fil-fond ta' Omissis u din id-dar hija roza. Hu gabar kull xkupa li kien hemm. Mistoqsi gabarx ir-*recorder* ta' Omissis, hu qal li le. Semma wkoll li ma hassx il-htiega li jeleva il-*ouija board* li sab fuq il-post. Ma ttihdux *finger prints* minn fuq is-salvavita minkejja li kien joqghod jaqta' id-dawl. Ma jidirlux li sabu frostin u lanqas ma sab ilbies ta' sorijiet. Fit-tieni stqarrija hu qal li kien tah *disclosure* minkejja li mhux *recorded* fl-istqarrija, filfatt jghid illi huwa qatt ma jirrikordja d-*disclosure* fl-istqarrijiet li jiehdu. Father sataniku bl-isem ta' Anthony hu kkonferma li ma kellimx. Lin-nannu Omissis kien sabu izda ma kienx jaf b'dan it-tahwid li kien qed isir allura ma hassx il-htiega li jressqu bhala xhud. In-nannu fl-ebda hin ma semmilu xi maghmul. Meta eleva l-*laptop Dell* li ghandu l-istickers fuqu, hu jghid li dan kien ta' Omissis u nstab fid-dar ta' Omissis. Hu ma staqsiex lil Omissis dwar dan u kien inhatar Stephen Farrugia Sacco sabiex jaghmel l-ezamijiet fuqu. Dak li qaltlu Omissis ma rrizultalux mill-laptop. Il-laptop kien fizikament accessibbli ghal kulhadd u ma kellu l-ebda password. Hu ma staqsiex lil Omissis jekk kienitx tidhol fuq xi siti. Omissis kienet qaltlu li ommha tqabbadha l-anzjeta' bl-attitudni taghha u ma kienitx tkun tista' tiffunzjona tajjeb fl-istudju. L-istorja ta' bejn Omissis u Omissis li tinvolvi xkupa kienet irrakuntata Omissis meta kienet qedgha Mount Carmel. Wara dan l-incident Omissis kien qala' kommossjoni u qata' idu w anke marru l-pulizija izda dan il-fattur ma hassx li kellu jigi nvestigat. Omissis kienet qaltlu li kellha problemi mar-ragel taghha rigward infedelta', ma qaltlux li kienet kellmet lil *kellimni.com*. Hu ma nvestigax il-bicca ta' *kellimni.com*. il-problemi kienu fuq l-infedelita' u ppruvat issolviha bix-xjaten.

**Spettur Eman Hayman** ingunt mid-difiza gie mistoqsi min kien prezenti meta Omissis marret sabiex taghti d-dikjarazzjoni u tbiddel il-verzjoni taghha gewwa l-ghassa ta' Haz-Zabbar, jghid li hu ma kienx prezenti u li ghalhekk zgur li Omissis ma qaltlux li kienet mhedda sabiex tmur hemmhekk dakinhar.

**Omissis** xehedet li llum il-gurnata ghandha erbgha u ghoxrin sena (24) sena. Hi studenta l-MCAST u tistudja l-Graphic Design. Kienet ghamlet rapport l-ghassa tal-pulizija gewwa M'scala fil-kumpanija ta' zewg (2) *social workers* li ma tiftakarx x'jisimhom. Kienet ghamlet dan ir-rapport fil-bidu ta' Frar 2019. Dak iz-zmien kien ghadha qed tghix fid-dar tal genituri taghha gewwa M'Scala. Kienet tghix ma ommha Omissis, ohtha Omissis li hija hames snin izghar minnha, dak iz-zmien maghhom kien jghix ukoll Omissis. Dan jigi l-ex boyfriend t'ohtha. Kienu jorqdu kollha flimkien go l-istess kamra. Dak iz-zmien missierha kien jghix mal-genituri tieghu gewwa fond differenti go M'Scala wkoll. Meta kienet tghix m' omma, missierha kien imur izurhom izda mhux hafna.

Qabel dan iz-zmien kienet tghix man-nanniet paterni taghha. Fix-xhur ta qabel ma marret tghix m' omma, missiera u ohta kienu qalulha li kienu qed jisimghu xi ilhna id-dar. Lil familja taghha meta kienet ghadha qed tghix man-nanniet ma kienitx tmur tarahom id-dar imma meta kienet tiltaqa maghhom kienet tara lil ommha dghajfa. Darba ommha nfatti kellha *black eye*. Darba Omissis qaltilha biex tmur id-dar tara zewgt igriewi li kienu gabu. Dan kien nhar l-20 ta' Dicembru, 2018. Hi marret u qadet titkellem m' ommha gewwa l-kamra tal-ikel isfel. Omissis u Omissiskienu fuq, u f'daqqa' u l-hin semghet lehen jghid 'tpejjipx' u dan indirizzat lejn ommha. Qalet li l-lehen kien jixbah lil ta' Omissisizda jaghmel vuci li jbezza. Infatti l-ewwel mistoqsija lil ommha kienet dan kienx Omissis, hi qaltilha li le. Il-vuci kienet tixbah lil ta' Omissisizda kienet tad-dimonju. Hi riedet titlaq izda kien hemm vuci li bdiet tghid li Omissis riedet torqod hemm. Hin minnhom il-vuci qaltilha li jekk titlaq kien ser joqtol lin-nanniet taghha. Hi ghalhekk baqghet id-dar. Din eskalat minn li Omissis kellha torqod hemm mhux dakinhar biss izda ghal gimgha shiha. Hi xtaqet titlaq imma min kien hemm prezenti kollha emmnu li dan kien ix-xitan. Il-vuci mbghad ordnala li titla fuq u tiehu *shower* m'ohtha. Hi kienet mghaggla ghax kienet qed tibza hafna. Omissisqalilhom li kien tefa in-nar li kien hemm fuq karta forma ta'salib, skont ma nntqal lilha. Hi harget tigri flimkien ma Omissis.

Hi libset il-hwejjeg t'ommha imma mhux certa jekk hux propju dak il-hin jew hux iktar tard x'hin marru fil-kamra. Omissis qaltilha sabiex isakkar il-bieb ghax ix-xitan ma jidholx minn bibien imsakkra. Hin minnhom faqqghet is-salvavita u spiccaw bla dawl. Hi bdiet tisma skiken jissenew wara l-bieb. Il-vuci qaltilha sabiex tiftah il-bieb inkella kienet ser twegga'. Dak il-hin id-dawl kien ghadu mitfi, kienu flimkien fis-sodda u ohtha bdiet izommha. Kienu ghadhom qed jisimghu s-skiken jisennew. Il-vuci qaltilha meta tghodd in-numri u tasal ghan-numru 3, ix-xitan '*is going to slit her throa*t'. Tiftakar il-frazi '*Omissis wasslitlek is-siegha'* . Hi bdiet titlob sabiex tara x'setghet taghmel minflok. Dak il-hin hassitha ser tmut. F'daaqa u l-hin semghet is-skiken jaqghu mil-art u Omissisfetah il-bieb u gie jigri fil-kamra. Ma tiftakarx ezatt x kien qal imma xi haga fis-sens li kien ghadu kemm salvahom. Dak il-hin kienu ghadhom fuq is-sodda. Hi tghid li kienet fethet il-bieb hi meta kien beda jheddida b'hajjitha. Hi ma tafx x kien liebes Omissis. Il-vuci ordnatila sabiex imorru fis-sallott/ fil-*living room*. Il-vuci ordnatila li kellha tixrob certu ammont ta' tazzi ta' whiskey. Din l-ordni giet diretta lejha u lejn ommha. Dak il-hin kien hemm hi, ommha, Omissis u Omissis. Hi tahseb li kellha toixrob madwar hames (5) tazzi whiskey. Dak iz-zmien ma kienet tixrob xejn u spiccat fis-sakra fi zmien qasir u bdiet tghid il-kliem 'thallunix immut'. Hi ntilfet minn sensiha u ma tafx ezatt x' gara. Missierha dakinhar kien qieghed ghand ommu u missieru ghax il-vuci hekk kien ordnalu. Missierha kien jemmen kollox u ma kienx jaghti kaz. Hu kien jibza ghalih innifsu. Tiftakar li missierha dakinhar mar ghal ftit minuti u nduna li xi haga kienet ghaddeja. Ma kienux qed jghidulu ezatt x'kien ghaddej. Ma tafx dakinhar semax il-vuci imma gili sema l-vuci. Omissis beda jiddispjaciha ghaliha u bdiet izzidila l-ilma mal-whiskey izda baqghet timxi mal-ordnijiet tal-vuci. Qas tiftakar lilha nnfisha tmur torqod, tiftakar li bdew jipprovaw itellawa fuq. Tiftakar li qamghet fil-hwejjeg t'ommha minghajr hwejjeg ta' taht. Omissis qaltilha li kienu hasluha hi u Omissisghax bdiet tiremetti ma kullimkien. Omissis uritha *videos* taghha fis-sakra. Dan l-incident sar ghal habta tal-20 ta' Dicembru, 2018 u baqghet hemm sat-3 ta Frar.  Hi baqghet hemm ghax hekk kien ordnalha l-vuci. Mistoqsija jekk kienx hemm ordnijiet ohrajn, hi qalet kien hemm ordnijiet sabiex isir tindif, ma setghetx tohrog minghajr permess u jekk tohrog tircievi telefonati li l-vuci per ezempju kien ser iwegga' lil ohtha jekk ma tirritornax id-dar.

Darba minnhom il- vuci qaltilhom li kien ser jahraq id-dar jekk ma tirritornax. Darba minnhom il-vuci wkoll taghha ordni sabiex tirritorna lura lejn id-dar meta harget mal-gharus taghha Dimitri.

Mistoqsija mill-Qorti kienitx tigi msawwta ija wiegbet fl-affermattiv, kemm hi u anke ommha u dan per ezempju ghax ma jobdux xi ordnijiet. Kienu jigu mgghela jitilghu fuq, jitilghu fis-sodda, wicchom l-isfel, jattu rashom bl-imhadda u jigu msawwta bi frosta. Omissiskien xtara frosta u kien qalilhom habba l-klieb. Darba minnhom kienet qed tiknes u sabet il-frosta taht is-sodda ta' Omissis. Hi kienet tigi msawwta fuq il-parti t'isfel ta' gisimha. L-iktar li kienet tigi msawwta kienet ommha, mbghad hi, u kienet tisma lil Omissisjghajjat u jaghmilha ta' bilhaqq li anke hu kien qed jigi msawwat. Darba minnhom il-vuci qalilhom sabiex jghattu wicchom bl-imhadda u mid-dawl li kien diehel mill-gallarija setghet tinnotta lil Omissisjaghti mal-hajt bil-frosta u jghajjat qisu qed jigi msawwat. Kienet tigi kkastigata ta spiss per ezempju l-vuci ma thallijiex tmur l-iskola, kien jghidilha li kien ser jitterminala r-relazzjoni taghha ma l-gharus ukoll. Darba minnhom heddida li kien ser jaqtala il-qiegh ta saqajha. Darba minnhom qalilha wkoll li ser jifqa' ghajnejn ohtha. Mistoqsija jekk gilix kien ikollha marki tas-swat tghid li iva. Ommha kienet tkun miksija u hi kien ikollha wkoll f'saqajha. Ommha tant kemm kienet tkun gravi li gisimha iktar kien ikun kulur vjola milli kulur naturali taghha. Hi tiftakar li hi u ommha biss kienu jigu msawwta .

Meta il-lehen kien jornda xi haga kulhadd kien jismaha. Meta kienu jisimghu l-vuci waqt li kienu isfel u Omissiskien ikun fuq, konna nisimghuha min-naha tat-tarag. L-ewwel gimghat li kienet irritornat id-dar, kienet migbuda lejn ohtha ghax hi kellha power biex tghid lid-dimonju ma jweggahix. Missierha kien indifferenti dwar dan u ommha tant kemm kienet abbuzata b'mod sever li ma setghetx taghmel wisq biex tipprotegihom. Ommha diga' kienet tbati minn dipressjoni u facilment kienet tigi manipulatta. Hi kienet l-ikbar vittma u ma setghetx tghinhom.

Is-swat kienet tircivih fil-kamra t'ohti. X hin tidhol fid-dar t'ommha, faccata kien hemm it-tarag. X'hin titla it-tarag, fuq ix-xellug hemm kamra tal-banju u zewgt

ikmamar tas-soda. Fuq il-lemin kien hemm kamra tal-banju ohra u kamra tas-sodda ohra zghira li propja kienet taghha izda l-vuci kien jordnalhom jorqdu flimkien fil-kamra t'ohtha.

L-gharus taghha Dimitri kien mar id-dar darba biss. Omissiskien qalilha darba li l-ispirtu qallu sabiex hi tiehu lil gharus taghha hemm hekk u taghmel is-sess mieghu. Qabel dakinhar kienet ghadha ma ghamlitx sess mieghu. Dakinhar li l-gharus mar ghandhom, Omissisqalilha li id-dimonju kien irrabjat ghax hi ma kienitx laqqathom mal-gharus u ghalhekk inghatat ordni. Omissis u Omissis kienu fis-sodda, deheru li kienu reqdin. Izda l-vuci kien gej minn fejn Omissiskien mindud. Ommha u hi gew ordnati jirrakuntaw l-esperjenzi sesswali li huma kellhom. Ommha kienet minduda fis-sodda, u hi kinet bil-wieqfa faccata s-sodda. Il-vuci ordna lil ommha tqum u tmur hdejha. Hi bdiet issaqsi lil ohtha sabiex tghina izda l-vuci qalet li kien ghamel speci ta' *spell* sabiex Omissis u Omissis ma jisimawhomx. Hu ordna li hi u ommha jilghabu man-nippliet ta xulxin. Hi tiftakar li hi ma riditx, izda l-vuci qaltilha li din kienet normali ghax hekk jaghmlu t-trabi lil ommhom. Hi ghamlet hekk ghal xi zewg sekondi izda ommha ma ghamlitiliex hekk. Dakinhar stess wara dan l-incident giet ordnata wkoll li huma kellhom jimteddu mil-art gharwenin. Dan kien fl-ahhar ta' Dicembru u kienu qed ihossu l-bard. Il-vuci qalilhom sabiex jghidu l-Att tal-Indiema u sabiex jirrepetuha diversi drabi. Hin minnhom hassew hafna ilma fuqhom, bhal donnu barmil ilma fuqhom. Hi kienet vera mxarrba u kienet bezghana. Hi kienet qed tahseb biss sabiex kif ser jirnexxila tibqa' hajja sal-ghada filghodu. F'punt minnhom huma thallew iqumu minn mil-art ghaliex l-art kienet mimlija ilma. Kienu ordnati jmorru jorqdu izda bil-fan mixghul fuqhom. Kienet imbezza wisq sabiex tghid biex jintefa l-fan. Is-*setting* kien kiesah, infatti kien is-setting ta qabel tal-ahhar. Hi ma tkellmet ma hadd dwar dan l-incident hlief mal-pulizija.

Xi jiem wara Omissisbeda jaqbad maghha fuq l-esperjenzi sesswali li hi rrakuntat. Kienu qalulha li d-dimonju kien qal lil Omissisb' kollox. Darba minnhom kienet minduda fuq is-sodda flimkien m'omma, Omissis u Omissis.  Omissiskien qal lil ommha li d-dimonju qalilha sabiex tinza l-hwejjeg u li hu kellu jibqa' jhares lejha. Kien

ordna sabiex tingieb xkupa u xi cream mill-kamra tal-banju. Omissisqal lil ommha sabiex timtedd fuq l-iskrivanija. Din kienet faccata s-sodda. Omissisbeda jagixxi li bhal li kiku ommha kienet taf x'ser jigri. Hi giet ordnata tpoggi l-lasta tal-ixkupa gol-vagina t'ommha u ordnalha tibda ccaqlaq il-lasta. Hi ma riditx u bdiet iccaqlaq il-lasta bil-mod. Hu ordnalha biex tinbotta l-gewwa iktar. Sa dan il-hin Omissis u Omissis bdew iharsu biss. Omissisgie urtat u ghalhekk ha l-lasta min idha u beda jaghmel movement aggressiv. Ommha bdiet twerzaq bl-ugigh. Kien intuza cream li tahseb li hu xi *face cream*. Mistoqsija minn fejn saret il-penetrazzjoni tghid li minn quddiem u minn wara mhux certa. Tghid li dan gara ghal madwar ghaxar minuti jew kwarta. Ommha lmentat qabel, bdiet din il-bicca xoghol, izda Omissisqalilha li din diga kienet ghamlitha. Hi dakinhar semghet lil Omissisjitkellem allegatament f'isem id-dimonju. Omissiskien qieghed jaghmel '*smirking*'. Mistoqsija jekk tiftakarx kienx hemmxi haga paranormali ssehh hi qalet li le. Il-vuci kienet tixbah hafna lil dik ta' Omissisizda wahda li tbezza. Il-vuci kienet tigi minn direzzjoni li jkun hu. Darba ma bediex ihares lejhom izda hi setghet tarah mill-mera u rat xufftejh jiccaqalqu filwaqt li semghet il-vuci. Darba minnhom Omissiskellu t-training tal-futbol u hi baqghet id-dar wahedha. Hi bezghat izda meta ma kienx hemm Omissisma gara assolutament xejn. Il-vuci kienet tordna affarijiet li jakkomodaw lil Omissis u lil Omissis. Bhal per ezempju sabiex issajrilhom ommha jew tixtri xi libsa lil Omissis. Il-vuci kienet titkellem bil-Malti biss. Hi qatt ma semghet lil Omissisjitkellem bl-Ingliz u hi kienet ordnata li titkellem bil-Malti biss gewwa id-dar, xi haga li ghaliha kienet skomda. Xi kultant konna naqbdu lil Omissisjaghhmel certu affarijiet bhal per ezempju jwaddbilhom xi haga. Meta jikkonfrontawh kien jghidilhom li d-dimonju setgha jiehu l-forma tieghu. Ghal bidu hi emmnet izda mbghad bdiet tghid li kien hemm wisq ko-incidenzi . Tghid li hi u ohta ma kellhomx l-istess karattru. Hi gili semghet lil ohtha tghid li ghandha dipressjoni.

Darba minnhom Omissiswaddab zarbuna fid-direzzjoni taghha, izda ma setghetx twahhal fih ghax kulhadd kien izomm mieghu. Hi wegghet u telghet fuq fil-kamra iz-zghira u ssakret. Ppruvaw igibu turnavit biex jifthu. Imbghad gie in-nannu u fethitlu

u qaltlu li Omissiskien waddbila zarbuna, qaltu sabiex ma jghid lil hadd izda dan qal lil kulhadd.

Sussegwentament il-vuci qaltilha sabiex titlaq fuq fil-kamra ma Omissis u l-vuci qaltila sabiex twaddablu xi haga. Hu ghajjat lil Omissis u lil Omissis u qalilhom li d-dimonju kien ha l-forma taghha. Wara kien ghamel dan lil ommha wkoll.

Louisa Eminyan kienet il-psikologa taghha. Hi kellha appuntament maghha meta kienet qed tghix ghand ommha u l-vuci ma hallitiex tmur. Hi kienet qaltilha lil Louisa li l-genituri taghha kienu *overly strict* u ma riduwiex tmur. Dak iz-zmien kienet ghadha temmen li l-vuci kien id-dimonju. Hi qalet li lil Omissiskienet ilha tafu ftit xhur. Ohtha ma kienitx ilha iktar minn sena mieghu dak iz-zmien. Ghal bidu hi ma kienitx tafu. Murija l-screen hija gharrfet lil Omissis fl-Awla. Il-vuci kienet tkellimha meta hi kienet tkun ma Omissis, ohtha u ommha. Il-vuci kienet tkun dejjem l-istess. Meta kien jghix maghhom, Omissiskien jaghmel kwazi jum shih jilghab il-*playstation*. Meta kienu jigu garati oggetti, mhux dejjem kienet tara lill-akkuzat. Kien hemm ftit sitwazzjonijiet fejn Omissiskien jghidilhom iwaddbu xi affarijiet lil ommhom. Meta kienu jigru dawn l-affarijiet generalment kien ikun hemm hi, ohtha, ommha u Omissis. Kien hemm xi ftit episodji fejn missierha kien hemm ukoll.

Meta l-gharus taghha kien mar id-dar, wara kienet irritornat fil-kamra maghhom u Omissiskien talabha tirrakonta dak kollu li kienet ghaddiet minnu. Omissis gieli kien jghinha tnaddaf u ssajjar ukoll. Mitoqsi x kien hemm fil-kamra t'ohtha hi tghid li taf li kien hemm fan, desk, hwejjeg ta' Omissis u Omissis. Il-hwejjeg t'ommha kienu fil-kamra tas-sodda li qabel kienu jorqdu fiha ommha u missierha.

Murija video esebit minn PS 422 hi tghid li missierha u ommha kienu gew ordnati mid-dimonju sabiex imorru fil-gnien ta wara u missierha jkollu x'jaqsam maghha. Omissiskien qalilha sabiex imorru fil-kamra tal-banju u mit-tieqa titfa d-dawl fuqhom. Omissisbeda jordnalu biex ikollu sess m'ommha b'mod aktar aggressiv. Huma ukoll gew ordnati sabiex jaghmlu l-att sesswali fuq il-mejda tal-ikel. Kien hawnhekk li ix-

xhud gibdet il-video. Ma tiftakarx hux il-vuci dirett jew Omissisli kien ta' din l-ordni. Hi zammet dan il-video fuq il-mobile ghaliex kienet taf li setghet tuzah bhala evidenza.

Illum il-gurnata ohtha ma kienitx ghadha qed tohrog ma Omissis. Ohtha kienet tafda hafna lil Omissis u dan tal-ahhar kien jghidilha li ohtha kienet thoss sess salvagg. Mistoqsija ghaliex ma kienitx tghix ghand ommha qabel, hi spjegat li ommha kienet tbati minn dipressjoni u d-dar kienet *unhealthy environment* ghaliha. Hi wara li ghamlet ir-rapport ittihdet go *shelter* u wara go *home* u rritornat lura d-dar madwar sena wara l-incident.

Meta kellha madwar  tmien (8) snin, ommha kienet taghmel uzu minn oujia board u kellha wkoll kollezzjoni ta' pupi li kienu *haunted*. Hi taf li kien mar qassis ibirek id-dar izda mhux fi zmien li kienet tghix maghhom hi. Qabel marret tghix m'ommha ma kelliex relazzjoni tajba maghha minhabba t-trobbija li kellhom, izda meta marret tghix maghhom wara l-incident hi rrealizzat li kollha kienu ghaddew minn dan kollu flimkien u ngibdet lejha. Lil Omissis kienet tikkomunika maghha bil-messaggi. Hi kienet qalet lil Omissis li kienet ommha li dejjqitha u mhux ix-xitan. Mistoqsija fuq messagg li jirrigwardja habel u fejn kienet qalet lil Omissis li mhux se ttiha xeba bil-habel hi biex ma tmurx il-habs, hi tghid li ma tiftakarx. Hi kienet taghmel uzu mill-laptop t'ommha. Ma tiftakarx jekk dan kellux fjuri fuqu. Hi kellha access ghad-dokumenti kollha li kien hemm fuq il-laptop. Mistoqsija gieli ratx xi video fuq dan il-laptop bl-isem '*nude for satan*'' hi qalet li definittivament le. Hi tghid li  dan id-dokument qatt ma ratu.

Mistoqsija jekk f'xi zmien ommha kienitx qaltilha li kellha suspett li hija tqila, hija wiegbet li iva u tikkonferma li kienet qalet lil ohtha li huma ma jaffordjawx irabbu tifla ohra. Tgjhd ukoll illi hija qalet li lil ohtha qaltilha li ahjar joqtlu l-*baby* pero aktar tard ikkonfermat li qalet hekkmhux ghax tobghod it-trabi izda ghaliex bis-swat li kienet taqla' ommha l-*baby* seta' gie maqtul. Hi taf li ommha tkellmet ma qassis.

Mistoqsija jekk ommha tkellmitx fuq kellimni.com hi tghid li ma tafx u ma ratx email li kellimni.com kienu baghtu lil ommha.

Hi taf li ommha kienet tmur ghand sahhar imma ma tafx x'jismu. Hi kienet taf li ommha kienet ghamletxi maghmul fuq in-nies. Izda, hi ma tafx fuq min kienet ghamlet maghmul. Ma tahsibx li kien sar maghmul fuq Omissis. Tiftakar meta Omissis kien mar id-dar u beda jaqta' idejh bix-xafra. Hi izda tghid li ma kienitx hemm. Hi tghid li rat *silhouette* ta' Omissis f'wiehed mill-incidenti. Mistoqsija ghaliex ma kienitx ghamlet referenza ghas-*silhouette* quddiem l-Ewwel Qorti, hi tinsisti tghid li kien Omissis. Hi tghid li bdiet tinduna li l-vuci kien Omissismadwar gimgha wara li kienet sfurzata tghix maghhom. Hi kienet tohrog ghall-iskola matul dak iz-zmien. Setghet titkellem ma xi hadd dwar dan. Lil gharus taghha ma kienitx tghidlu dwar is-*supernatural*. Hi kienet tibza minn Omissis. Tikkonferma li ommha kienet tant imbengla li kienet vjola. Hi ma hassitx il-htiega li tghidilha tmur tara tabib. Kienet titkellem m'ommha li kienet stramba li dawn l-affarijiet dejjem kienu jigru meta Omissiskien ikun madwarhom. Ommha wkoll kienet tahseb li kienet stramba, izda hi kienet konvinta li d-dimonju kien *attached* ma Omissis. Spjegat li hi qatt ma kienet hadet ritratti tal-griehi taghha minkejja li kellha madwar erbat elef (4000) ritratt fil-mobile. L-gharus taghha ma kienitx tghidlu kif graw it-tbengil u li kienet tghidlu li hi titbengel facilment. Hi kienet taf li ommha fittxet l-ghajnuna ta' psikjatra u kienet tghidilha hi stess biex tmur. Hi tiftakar li ommha kienet hadet *overdose* iktar minn darba. Darba minnhom Omissis qaltilha li ma kienitx *overdose* ghax ommha kienet bezqet il-pilloli madankollu hi ma tiftakarx il-perjodu ta'dan l-incident. Ommha ppruvat tikkommetti suwicidju diversi drabi u ghalhekk ma tafx dwar dan l-incident b'mod specifiku. L-idea li tingieb l-ixkupa kienet tal-vuci jew ta' Omissis. Suggerit lilha li Omissis kellu wiccu mghotti waqt li hija ppenetrat lil ommha bl-ixkupa hi tghid li mhux vera. Mistoqsija jekk ommha saqsitx lilha jew lill-vuci sabiex jiqfu, hija wiegbet li iva. Ommha kienet qaltilha li din il-bicca xoghol kienet saret ma Omissis ukoll u hi ma kienitx id-dar dakinhar. Meta kienet tisma l-affarijiet jinkisru hi kienet tkun isfel. Ma kienitx tkun taf ezatt fejn kien ikun Omissis imma xi flixken kienu jigu mitfghuha minn fuq. Meta semmiet il-barmil hi semmitu ghax hasset li l-ilma kien gej

mill-barmil. Hi tikkonferma illi meta kienet qed tghix m'ommha, missierha ftit li xejn kien jigi. Fir-rigward tal-*video* fejn ommha u missierha qed jaghmlu is-sess fuq il-mejda tal-kcina, hi tghid li riedet tuza din l-evidenza sabiex turi l-affarijiet li kienet imgghela taghmel. Meta bdiet tigbed il-*video* bdiet tghid li tixtieq tiqaf u xejn ma kien qed jidher. Hi ma qalitx lil Omissisbiex jiqaf ghax omma u missierha ma kienux ser jipproteguha. Hi tghid li ma tiftakarx li nhar it-28 ta' Jannar, 2018 Omissis saqsiet lil Omissis jekk Omississetax jorqod maghha ghand in-nannu, waqt li hi u cioe' Omissis torqod fuq is-sufan. Hi wegbitha li setgha jaghmel dan meta ried. Mistoqsija li fil-mobile taghha hemm video datat 1 ta'Marzu, 2019 hi tispjega li dan il-video kien relatat ma xi *assignment*. L-MCAST kien hemm post abbandunat u kienet il-habiba taghha li gibditilha din il-*video*. Ghaliha dan il-video deher cool u ttihed wara l-incident in kwistjoni. Kellhom jaghmlu *assignment* zghir fuq suggett li riedu huma. Meta kien mar id-dawl u marret is-salvavita, hi tghid li Omissisjew ommha marru jixghelu din ghax hi kienet tinsab terrorizzata m'ohtha fuq. Dakinhar kienet ghadha ma tafx li kien Omissis u mhux id-dimonju.

**Omissis** xehdet illum qalet li hi mizzewga lil Omissis. Tghid li ghandha zewgt itfal jisimhom Omissis u Omissis li ghandhom 24 u 19 rispettivament. Omissis kien l-ex boyfriend ta' Omissis li kien jghix maghhom minn Mejju 2018 sa l-ahhar ta' Jannar 2019. Ix-xhud indikat tramite l-monitor lill-akkuzat fl-awla. Omissis kellha 14-il sena meta bdiet tohrog mieghu u llum r-relazzjoni spiccat. Omissis u l-akkuzat kienu jiggieldu ghax hu kien possessiv u kien jghir ghaliha. Issemmi li Omissisgili taghha daqqiet fuq wicc Omissis. L-ewwel tlett xhur tar-relazzjoni taghhom kien okay, izda mbghad beda jikkmanda u jiddetta. Kien anke jordna lilha sabiex tnaddaf, issajjar, meta ghandu jsir ix-xiri tad-dara u affarijiet hekk. Omissisgili kien isajjar id-dar tal-fmilja Omissis u kien disokkupat. Hi kienet tkun ix-xoghol u filghaxija meta tigi kienet issibu fil-kamra ta' Omissis. Finanzjarjament ma kienx jassistiha.

Fis-sena 2018 kienu jghixu fid-dar taghha flimkien maghha Omissis, Omissis u Omissis. Omissis dak iz-zmien kienet ghadha qed tghix man-nanniet. F'Santa Marija 2018 kienet rieqda fuq saqqu u bdiet thoss ilma niezel fuqha u zraben gejjin fuqha.

Omissisbeda sejjer 'ummi ma' x'qed jigri' u hi twerwret. Riedet tmur it-toilet u l-lehen qalilha sabiex tmur taghmel fil-gallarija. Bdiet tisma ilhna minn naha tal-komodina fejn kien jidher li kien rieqed Omissisghax wiccu kien lejn il-komodina. Il-vuci beda jghid li Omissisghandu l-powers u li ser ikun isalvazzjoni tal-familja. Omissis ma kienitx taf x'inhu dan il-vuci. Il-vuci qaltilha sabiex tinzel gharkubbtejha u tghid l-Att tal-Indiema. Hija filfatt dakinhar kienet ghamlet fil-gallarija u in segwitu nizlet gharkubbtejha tghid l-Att tal-Indiema.

Kienu d-dar kollha u l-vuci bil-Malti qalilha li kien qed jiehu gost li hi kienet obdiet. Meta kienet tisma l-vuci kienu jkunu Omissis, Omissis, Omissis u hi. Meta Omissiskien imur it-training ma kienitx tisma l-vuci.

Il-vuci qalilha sabiex tmur tixtrilhom burger mill-McDonalds u Omissisqalilha skuzani imma l-spirtu hekk qalilha. F'Ottubru beda l-iswat ahrax bil-frosta. Fuq darha u kuxxtejha kienet taqla is-swat. Kien jghidilha jekk tpejjep illejla nikkastigak. Il-lehen ta' ragel semeghtu meta kien hemm Omissis u Omissis. Dejjem kien ikun l-istess lehen. Ma setghetx tara min ghax kien ikollha wiccha mal-imhadda. Darba minnhom ma raqditx u hasset xi haga u dahlet diffrejha f'Omissisghax kien qieghed imissha u dan ghamel lehnu propja. Hi daret fuqu u hu qalilha li kien rieqed. Hi kienet tghid lil Omissis x'kien ghaddej id-dar u kienet qaltilha anke fuq is-swat. Il-lehen qalilha li jrid kelb kbir u xtraw kelb Doberman. Qalu lil Omissis tigi tara lil dan il-kelb u semghet lehen jghidilha sabiex tibqa' hemm inkella jekk tmur ghand in-nanniet joqtolomlha. Dan kien madwar l-20 ta' Dicembru, 2018.  Mbghad taf li marru jixorbu l-whiskey. Is-sekwenza nesitha, imma tiftakar li kienu ordnati jixorbu ammont kbir ta' whiskey. Hi ma tafx x'gara u spiccat stenduta fuq is-sodda ghax ix-xorb johodha hafna. Wara li ssakkar il-bieb u ma setghetx issib c-cwievet. Hi bdiet tiftah it-tieqa tas-salott  sabiex Omissis taqbez il-barra izda il-lehen qalilha sabiex ma tmurx. Wara x-xarba whiskey hi marret torqod u ma tiftakarx x'gara l-ghada.

Darb' ohra meta l-vuci giet mill-kuritur u ordnatilhom sabiex tingieb xkupa sabiex tidahhal fil-parti taghha. Darb ohra l-ixkupa dahlet fil-warrani ta' Omissis ukoll. Ma

tafx min dahhalilu ghax kellhom ghajnejhom maghluqin. Prezenti d-dar kien hemm Omissis u Omissis ukoll.

Darba minnhom il-vuci ordnalha torqod fil-main bedroom u l-vuci ordna lil Omississabiex jattilha wiccha u jivgaha. Hi nehhiet il-blindfold u rat lil Omissisjigri izda meta kkonfrontatu qalilha li hu dejjem fejn Omissis kien u din tal-ahhar ikkonfermat dan.

Darba il-lehen ordnat lilha u lil Omissis sabiex igibu xkupa. Hi qadet fuq id-desk gharwiena b' saqajha miftuhin u l-vuci ordna lil Omissis iddahhal l-lasta fil-parti privata t'ommha. Hi kienet ghamlet il-cream ta' nivea biex ikollha inqas ugigh peress li din ma kienitx l-ewwel darba maghha. Omissis qalet 'No' mill-ewwel u dan qabad il-lasta u beda jdahhal il-lasta bis-selvagg. Imbghad ghamlilha wkoll minn wara u taf li weggghet hafna. L-ghada ma tiftakarx x'gara.

Omissis baqghet sal-ahhar ta' Jannar ghax il-vuci ma kienx ihalliha tmur. Hi kienet taqla' daqqiet u darbtejn anke Omissis qalathom. Hi kienet tkun vjola u sewda. Darba bil-frosta anke giet milquta hdejn ghajnejha. Darba Omissis giet milquta bil-frosta fejn xufftejha. Darba Omississkellu daqsxejn ahmar ma dahru imma ma ratux aqla' id-daqqiet. Omissis qatt ma kellha daqqiet. Lejn l-ahhar ta' Jannar kienet qed tinzamm ostagga u Omississkien ghamlilha barmil sabiex taghmel toilet fil-kamra. Kien qed johdila l-flus u l-lehen sahansitra kien qalilha li kien ser johdilha l-paga kollha hu. Kienet ghamlet xi flus fuq l-ixkaffa fil-kamra ta' Omissis, din sakemm daret biex tkellem lil Omissis, l-Ispirtu ha l-flus. L-Ispirtu halliha tmur tihu l-medicina, belghet sitt pilloli sabiex tmur Mount Carmel. Hi cemplet bil-cordless l-ambulanza u minn barra semghet lil Omissis u lil Omissis jghajjtu. Omissis qalet lil Omississwaddabha t-tarag u filfatt semghet il-hsejjes ta' xi hadd jaqa' it-tarag. Gew tal-ambulanza u haduha tigri lejn l-isptar. Kien mar Omissis, Omissis u anke Omissis u Omississjarawha gewwa l-isptar. Omissis kien irrekordja l-vuci u Omississkien beda jsabbat u jibki sabiex dan ma jurihx lil pulizija ghax il-vuci tixbah lil tieghu u ghalhekk Omissis qabad il-mobile u sabbtu mil-art. Meta x-xhud irritornat lura d-dar fl-ahhar ta' Frar kienu hi u Omissis

biss. Omissis kienet go shelter waqt li Omissis kienet ghand in-nannu. Omissiskien arrestat u dam arrestat xi tlett xhur.

Omissis kellha psikologa ghax kienet tbati bid-dipressjoni. Hi taf li kien hemm social worker bl-isem ta' Omissiselle Boffa. Hmistax-il sena ilu kienet taghmel il-magic. Ma Omissis kienet ippratikat il- *ouija board* u ma kien gara xejn. Hi kienet tixtri anke pupi haunted u kienet tkellimhom. Kienet tkellimha lura pupa wahda biss li hi tahseb li hi gimmick. Hi kienet qalet lil Fr John Vella sabiex jaghmel quddies. Meta mar jaghmel il-quddies id-dar taghha hi kienet Mount Carmel minhabba l-iswat. Meta kienet Mount Carmel l-ohrajn kienu jghidulha x'kien qed jigri id-dar u li kollox kien sew, izda meta marret lura kollox rega' l-istess. Omissis marret darbtejn tarha u kienet tidher hosbiena. Kienet tinteressaha s-sahha taghha.

F'Ottubru 1999/2000 kienu qalbu s-siegha ghax-Xitwa u rat l-arlogg jaqleb is-siegha wahdu. Hi kienet tmur ghand *fortune teller* bl-isem ta' Anthony D. Dan ma kienx qassis u kienet tmur ghandu l-Belt. Hu kien qalilha li bejn Novembru u Jannar il-quddiem kien ser ikollha l-Qorti minhabba xi haga li kien ghamel haddiehor. Omissis kien habib taghha li ltaqghet mieghu Mount Carmel f' 2017. Sussegwentament hi laqqatghu mal-familja taghha.

Fir-rigward il-vuci li kienet gejja minn wara l-mera, din kienet fil-kamra ta' tfal. Tikkonferma li l-vuci kien jaghti ordnijiet lilha u lil Omissis. Kien sahansitra jghidilhom sabiex jinzghu gharwenin. Darba minnhom ordnalhom jinzghu u jirrakontaw fuq attivitajiet sesswali lil xulxin u Omissis ma ridietx. Omissisqal lil Omissis sabiex taqbez gharwiena waqt li kienet fil-gallarija u qaltlu le u allura qalilha sabiex taqbez hemm gew. Omissisqalilha li l-vuci ordnatlu sabiex hu jibqa' jhares lejha. Hi kienet tkecci lil Omissis u hu kien jghidilha li ser jitlaq izda mbghad Omissis taghmel xenata u hi kienet iccedi. Dimecus huwa l-*fortune teller* li semmiet qabel. Meta Omissis kienet marret id-dar kellha gharus bl-isem ta' Dimi. Ma tantx kienet ilha mieghu u Omissisqalilha li l-Ispirtu qalilha li kellha ggibu d-dar u tmur mieghu. Huma kienu qaghdu fil-kamra z-zghira. Omissis kienet tohrog izda per ez xi nofs

siegha wara Omissiskien jghidilha sabiex icemplilha halli din tirritorna. Ghal bidu kienet tobdi izda mbghad ma baqghetx tobdi ordinijiet. Omissiskien hallas ghal kelb, gabu d-dar u kien jiehu hsiebu hu. Kien hallas ghalih bejn seba' mija u tmien mija. Il-lehen kien qal lil Omissis sabiex igibilha seba' mitt euro. Darba Omissis ma setax u qalghet daqqa f'ghajnejha. Wara Omissis kien gabhomla u gimgha wara kien dahal il-kelb.

Hi fethet qalbha mal-Father izda qatt ma kien ghaddilha numru ta' tabib. Il-lehen sparixxa illum. Minn Frar 2019 'l hawn hi ma regghetx semghetu u l-affarijiet ma jiccaqalqux fid-dar. Omissis u Omissisma kienu jmorru mkien, dejjem bin-nervi Omissisfuq il-*playstation* u Omissis fuq il-*mobile*. Omissisma tantx kien ihalli lil Omissis tmur l-iskola. Huma kienu jorqdu kollha fl-istess kamra, b'zewg sodod imissu ma xulxin. Kien hemm fan u desk faccata s-sodda fost ohrajn. Kienu gharwenin u Omissiskien qalilhom sabiex jorqdu bil-fan mixghul. Omissis keshet u qalilha tilbes, izda hi kellha tibqa' gharwiena. Mbghad meta rat li raqdu sew tefghet il-fan u libset.

Omissis u Omissisiltaqghu c-cinema bejn April u Mejju 2018. Omissisdahal l-ewwel darba d-dar fl-1 ta' Mejju, 2018. Ommu kienet qaltlu jekk jibqa' ma Omissis hu ma gsetax imur lura d-dar. Hi ma tafx ghaliex ommu kienet qaltlu hekk. Omissis u Omissiskellhom relazzjoni intima. Hi qatt ma kienet rathom izda Omissiskien jghid li Omissis thobb sess salvagg. Omissis dejjem siekta u ma tghid xejn. Hi qatt ma talbet spjegazzjoni u hu ma kienx jelabora.

Murija l-laptop Dell bil-fjuri hi tghid li dan kien ta' Omissis ghax hi kienet thobb taghmel l-istickers. Laptop iehor li hu *plain* qalet li tahseb li kien taghha. Dan kien juzah kulhadd u kien ikun *f'dining room*. L-iehor tal-fjuri kien ikun fuq u kienu juzawh Omissis u Omissis. Murija video fejn l-akkuzat qed jaghmel numru ta' mistoqsijiet lix-xhud, hi tikkonferma li dan kien Omissis u l-lehen donnu taghha, madankollu hi tichad li kellha dawn il-konversazzjoni ma Omissis. Mistoqsija fejn kienet fl-1 ta' Frar, 2019 hi tghid li kienet Mount Carmel. Meta kienet hemm bdiet il-medicina ta' *border personaility disorder*. Murija video iehor fejn deher id-dlam u xi graffiti mal-hajt, hi

tghid li dan ma jfisser xejn ghaliha. Murija l-lasti tal-ixkupi esebiti hi tghid li Dok 207 u 202 huma l-ixkupi li kienet tiknes bihom. Il-lasta tat-tigra Dok 203 kienet xtratha lil Omissis. Fir-rigward tal-incident tal-ixkupa tghid li din kienet tal-injam u jista' jkun kien Dok. 202 jew 208.

In kontro-ezami tghid illi ir-relazzjoni ta' Omissis u Omissis fil-bidu deheret wahda b'sahhitha li kienu jinhabbu u li kienu ffissati fuq xulxin. Mistoqsija ghaliex biddlet il-verzjoni taghha  llum, tghid li qabel ossessjoni kienet tarha imhabba, izda llum tarha differenti. L-ewwel darba li xehdet kienet qalet li kienet trawmattizata izda lill-Ispettur ma kienitx qaltlu li mhux f'puzizzjoni li tixhed. Meta Omissis u Omissiskienu temmu r-relazzjoni ta' bejniethom, hi vera kienet baghtet messaggi lil Omississabiex jergghu jirrangaw. Hi kienet qaltlu wkoll li diga xehdet izda kien jonqosha terga tixhed. Tinsisti li qalet li ser tixhed il-verita'. Mistoqsija jekk quddiem l-Ewwel Qorti kienitx xehdet il-verita' hi spjegat li lejliet li kellha tixhed l-ewwel darba, kienet il-bahar u rceviet telefonata minn Omissis tibki sabiex hi ma tinkriminax lil Omissispermezz tax-xhieda taghha ghaliex inkella kienet ser taghmel suwicidju. Ghalhekk hi ppruvat tghattilu kemm tiflah lil Omissisquddiem l-Ewwel Qorti.

Murija certu messaggi skambjati kif jidhru f' Dok JC1 tikkonferma li kienet hi li baghtithom lil Omissis. Mistoqsija jekk kienitx qalet lil Omissis sabiex jaghmel kuntatt ma Omissishi qalet li jista' jkun. Mistoqsija jekk kellhiex access ghal-*Messanger* ta' Omissishi tghid li kienet iccempel lil missierha mic-cellulari tieghu meta kienet Mount Carmel. Tghid li hi u Omissis kienu jiggieldu hafna. Il-glied li kien ikollhom kien jaffethwaha psikologikament. Omissis kien jerfa idejh fuqha izda qatt ma bengilha. Mistoqsija talbitx l-ghajnuna, hi tghid li marret l-Appogg. Mistoqsija kienitx talbet ghajnuna *'online'* fuq *kellimni.com,* tghid li semghet b'din is-sit izda ma tafx uzathiex. Mistoqsija rigward il-vuci ghaliex ma talbitx l-ghajnuna ta' *kellimni.com*, hi qalet li ma setghetx. Tghid li kienet tmur ix-xoghol izda kienet tihu hafna *sick leave* u spjegat li fuq ix-xoghol ma kienitx ghal qalbha. Lil Omissis ukoll kien iwaddablu l-ilma l-ispirtu. Murija l-video fejn hi u Omissis ghamlu s-sess fuq il-mejda tal-kcina tghid li dakinhar l-ispirtu ordnalhom jaghmlu hekk. Mistoqsija jekk kienux imorru jaraw xi

films hi tghid li darba marru jaraw il-film '*the nun*'. Hi ma xtaqitx tara dan ghax tibza mill-'*horror films*'. Minkejja dan hi sa ftit qabel kienet ghadha qed tuza r-rodds u meta dahal Omissisghamlithomlu. Fis-sena 2013 kienet ghamlet maghmul minn fuq l-internet lil wahda li kienet toqghod vicin taghha. Hi tinnega li qatt ghamlet maghmul lin-nannu jew lil Omissis. Hi tiftakar l-incident fejn Omissis qata' idejh, tiftakar ukoll meta Omissis kien ippenetrat bi xkupa tal-injam. Wara li giet mfakkra li a fol. 449 tal-process hemm mnizzel li kienet hi li hi dahhlet l-ixkupa gewwa l-warrani ta' Omissis tghid li mela jista' jkun li kienet hi. Hi tghid li kellha *vibrator* u manetti d-dar.

Ir-relazzjoni taghha ma Omissis iddeterjorat maz-zmien ghax meta giet Omissis qisha warrbitha. Jista' jkun li Omissis kienet affetwata mill-infedelta' taghha. Hi ssostni li Omissis ma kienx il-mahbub izda biss habib. Kien ragel twajjeb u kien iffissat fuqha. Omissis kien jaf li hi habiba ta' Omissis. Darba minnhom kellha bzonn xi flus u Omissis rrifjutha li jtiha u ghalhekk talbet lil Omissis. Il-paga kienet ghadha qed tirceviha meta kien ghad hemm Omissisid-dar. Hi kkonfermat illi quddiem l-Ewwel Qorti hi kellha tghawweg il-verita'.

Murija zewg *videos* mir-rapport tal-espert Stephen Farrugia Sacco fejn Omissis u Omissis kellhom argument fil-parapett. Hi tghid li kien hemm prezenti wkoll Omissis imma ma tiftakarx jekk kienx hemm Omissis. Hi ma tiftakarx jekk dakinhar il-vuci hallijhiex tohrog. Omissis kien jghidilha 'x'mort dahhalt fid-dar' u dan b'referenza ghal Omissis u hi kienet tghid 'xi tridni naghmel la Omissis tridu hemm'. Hi tghid li remiet il-pupi kollha fis-sena 2018. Hi kellha *recorder* imma kienet hassret kollox minn fuqu u ddistruggiet ir-*recorder.* Mistoqsija kemm kien hemm incidenti bl-ixkupa tghid li kien hemm tlieta u fl-ewwel tnejn kien hemm prezenti hi, Omissis, Omissis u Omissis. Mistoqsija meta kellmet lil Omissis l-ahhar kien f'Settembru 2019. Hi tghid li kienet tiehu gost tfittex affarijiet *haunted*. Hi tghid li kienu joghgbuha l-affarijiet *haunted* izda ghal xi zmien bdew idejquha. Rigward Anthony D hi tghid li kienet kollega taghha fuq ix-xoghol li qaltilha li kien qassis sataniku. Qalet li Omissis kienet haditilha ritratti tad-daqqiet li kellha ghax Omissishekk kien ordnalha. Meta dahlet Mount Carmel hemm irrapurtat li hija kellha *black eye*. Hija tghid li qrat fil-gazzetti

x'gara fil-Qorti l-bierah. Hi issa qed tghid li l-laptop tal-fjuri jista' jkun taghha. Hi tghid li *blue films* qatt ma rat u anqas *Nude for Satan* ma rat. Anthony D qatt ma wrieha xi films ta'dan it-tip u tghid li kellha x'taqsam mieghu .

Meta telqet mill-Qorti, wara li kienet tat l-ewwel xhieda taghha hi tkellmet ftit dwar dan il-kaz ma Omissis. Fl-ewwel xhieda hi qalet li Omissiskien mghotti bil-gverta u bil-kutra waqt li kienet qed tidahhal lix-xkupa fil-parti private t'ommha. Dan ghaliex fl-ewwel xhieda taghha ridet tattilu kemm tiflah lil Omissis. Hi tikkonferma wkoll li lil Father John kienet tmur tkellmu fil-qrar. Gili kellimha wkoll barra l-qrar sabiex tersaq lejn Alla u zzomm il-boghod mid-dinja tal-Ispirti. Hi qalet lil *ouija board* kienet uzata sabiex titkellem m'ohtha mejta. Hi ma tiftakarx li kienet kellmet lil Fr John fuq l-infedelta'. Dak iz-zmien hi konvinta li l-vuci kienet spirtu. Hi darba qalet li rat qisha *silhouette* ta' soru fl-indana tat-tarag b'salib f'idha. Meta rat lil dan is-*silhouette* kien hemm Omissis u Omissisfid-dar. Meta Omissis kienet tghix ghand in-nanniet ma kienitx taf li mhux qedgha sew. Darba minnhom il-vuci kien qalilha sabiex tohrog u tirritorna b'reda f'ghonqha. Hi harget, iltaqghet ma wiehed u marret mieghu u wara susspettat li kienet tqila. Omissis kienet qaltilha li ma tistax izommha t-tarbija. Hija ma xehditx dwar dan quddiem l-Ewwel Qorti ghax sthat u ma ratx li kien hemm il-htiega. Fl-incident fejn Omissis qata' idejh, kienu gew il-pulizija fuq il-post u kienu kellmuha izda nesiet x'kienu qalu. Qatt ma tkellmu hi u Omissis fuq il-possibilta' li l-ispirtu seta' kien Omissis. Hi kienet qalet li Omissiskien cemplilha u qalilha sabiex iccempel lil Ispettur u tghidlu li hu ma kienx qabad l-ixkupa.

**Emily Abela** xehdet ghan-nom ta' Melita plc giet murija dokument a fol. 952 fejn tikkonferma l-IP address 777125392 lil min jappartjeni. Qalet li dak iz-zmien bejn 20,22,23 ta' Jannar 2018 u u 2, 3 u 29 ta' Frar, 2019 dan l-IP address, li huwa *unique ID*, kien jappartjeni lil xi hadd li ghandu l-karta ta identita numru 139470(M) u din kienet installata fir-residenza M'Scala.

**Omissis** xehedet illum u qalet li ommha jismha Omissis u missierha jismu Omissis. Hi qalet ukoll ghandha ohtha jismha Omissis. Hi kkonfermat li kellha relazzjoni ma' Omissis u li llum il-gurnata hija ma ghadiex mieghu.

Qalet ukoll li kienet ilttaqghet mieghu f'Mejju 2018 gewwa ic-cinema. Ghal-ewwel ftit zmien Omissis kien jorqod ghandhom u beda jghix ghandhom b'mod regolari minn Gunju 2018. Kienu jghixu hi, Omissisflimkien ma ommha u missierha. Omissiskien imur l-MCAST izda iktar kien ikun jilghab il-playstation id-dar.

Darba marru jaraw il-film 'The Nun', hi, Omissis, ommha u Omissis. Meta marru lura d-dar udan kien lejliet il-festa ta' Santa Marija, Omissis beda jaghmel l-ilhna u ghamel lizar fuqu sabiex jipprova jbezzahom. Hi dakinhar ma tafx ezatt x'qal. Pero kienet certa li kien hu li libes il-lizar u li ghamel l-ilhna. Fl-20 ta' Dicembru 2018, Omissiskien xtara zewgt iklieb  u hi giet mitluba mill-vuci sabiex tghid lil Omissis sabiex tmur ghandhom u tara l-klieb. Dakinhar, hi taf li Omissis marret ghandhom u waqt li kienet hemm semghet lehen tghid lil ommha sabiex ma tpejjipx. Omissis saqsiet dan kienx Omissis u ommha qaltila li jixbhu imma le ma kienx Omissis. Il-vuci kien qal lil Omissis li riedet taghmel lejl hemm u kellha tibqa' hemm minkejja li hi ma ridietx. Hi tghid li dan il-vuci kien Omissis. Dakinhar hi, ohtha, ommha u Omissis telghu fuq.

Tiftakar li kien hemm okkazzjoni meta ommha u ohtha gew ordnati mill-lehen sabiex jixorbu  l-whiskey. Hi tghid li ohtha sikret u rremetiet u b'hekk kellha tahsilha u anke libsitha l-pyjama. Tghid li hi kienet haslitha u Omissis kien maghha fil-kamra tal-banju sakemm hi haslitha.

Tghid li ghal bidu Omissis kien *boyfriend* tajjeb izda mbghad kien sar aggressiv u jimponi fuqha. Skola ma kienx ihalliha tmur u ma kienx ihalliha tohrog wahedha. Hi tghid li meta Omissis ma kienx ikun id-dar, id-dar kienet tkun kwieta. Tiftakar li darba bdew jitwaddbu it-tazzi. Hi kienet tara lil Omissis isawwat lil ommha u lil ohtha bil-frosta li kien xtara sabiex isawwat il-klieb. Lil ohtha kien isawwatha fuq saqajha izda lil ommha kien isawwatha kullimkien sahansitra darba minnhom anke fuq wiccha.

Meta Omissis ma kienx ikun hemm ma kienitx tisma vucijiet. Huma u cioe' hi, Omissis, Omissis u ommha kienu jorqdu kollha flimkien fuq zewg sodod fil-kamra taghha. Meta Omissis kienet giet ordnata sabiex torqod hemm, il-vuci kien qalilha li jekk titlaq kien joqtlilha n-nanniet paterni.

Darba hi u Omissis kienu fuq is-sodda u ommha u ohta telghu fuq. Ommha kienet giet mgghela tinza u qadet fuq id-desk, gabet xkupa u Omissis giet mgghela idahhal il-lasta tal-ixkupa fil-parti privata t'ommha u bdiet taghmel hekk bil-mod. Izda Omissisqalilha sabiex tghaggel iktar u ha *over* hu u beda jcaqlaqha b'mod aggressiv. Ommha bdiet twerzaq u twegga'. Hu wara kien ghamlilha hekk minn wara ukoll.

Darba l-vuci ordnat lil Omissis ggib il-*boyfriend* taghha u taghmel is-sess mieghu u hekk ghamlet. Dawn kienu marru jaghmlu dan fil-kamra iz-zghira. Hi spjegat kif kienet ghamlet sess ma Omissis diversi drabi. Hu fis-sess kien ikun *rough*. Dak iz-zmien kellha erbatax-il sena. Ma kienitx tiftah qalbha m'ommha u m'ohtha dwar dawn l-esperjenzi.

Ommha meta kienet zghira kienet tilghab bil-ouija board u tixtri l-pupi online. Hafna drabi l-arlogg kien idoqq fit-3 dejjem. Ohtha kienet qelbet Musulmana u darba kienu wahedhom u kienu jinstabtu l-gwardarobbi u kienu jibzghu. Dan hafna qabel dahal Omissis id-dar. Missierha dak iz-zmien kien ghadu jghix maghhom izda r-relazzjoni taghhom ma kienitx wahda tajba ghax ommha kienet tmur ma rgiel ohrajn. Gieli anke kienet tohodha maghha waqt li hi kien ikollha x'taqsam ma rgiel ohrajn. Darba marret ghand wiehed Haz-Zabbar u lilha kienet nesitha ommha. Tghid kif dejjem kienet tkun wahedha jew man-nanniet. Omissis ghamlet zmien izzewget u marret tghix Ireland u dak iz-zmien dejjem kienet tkun wahedha. Ir-relazzjoni ma missierha mit-tip li ma jitkellmux hafna. Hu dejjem jiggieled maghhom u jimponi fuq ommhom per ezempju 'Omissis ghamilli kafe'' Hi grata li ghandha lil ohtha li tista' tkellimha ghax ommha ma tismahiex u minflok tghidilha sabiex tibla l-pilloli.

Meta kienet tielgha Form 4, kien hemm wahda toqghod hdejhom u wara xi zmien it-tifla ta' din il-mara ma rdietx tkellimha. Hi kienet rat lil ommha mar-ragel ta' din il-mara u ommha kienet ghamlet maghmul lil din il-mara. It-tfal l-iskola ma bdewx ikellmuha u ommha tant kemm giet hazin li belghet il-pilloli u xorbot l-alkohol u giet *overdose.* Darba minnhom cemplitilha mix-xoghol ommha u qaltilha li kienet ser taghmel xi haga u l-istess marret ghaliha l-ambulanza u wara haduha Mount Carmel. F'Jannar 2019 regghet belghet il-pilloli u giet *overdose.* Dakinhar Omississwaqqa' lilha t-tarag.

Is-sess ma Omissis kien aggressiv. Hu kien ikbar minnha u kellu madwar 17 jew 18 -il sena. Omissis kien jisfurza, jiehu gost, ilesti u daqshekk, bhal li kieku kienet oggett li tintuza. Darba minnhom kienet ix-Xitwa u nxtghel fan qawwi. Qabel il-vuci kien qal lil ommha u ohtha sabiex jinzghu il-hwejjeg, joqghodu jaqbzu gharwenin u jirrakuntaw esperjenzi sesswali taghhom. Hin minnhom il-vuci qal lil ohtha sabiex terda sider ommha, mbghad Omissis waddbilhom barmil ilma. Sussegwentament inxtghel il-fan kiesah hafna.

Il-vuci kien qal sabiex jixtru l-klieb. Omissis kien sabhom minn fuq Maltapark. Hi kellha xi flus imgemmghin u tghid li wiehed mill-klieb kien jiswa 300 Euro u l-ohra xi 950 Euro. Mistoqsi x'kontribut kien Omissis tghid li ghal bidu kien jahsel u jsajjar. Finanzjarjament hu qatt ma ghenhom u ommu ma ridietux jerga jmur lura d-dar taghha. Wara ftit, Omissis beda jinponi lilha sabiex taghmillu dak li ried hu. Tghid li l-laptop taghha kien blue skur u kien ghadu gdid. Ma tafx jekk il-laptop t'ommha kellux *stickers* izda dan hi ma kienitx tuzah. Wara li giet murija l-laptops fuq l-iscreen, rat hi tghid li tal-fjuri kien t'ommha filwaqt li l-iehor kien taghha.  Hi indikat fuq l-iscreen il-persuna tal-akkuzat fl-awla. Murija l-ixkupi esebiti fil-process, hi kkonfermat li dawn kollha kienu taghhom. L-ixkupa li ntuzat fuq ommha ma kellhiex il-lasta roza jew hamra, izda wahda mill-ohrajn tal-injam.

Tghid li ommha kellha habib bl-isem ta' Omissis u l-vuci kien qalilha sabiex tippenetrah bil-lasta tal-ixkupa minn wara. Hu tant kemm wegga li telaq jigrii u qata'

idejh b'sikkina waqt li kien fil-parapett tad-dar. Hi tghid li dakinhar l-incident sehh gewwa darha. Hi tghid li ma tafx ommha kienitx hawwdet ma' Omissis.

Meta hi u ohtha kienu hadu *shower* flimkien tghid li wara l-bieb kien hemm salib qed jinharaq. Tghid li ma tafx x'kienet liebsa dakinhar. Hi kienet tara lil Omissis li jsawwat lil ommha u dan fuq ordni tal-vuci. Il-vuci ordna lilha wkoll sabiex ttiha daqqa' ta' ponn. Darba lil ommha tant kemm sawwatha Omissis li gabha sewda. Hu kien imur *training* tal-*football* xi darbtejn fil-gimgha u meta ma jkunx hemm kien ikun hemm paci fid-dar. Meta kien jirritorna kien jerga jibda kollox. Hi kienet tara halq Omissis jiccaqlaq u jipprova jahbi l-fatt li kien hu li qed jaghmel il-vuci. Hi kienet tismighu mill-vicin, hi kienet tibza tghid li kien Omissis. Hi kienet tibza li ser jaghmlilha xi haga. Tant kemm kien jikontrolla li anke lil ommha kienet tibza tghid dwar x'kien jaghmlilha. Meta ommha dahlet Mount Carmel kienet marret taraha ma Omissis. Dakinhar kien hemm Omissis u kellu mobile li fih kien hemm *recording* tal-ispirtu. Omissis qallu ha mmur bih ghand il-pulizija u Omissis ippanikja u qallu le tmurx ghax il-vuci kienet tixbah hafna lil tieghu u kien jehel hu. Omissis qabzitlu u spicca sabiex sabbat il-mobile. Hi ssostni li dak iz-zmien kienet imbezza. Darba minnhom tant kemm ma setghetx temmen li cemplet lil ommha biex tattilu lil Omissis waqt ix-xhieda. Il-kugina tieghu Chanel kienet qaltilhom li lanqas li kienu sejrin jaghmlulhom il-magna tal-verita'.

Murija l-ewwel zewg filmati hi tghid illi dawk huma konversazzjonijiet bejn Omissis u ommha pero hi ma tiftakarx meta ttiehdu. Zgur pero' li juru l-kontroll li kellu Omissis fuq il-membri kollha tal-familja.

Mistoqsija ommha kienitx talbet xi ghajnuna, hi tghid li ma tafx. Tghid li kien jigi Father id-dar. Jekk tiftakar sew tghid li kien jismu Fr John. Hu beda jdur kamra, kamra u jbierek. Kemm hi u kemm ommha kienu prezenti izda ma tafx kienx hemm Omissis. Hi kienet tat ix-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti u kienet pprotegietu ghax kienet irikkatatha minn kugintu wkoll. Hi kienet talbet l-ghajnuna ta' *social worker* u qaltilha sabiex tmur ghand il-pulizija. Il-pulizija kienu pprocedew kontriha u tahseb li hadet

xi sentejn *probation.* Hi ma kienitx ghadha qed tigi kkontrollata minnu u hassitha li *'it was the right thing to do'*. Hija kienet tkellmet kemm mal-Ispettur Oriana u kemm mal-Ispettur Hayman.

In kontro-ezami hi tghid li lill-Ispetturi kienet qaltilhom li l-vuci li kienet tisma verament kien ta'Omissis u li kienet tmur mieghu mhux ghax riedet hi. Tghid li missierha kien prezenti meta marret ghand il-pulizija ghat-tieni darba izda ma qal xejn. Hi tghid li kella erbatax-il sena u ma tiftakarx certu dettalji bhal per ezempju kienux qalulha x'sentenza kienu ser jaghtuha. Hi tghid li kienet tibza hafna minn Omissis allura ma kienet tghidlu xejn. Ma kienx isawwatha izda tghid li kien brain washja lil ommha u lil missierha li kienu adulti u li suppost jiehdu hsieb uliedhom, ahseb u ara lilha li kien ghad kellha erbatax-il sena.

Murija zewg filmati ohra hi tghid li fil-filmat jidher li hemm ommha, missierha u hi, izda dawn l-avvenimenti ma tiftakarhomx. Izda fl-istess hin qalet li bdiet taqbez ghal Omissis. Meta ommha u missierha wrew id-dubbju fuq Omissis hi ma hasset li kellha tghid xejn u kienet imhassba u nkwetata *in case* jispicca barra. Hi tghid li kienet iffsata fuqu. Omissis ma kienx isuq u dakinhar muri fil-filmant tispjega li kienu fil-karozza u possibilment kienu sejrin ghalih it-training. Hi kienet tiehu bosta ritratti izda lil Omissis qatt ma gibditlu video. Omissis kien l-ewwel relazzjoni serja li kellha. Mistoqsija jekk kienitx hadet xi *boyfriend* iehor id-dar hi tghid li ma tahsibx. Hi tikkonferma li Omissis kien monstru. Hi tghid li ma tafx ghalxiex ma kellmitx lill-ommha anke sabiex tiehu l-ghajnuna. Hi u Omissis kienu jikkomunikaw bil-messaggi flimkien. Id-difiza ghamlet refernza ghal Dok M1 tar-rapport ta' Stephen Farrugia Sacco u x-xhud tghid li jista' jkun li kienet tikkomunika ma Omissis dwar ommha u anke dwar is-swat li kien ikun hemm. Mistoqsija rigward l-allegat *pregnancy* t'ommha tghid li ma tiftakarx li kienu gew skambjati xi messaggi dwar dan is-suggett. Hi nesiet kif qed jigi suggerit lilha li kienet baghtet messagg lil Omissis sabiex isawwtu lil ommha sabiex it-tarbija tmut.

Omissis gili raqghad fid-dar taghhom. Meta kienet zghira, ommha kienet iltaqghet ma xi rgiel. Tiftakar li ommha u missiera  darba minnhom iggieldu u missierha kellu xi salib fuq mohhu. Ma tiftakarx li kien hemm xi pupa li kienet titkellem. Tghid li ommha kellha xi *rods* izda hi ma tafx kif dawn kienu jahdmu. Hi tghid li ommha kienet tara videos fuq ix-xitan. Mistoqsija jekk ommha kienitx tara '*nude for satan'* hi qalet li jista' jkun ghax ommha minn dejjem kienet thobb dawn l-affarijiet. Jista' jkun lil ommha jew lil Omissis qaltilhom li riedet terga tirranga ma Omissis. Mistoqsija jekk hi kienitx qalet lil ommha sabiex tixhed favur Omissis inkella taghmel suwicidju hija tghid li ma tafx ghaliex qalet hekk izda kien vera li qalet hekk. Mistoqsija jekk meta kienu jircievu l-ordnijiet hux dejjem kienet tkun hdejn Omissis tghid li le u gili kienu go kmamar differenti. Mistoqsija jekk setax kien Omissis flok Omissis li ghamel il-vuci tghid li ma tafx.

Fl-incident ta' Omissis hi taf li gew il-pulizija u Omissis haduh Mount Carmel. Hi ma semghetx il-pulizija x'qalu lil ommha. Min-naha ta' Mount Carmel ma kienux kellmuha dwar l-abbuz fiziku t'ommha. Hi tghid li taf dwar is-sit *kellimni.com* u qalulha biha s-social workers ricentament tant li tghid li meta ma jirnexxilix taghmel kuntatt mas-*social workers* hija titkellem fuq dan is-sit. Meta Omissis kienet marret id-dar tghid li jista' jkun li semghet lil ommha tghid lil Omissis sabiex tohrog u forsi li semghet tieqa tinfetah. Mistoqsija jekk ommha kienitx tirrikordja xi vucijiet sabiex tikkuntatja lix-xitan tghid li iva. Jista' jkun li ommha kienet tisma vucijiet bil-Latin. Hi tghid li hi vicin hafna tan-nannu u Omissis kien imur tajjeb mieghu. In-nannu ghen lil Omissisfil-bidu ta' dawn il-proceduri u hallaslu l-avukati ghalkemm ma tafx min kienu. Tiftakar li darba minnhom marret mieghu go xi ufficju t'Avukat vicin Rahal il-Gdid.

**Omissis** xehdet u kkonfermat li tigi bint Omissis u Omissis u residenti Wied il-Ghajn man-nannu taghha. Tghid li fiz-zmien meta sehhew l-allegati incidenti hija kellha erbatax-il sena. Tikkonfmera li Omissis huwa l-gharus taghha u li kienet ilha tohrog mieghu sa mill-1 ta' Mejju, 2018. Tghid li hija kienet tghix mal-genituri taghha u ommha kienet taghmel l-Ougja Bord u bdiet taghmel l-okkult meta skond ma qaltilha

l-mummy zewghha sar jaf li kienet qalbitilu. Qaltilha li kienet tikkomunika ma l-ispirti u li hemm kamra zghira tas-sodda u kellha xi mirja suwed hemmhekk. Ghalhekk hija minn dejjem tisma l-ilhna u tara l-bibien tal-gwardarobbi jinfethu u jinghalqu. Darba minnhom l-arloggi tad-dar kollha gew jindikaw it-tlieta ta filghodu f'daqqa meta ma kienux it-tlieta. Tghid li kienu jigru hafna affarijiet strambi. Spjegat meta kienet ghadha zghira u ommha xtrat pupa li tifqa l-pajpijiet u haditha id-dar u marru jorqdu u l-ghada meta qamu sabu l-pajpijiet kollha mifqughin. Ommha dak in-nhar qaltilha li kien hemm is-*shaft tal-washing machine* maqsum. Ix-xaft maqsum ma ratx izda rat naqra ilma ma l-art u dan meta kien ghad kellha xi sitt jew seba' snin. Hadet din il-pupa ix-xoghol u serquilha. Mistoqsija jekk ghamlitx rapport dwar is-serq tghid li ma tafx li ghamlet. Darb ohra tghid li ommha xtrat pupa libsa rosa u abjad u meta kienet thares lejha kienet tistordi. Tghid li ommha xtrat xi pendilum u kienet titkellem mal-ispirti ukoll. Tghid li ohtha Omissis kienet anke qalbet ir-religjon taghha u saret Musulmana u titlob fuq it-tapit u titlob hames darbiet kuljum. Darba minnhom flimkien ma ohtha bdiet tisma baby jibki u ohtha bdiet titlob u wara ftit ma semghu xejn iktar. Tirrakkonta storja ohra li qaltilha ommha meta hija kienet ghadha ma tweditx li darba minnhom kien hemm ragel bil-kowt u kappell u dan gerbeb lill-ohtha it-tarag kollu. Tghid li ommha kienet tiehu lilha u lil ohtha Omissis *ghost hunting* il-Belt. Kienet iddur maghhom it-toroq tal-Belt u tittawwal fil-bibien.

Dwara l-akkuzat tghid li hu l-gharus taghha u li thobbu hafna. Iltaqghet mieghu ic-cinema u ghamlitu friends fuq *facebook* u bdew jitkelmu ta' sikwiet. Kienet haditu id-dar biex jiltaqa' mal-genituri taghha. Qalet li kien imur ghandhom ta' sikwit. Tghid li kien hemm granet meta hu kien imur l-MCAST u hija kienet tkun skola ukoll u ghalhekk mhux kuljum. Kien ikun hemm xi gurnata fil-gimgha meta ma kienx imur ghandhom. Kien imur minn Bormla b'tal-linja filghodu u jitlaq filghaxija. Imbaghad beda jorqod ghandhom kwazi kuljum fil-kamra taghha. Tghid li hija u ohtha kienu jghixu ghand il-mummy izda imbaghad ghamlu xi zmien jghixu ghand in-nannu minhabba xi problemi li kienu inqalghu. Ikkonfermat li l-affarijiet strambi kienu ilhom ghaddejjin ghand il-mummy taghha anke qabel ma dahal fix-xena l-akkuzat. Waqt li

kienet tghix ghand in-nannu taghha anke Ougja Boards kienet tricievi ghandu u n-nannu taghha qabad u qasamha fin-nofs biex ma tuzahiex.

Qalet li l-ewwel tlett xhur li l-akkuzat kien jghix ghandhom ma kien jigri xejn kienu johorgu normali u ma jisimghu xejn. Izda wara bdew jisimghu ilhna u jaraw dellijiet. Darba minnhom nhar it-28 ta Ottubru 2018, il-jum tal-birthday ta Omissis, kienu marru kollha l-Belt jaraw film flimkien u meta irrotrnaw id-dar u dahlu gewwa raw dell ta soru tigri. Dakinhar id-dar maghhom ohtha ma kienitx maghhom. Kien fiz-zmien tal-Milied li Omissis marret tghix maghhom u ommha ghamlitilha kamra ghaliha.Tispjega li l-lehen li kien ikun hemm id-dar ried lil Omissis terga tingabar maghhom bhala familja id-dar u hija ridet tibqa hemm maghhom purche jieqaf il-lehen. Mistoqsija x'lehen kienet tisma tghid lehen ta' baby, lehen ta' tifla, lehen ta' ragel u lehen ta' tlett min-nies jitkelmu f'daqqa. Kienu jisimghuh kullimkien kemm fil-kcina kif ukoll fil-kamra tas-sodda u fil-bathroom. Tghid li kulhadd kien jisma dan il-lehen. Bdiet tisma dan il-lehen xi tlett xhur wara li iltaqghet ma Omissis xi Awwissu, 2018. Kien lehen bl-istess ton. Darba semghet lehen ta' tifla tghid bl Ingliz '*come play with me'*. Darb ohra xi Innu tal-Latin. Il-vuci daqqa' bl-Ingliz, daqqa' bil-Malti u daqqa' anke bil-Latin. Hija kienet tifhem biss il-vuci meta jitkellem bil-Malti u bl-Ingliz. Tghid li kienet ommha li qaltilha li l-vuci l-ohra kienet bil-Latin ghaliex ommha kienet tilghab b'dawn l-affarijiet u ghalhekk tghid li taf kollox.

Ikkonfermat li kienet tara lill-ommha tilghab bl-okkult. Tiftakar lill-ommha timxi b EVP speci ta *recorder* u ommha qaltilha li fih il- lehen tax-xitan. Kienet tisma lehen ta' ragel bin-nervi jghid '*Omissis gejja ghalik' u* dan fiz-zmien meta kienet ghadha zghira. Spjegat li darba minnhom anke in-nannu taghha kien qalilha li meta kien id-dar tieghu ma Omissis sema' xi lehen. Qalet li ommha kienet ghamlet patt max-xitan u cioe' li tghaddilu l-paga u ma tispicca qatt. Dan l-incident ma kienx ilu li sehh. Dak inhar meta dahlitilha l-paga sabet iktar flus mis-soltu. U tiftakar li xi gimgha wara ma sabet xejn. Ma tafx jekk kinietx hallset id-dejn li kellha jew jekk hadomlha xi hadd. Spjegat li ommha kellha hafna dejn. Qal li l-lehen kienu jisimghuh kemm ommha, Omissis missierha u anke nannuha meta kien ikun hemm. Spjegat li l-lehen kien ighid affarijiet

normali bhal ' tohorgux' jew lil ommha kien jghidilha 'tpejjipx'. Gili l-lehen kien jghidilhom biex johorgu kollha 'l barra u kienu johorgu anke gili fis-siegha ta' filghodu. Darba minnhom tiftakar li ommha dahlet fil-kamra taghha flimkien ma Omissis u f'idha kellha xkupa u qaltilha li semghet il-lehen jghidilha li kellha idahhal l-ixkupa fil-parti taghha. Taf li ommha nezghet u hija ghattiet wicc, Omissis bl-ixkupa u taf li ommha talbitha biex tghinha bl-ixkupa idahhalha fil-parti taghha. Taf li pero Omissis ghenitha izda ma tantx damu u wara nizlu isfel. Taf li damet tipprova xi ghaxar sekondi pero ratha diehla bil-mod. Waqt li ommha u Omissis kienu ghaddejjin bl-ixkupa, Omissis kien fis-sodda maghha u hija zammitlu rasu taht il-kutri. Kien dak in-nhar biss li rat lill-ommha gharwiena.Cahdet li Omissis ippartecipa fil-kwistjoni ta' l-ixkupa la fir-rigward ta' ommha u lanqas fir rigward ta' ohtha. Tghid li ommha weggghet b'din l-ixkupa u waqfet meta ohtha waqfet tippenetraha bil-lasta ta' l-ixkupa. Tikkonferma li dakinhar ommha kienet bilqeda fuq id-desk faccata tas-sodda u Omissis kienet quddiemha bilwieqfa. Hija kienet fuq is-sodda u Omissis kien ma genbha. Tikkonferma ukoll li qabel ma dahlet l-ixkupa fil-parti taghha poggiet xi cream minn xi stocc. Qalet li dakinhar Omissis ma ghamel xejn u ma stqar xejn lanqas. Spjegat li gili kienet tkun wahdedha fil-kamra ma Omissis jorqdu meta ommha kienet tmur torqod ma missierha. Tghid li Omissis ma tantx kellha grazzja ma Omissis u kienet tghidilha biex titilqu

Ghaliha l-ilhna kienu xi haga ta' spiss u ghalhekk ma kienux a normali. Kienet ilha tismaghhom minn meta kienet ghadha zghira. Tirrakonta li darba minnhom ommha filghodu meta kienet qamet din spejgatilha li lejliet kellha tinza u tghid l-affarijiet li kienet taghmel b'mod sesswali , izda dan l-incident ma ratux.Tghid li kien zmien meta ommha qalbitha lil missierha. Tirrakkonta biss dak li kienet qaltilha ommha. Tiftakar li meta kienet zghira ommha kienet tiehu lilha u lil Omissis meta kienet tmur mal-irgiel fil-kamra tas-sodda u huma kienu joqghodu fuq il-gallerija. Dak il-lejl hija raqdet ma Omissis fis-sodda u ma genbhom f'sodda ohra kien hemm ommha u ohtha. Mistoqsija jekk missierha kienx id-dar meta sehhew dawn l-incidenti tghid li ma tiftakarx. Tikkonferma li kien hemm xi barranin li semghu ukoll dawn l-ilhna apparti l-membri tal-familja taghha fosthom hbiebha T G u M D. Tispjega incident meta M

raqdet ghandhom u bil-lejl qamet biex taghmel toilet u meta irrotrnaw fil-kamra raw wicc ta tifla fuq il-mera u par idejn. Qajmu lil ommha ghax bezghu u din marret hdejhom u bdiet timsah l-idejn izda regghu dehru fuq il-mera ghal darba darbtejn. Tghid li kien hemm hafna mill-hbieb taghhom li semghu u raw affarijiet jigru ghandhom bhal bibien ma jkunux imsakrin u jispiccaw imsakrin jew il-bibien tal-bejt jinstabtu wahedhom.

Tghid li ommha kienet tirrakonta l-istejjer tal-okkult lil Omissis u hija kienet tghidlu meta kienu jinstabtu xi bibien jew l-istorja tar-ragel bil-kowt li tefa' lil Omissis l-isfel mit-tarag. Dwar l-istejjer ta' T u M ma qaltlux lil Omissis. Dwar ir-relazzjoni taghha ma Omissis tghid li kienet thobbu hafna u gili kellha x taqsam mieghu sesswalment bil-volonta' taghha.

Mistoqsija jekk qatt tkellmitx ma missierha fuq l-ilhna tghid li taf li missierha sema dawn l-ilhna, taf ukoll skond ma qalilha hu stess li anke ippartecipa ma ommha fuq l-Ougja Board. Mistoqsija jekk tafx fuqi r-rapport li ghamlet ohtha fuq Omissis tghid li ma tafx salv li Omissis gie arrestat waqt li kienet ghand in-nannu.  Meta hareg qalilha li ohtha ghamlet rapport dwar u li kien isinn is-skieken lejha. Mistoqsija allura x'taf dwar ir-rapport tar-rape tghid li kien qalilha in-nannu granet wara. Mistoqsija kif saret taf ommha li Omissis gie arretat tghid li ma tafx jekk dak iz-zmien kienetix id-dar jew l-isptar Monte Carmeli. Tghid li ommha tbati bid-*depression*. Mistoqsija jekk kienitx tmur taraha, tghid li le izda ommha kienet iccemplilha meta tasal mill-iskola. Qalet li sahansitra anke ipprovat tnehhi hajjitiha u tibla l-pilloli. Qalet li ommha kienet harget mill-isptar pero id-dar ma tmurx. Gieli tara lill-ommha ghand il-*hairdresser.*

Tghid li kien hemm zmien qabel ma ghamlet r-rapport meta kellha relazzjoni fil-vicin hafna ma ohtha Omissis pero' minn mindu gie intavolat ir-rapport minnha inqata' kull kuntatt. Mistoqsija jekk kienitix titkellem ma ohtha dwar l-ilhna tghid li le ghaliex ohtha iktar kienet tkun mal-gharus taghha id-dar f'kamritha milli toqghod titkellem maghha. Kienu jghaddu mill-episodji flimkien izda ma kienux joqghodu jitkelmu dwarhom. Tghid li ohtha ma kienitx *open* hafna fil-*feelings* taghha ma kientix tiftah

qalbha maghha. Qalet li x-xitan qatt ma uza lilha biex tittrasmetti xi messagg, kien ikellem lil ommha direttament. Mistoqsija jekk tkellmitx ma Omissis qabel ma marret tixhed il-Qorti tghid li le u hija kienet qed tixhed minn qalbha. Tghid li kien hemm jiem meta kienet tibki hafna u tibza u ma torqodx izda mhux dejjem ghaliex kien ikun hemm granet meta torqod izzejjed. Tghid pero li fil-prezent thossha aghar ghax qabel kellha l-akkuzat maghha u issa m'ghandhiex. Qalet li hija qatt ma tkellmet ma xi hadd professjonali dwar dak li ghaddiet minnu u dan ghaliex thoss li m'hu ser jinbidel xejn. Mistoqsija min hu Omissis tghid li huwa habib t' ommha u kienet iltaqghet mieghu Mount Carmel. Waqt li Father John Vella huwa patri u kienu jmorru bhala familja ghandu u jitlob fuqhom u jaghmel quddies. Anke quddies id-dar taghhom qaddes pero dak iz-zmien ma kienitx hemm izda kienet rekoverata l-isptar Monte Carmeli. Dak in-nhar kien hemm missierha Omissis, Omissis u Omissis flimkien maghha. Ma setghetx tindika pero meta sehh dan l-incident, zgur li wara Mejju 2018 u cioe wara li saret taf lil Omissis. Tghid li kemm damet ma' Omissis, ommha dahlet l-isptar xi seba' darbiet. Tghid li meta Father Vella tkellem ma' ommha hija ma kienitx prezenti. Tiftakar li meta-Father John talab fuqhom qadu ringiera u pogga iz-zejt fuq rashom u qal talba. Taf li lill-ommha kien qalilha biex ma tkomplix bil- *Ougija Board* ghaliex kien ikun ghal xejn jekk imbaghad titolbu jaghmel l-quddies fid-dar taghha.

Spjegat li darba minnhom Omissis kien id-dar ma' Omissis u qalilha li kien hemm lehen li ordnalhom jaqtghu idejhom u jqattru i-demm fuq karta u jpingu salib imbaghad jaharquha. Dik tafha ghaliex kien qalilha Omissis mhux ghaliex kienet prezenti. Ommha ukoll kienet qaltilha dwar dan l-incident. Tghid li Omissis u ommha it-tnejn kienu qalulha li kellhom x'jaqsmu ma xkupa it-tnejn li huma. Spjegat kif ommha kienet tmur ma dan Omissis ghand wiehed li mgharuf bil-kunjom D u dan kien xi satanist. Tghid li ommha kienet marret mieghu u kellha relazzjoni sesswali mieghu. Qalet ukoll li dan D kien jaghmel l-*black masses.* Darba minnhom ommha qaltilha li kienet marret ghandu bir-ritratti taghha u ta' ohtha Omissis u appena harget ir-ritratti taghhom, mill-ewwel qalilha biex tnehhihom ghax jigri xi haga hazina lit-tfal. Tghid ukoll li ommha ghamlet patt mieghu. Spjegat kif ommha qaltilha dwar il-knisja li kellu u dwar il-*black masses* li kien jaghmel.

Spjegat li ommha u Omissis kellhom ukoll l-episodju ta' l-ixkupa u fejn Omissis dahhal il-lasta ta l-ixkupa fil-parti privata ta ommha u ommha ghamlet l-istess fil-warrani ta' Omissis. Tghid li Omissis qalilha li kellhom jaghmlu hekk bilfors mhux ghax riedu. Omissisma kellux x'jaqsam ghal dan l-incident.

Irrakkontat incident iehor meta ommha u missierha kellhom xi jghidu flimkien u beda itiha u jsabbatha mal-*fireplace* u ommha dahlet tigri fit-toilet u hemmhekk ezatt kellu salib bil-kontra. Dakinhar rat lil missierha bezghan mhux bhas-soltu. Ma tafx x'kien gara ezatt. Ommha qaltlu li kellu salib fuq mohhu u dan sehh zmien twil qabel.

Irrakontat incident meta Omissis, missierha u ommha kienu d-dar maghha u rat affarijiet tal-kcina jigu garati 'l fuq u affarijiet ohra jigu garati minn fuq ghal isfel. Dak inhar tghid li fid-dar kien hemm hafna dawl. Kien hemm hafna tifrik. Ma kien hemm hadd iktar id-dar u dan sehh fis-sajf tas-sena 2018. Spjegat li l-lehen li kienet tisma kien wiehed aggressiv u daqqa' kien ikun ta' ragel u gili ta' mara. Gili anke baby tibki semghu. Qalet li ma genb id-dar taghhom tghix mara anzjana u fuq in-naha l-ohra hemm mara b'zewgt itfal. Gieli thoss hruq qawwi f'ghajnejha ukoll u ma tkunx tista' tiftah ghajnejha ghal certu hin u dan bdiet thossu xi sitt xhur wara li iltaqghet ma Omissisghal habta ta' Novembru, 2018. Kienet semghet hi li l-lehen jordna lill-ohtha Omissis sabiex tghix id-dar t' ommha u missierha u tinghaqad mal-familja. Dan id-diskors semghuh kemm hi kif ukoll ommha Omissis, Omissis u missierha Omissis. Darba minnhom tirrakonta li waqt li kienet ghand in-nanna, in-nannu taghha mar id-dar tal-genituri taghha sabiex iwehhel ir-railing izda jghidiha li meta kien hemm kien hemm zraben jitgaraw minn fuq il-bejt ghall-isfel u dan waqt li n-nannu R kien id-dar u meta irritorna lura ghand in-nanna kien qalilha dak li kien ra. Mistoqsija minn liema naha kienu jigu garati tghid li qalilha li minn kullimkien. Mistoqsija x'hemm fuq il-kamra taghha tghid li hemm il-kamra tal-bejt bl-imbarazz u fiha ma jidhlux. Darba minnhom tghid li kienet id-dar ma ohtha u semghet il-lehen jghid li kellha tidhol fil-banju ma ohtha u jinhaslu flimkien. Hija sthat u ghalhekk libset il-malja u dahlet maghha izda ma tantx damu fl-ilma. Din l-ordni giet mis-salott u huma kienu fil-kcina.

Dak inhar maghha id-dar kien hemm Omissis, ommha u Omissis waqt li missierha kien ix-xoghol. Mistoqsija fejn kien Omissis dak il-hin tghid li kien bilqeda hdejha. Il-lehen kien ta' ragel qisu irrabjat u ta' Omissis tghid li ma kienx ghax dak il-hin kienet qed thares lejn Omissis u ma ratux jitkellem.

Meta regghet dahlet fil-kamra rat bicca toilet paper tiehu in-nar u hdejha kien hemm l-ilma. Ghajtet lil Omissis li hareg mill-kamra fejn kien hemm ommhha u tefgha n-nar. Dan l-incident sehh lejn il-Miled tas-sena 2018 ghal habta tas-7.00p.m. Tirrakonta incident iehor meta hija kienet id-dar ma Omissis u missierha kien rieqed fil-kamra tieghu u f'daqqa u l-hin hareg ghasra minn kamartu u mar hdejhom u qalilhom li xi hadd kien xarbu u ra dell jigri u wara ra zewgt iskiken jaqghu ma l-art. Darb' ohra tghid li ommha u Omissis gew ordnati jinzlu isfel jixorbu tazza inbid u hekk ghamlu u minn hemm il-quddiem Omissis bdiet tixrob xorb alkoholiku. Mistoqsija jekk hux minnu li darba minnhom hadet xi video ta' ohtha qed tinhasel tghid li ma hux minnu tant li urietha l-*mobile phone.* Tghid li l-lehen kien jordnalhom ukoll sabiex jahslu l-art jew jghidilha li jekk trid tohrog trid l-ewwel tahsel kullimkien. Dan l-ordni kien isir fil-presenza ta' missierha ta' ommha ta' Omissis u ta' ohtha. Tghid li kien hemm okkazzjonijiet meta Omissis kien ikun ghat-training u xorta kienet tisma dan il-lehen itiha ordni u dan sehh f'xi tlett okkazzjonijiet zgur. L-ordni kienet tkun mhux biss biex tahsel izda anke biex tnaddaf. Gieli kienet titlob lill-ommha biex tghinha izda mhux dejjem riedet tghinha. Ommha qatt ma kienet igieghlha tahsel u tnaddaf, kien ikun il-lehen li jordnalha biss. Tghid li l-lehen kien jghid lil Omissis biex inaddaf ukoll u meta kien isir hekk kienet taqbad tghinu. Tghid li kienu jisimghu l-lehen flimkien u kien ighidilhom 'nadfu' u kienu jaqbdu inaddfu f'daqqa. Semghet dan il-lehen jordna lil Omissis f'xi Erbgha jew hames okkazzjonijiet. Ikkonfermat li missierha ghamel xi zmien jghix ghand il-genituri tieghu, pero ir-raguni ghaliex kien mar ighix hemm ma tafhiex. Tiftakar li darba minnhom kienet fil-kamra tas-sodda ma Omissis, ommha, missierha u l-fan beda jiccaqlaq u ghalhekk missierha tefghu u poggih fuq il-gwardarobba u l-ghada tellghu fuq il-bejt. Tghid li beda jiccaqlaq minn fuq l-istand jitbandal lura u 'l quddiem u mhux idur.

Huwa minnu li kienet tghid lill-ommha biex lil Omissis ma tkellmux ghaliex fil-fehma taghha kien ta' influwenza hazina fuqha. Tghid li darba minnhom kien is-Sajf, kien cempel il-qanpiena u mill-gallerija ratu jaqta' il-vina tieghu u jghidilha biex tghid lill-ommha tkellmu ghaliex fin-nuqqas kien ser joqtol lilu innifsu. Dak iz-zmien tispjega li kienu miggildin. Tiftakar li kien spicca l-isptar bl-ambulanza u kien cappas kull m'hemm bid-demm.

Ix-xhud spjegat incident iehor li kien gara il-Fgura meta ommha kienet ghamlet maghmul fuq missierha. Tghid li dak in-nhar kienet il-Fgura mieghu fil-karozza Opel hamra antika u kienet sejra tixtri par zarbun minn Rahal Gdid u appena waslu inqabdet il-karozza, beda tiela hafna duhhan u harget tigri u tibki ghax ma riditx li l-karozza tisplodi u jmut missierha. Ommha wkoll harget tigri u fuq wara tal-karozza kien hemm is-salib bil-kontra, kien hemm stilla bic-cirku tax-xitan u bdiet tghajjat ma missierha biex johrog mill-karozza. Sa dan il-punt dahlet fil-*Convenience Store* ma ommha ghaliex marru jixtru *phone card* biex icemplu li- nannu biex imur ghalihom u tiftakar li l-gallettini kienu qed jaqaw kollha isfel meta ommha thares lejhom. L-affarijet bdew jaqghu minn fuq l-ixkaffi u n-nies kollha bdew iharsu lejha u ghalhekk hargu 'l barra. Dak il-hin ommha qaltilha li l-*Ougija Board* kienet qaltilha li kien ser ikollhom accident u li ha jispiccaw go wheelchair . Dan l-incident sehh xi tlett snin qabel ma gie arrestat Omissis. Dan l-incident sehh ghall habta tat-8.30 p.m.

**PS 422 Neil Caruana** nhar l-14 ta' Marzu, 2019 kien gie mitlub mill-Ispettur Hayman jaghmel *data extraction* minn fuq *mobile phone u sim card*. Muri r-rapport a fol. 957 mmarkat bhala Dok NC1, hu jikkonferma li dan ghamlu hu. Dan ifisser li ghamlu *extraction tad-data* kollu li kien hemm fuq it-telefon in kwistjoni. Hu ghamel l-extraction fl-istess jum li l-mobile gie mghoddi lilu.

**MD** xehed u stqarr li kien il-kowc tal-futbol ta' Omissis u kien jghallmu fis-sena 2018. Hu spjega li l-akkuzat kien f'team li gie ffurmat mill-bidu. Kienu bdew bi ftit plejers u l-akkuzat kien jilghab regolari. Omissis baqa' jmur sa Dicembru 2018. Jista' jkun li ma laghabx il-loghob kollu. Hu ma jiftakarx li Omissis kien wegga' pero jaf illi dan kien

waqaf minghajr avviz. Hu waqaf ftit qabel ma tressaq il-Qorti. Hu kellu relazzjoni professjonali ma' Omissis u kienet tidhol ftit hbieberija wkoll. Hu kellu relazzjoni tajba mieghu. Hu ma jiftakarx li Omissis kien iwegga' ta' spiss. Ma jafx kif kien jigi ghat-training izda ghal xi darbtejn jew tlett darbiet kien tela' mieghu. Hu jiftakar li kien jigbru minn quddiem il-bank HSBC ta' Marsascala. Mistoqsi kif kien imur lura d-dar Omissis jghid li ma jafx. Jikkonferma li fil-Milied jiqaf il-futbol.

**PS 31 Mario Farrugia** xehed u spjega li nhar id-29 ta Jannar 2019 ghal habta tal-erbgha wara nofsnhar Omissis flimkien ma *zewg social workers* irraportaw l-ghassa tal-pulizija ta' M'Scala li Omissis kienet qeda tigi mhedda u abbuzata mill-partner t' ohtha certu Omissis li kien jghix maghhom id-dar. Stqar li Omissis irraportat li ta' kuljum kien ikun hemm theddid min-naha ta l-akkuzat billi jghidilha li kien ser joqtolha u li jaqtalha subajha u anke l-pala ta' saqajha. Gieli kien jitfi d-dawl filghaxija u jaghmel lehen qisu ta' dimonju u joqghod jehddidha, joqghod isinn iskiken u jghidilha li kien fadlilha ftit hajja. Kien ighidilha li peress li ommha kienet tuza l-*ougja Board* fl-imghoddi hija gabet id-dimonju fuq kulhadd u dan kien joqghod jgghelhom jaghmlu xi affarijiet. Qalet u iddiskriviet kemm il-darba abbuza minnha u minn ommha billi igieghlhom imissu l-parti privati ta xulxin u jgieghel lil Omissis tinza gharwiena u jixghel il-fan u jgieghlha toqghod quddiemu. Qal ukoll li Omissis kienet qaltlu li kienet giet sfurzata tiffilmja lill-genituri taghha jaghamlu is-sess bejniethom Hi ma bdietx thossa komda tirraporta kollox ghaliex ma kienx hemm *policewoman* gewwa l-ghassa. Jaf li kien sar xi *risk assessment* u r-rizultat kien wiehed gholi ghal riskju u kien ghalhekk informa lill-ispettur Hayman dwar il-kaz u dan mill-ewwel ordna l-arrest tal-akkuzat. Huma marru jigbruh minn fejn kien qed jghix ma oht, M'Scala. Kienu hadu lil Omissis id-dar tigbor hwejjigha u akkomppanjawha gewwa shelter.

Huwa arresta lil akkuzat u nfurmah bid-drittijiet tieghu. Ix-xhud gharaf lill-akkuzat fl-awla. B'referenza a fol. 13 sa 16 huwa gharaf ir-rapport tieghu liema rapport sar nhar id-29 ta' Jannar 2019.

Hu spjega li Omissis kienet imbezza li ser jigrilha xi haga b'mod iminenti u bdiet tidejjaq li fl-ghassa kien hemm pulizija rgiel biss. Omissis kien qallu li x-xhieda tieghu huma l-familja ta' Omissis stess. Omissis, meta marru d-dar sabiex jigbru l-hwejjeg ta' Omissis deher kalm u beda jipprova jikkalma lil ohtha.

In kontro-ezami mistoqsi jekk kienx ta lil akkuzat *full-disclosure*, hu jghid li tah id-dettalji kollha li kienet qaltlu Omissis. Hu spjega li hu kien l-ewwel persuna li kellem lil Omissis u lill-Ispettur qallu b'kollox li rrizulta lilu u mhux biss fuq il-vjolenza domestika. Oht Omissis kienet ippanikjata u nkwetata fuq Omissis. Omissis kien qieghed fuq ir-*reassuring side* u jghid li jaf ghalfejn kien ghamel dawk l-affarijiet u ma kellhiex ghalfejn tinkwieta. Fejn jidhlu skiken hu jghid li Omissis ma qaltlux li Omissisqatta' xi gakketta, hu jghid li dan id-dettal ma jiftakrux.

**WPC 304 Andrea Tanti** xehedet u qalet li nhar it-3 ta' Frar 2019 kienet marret mal-Ispettur Hayman gewwa l-isptar Monte Carmeli sabiex ikellmu lil Omissis li kienet akkompanjata man-nurse. Bdiet tghid li kienet tisma id-dimonju ikellimha u bdiet isemmi episodji li kienu jigru fid-dar taghha fejn id-dimonju kien jghamlilha l-hsara fid-dar taghha gewwa M'Scala. Hemmhekk gewwa l-isptar ma bdietx tisma d-dimonju. Qalet li kienet tisma lid-dimonju id-dar meta kien hemm pezenti l-gharus tat-tifla taghha Omissis.  Omissis kienet daqsxejn imbezza u semmiet kif darba intefa l-ilma fuqha u anke nxtghel il-fan fuqha. Qalet li irrizultlaha li Omissis vera kienet tuza l-okkult.  Mistoqsija jekk L-Ispettur kienx saqsiha fuq swat,  tghid li ma tiftakarx. Hi ma rat xejn fizikament fuq Omissis lanqas fuq wiccha.

**PC 699 Carlos Farrugia** xehed u kkonferma li kien mar ma l-ispettur Hayman u PC 858 fid-dar fejn jghix l-akkuzat u kkonfemra li l-post kien fi stat mitluq. Kien hemm klieb u l-hmieg taghhom u li fil-post dak iz-zmien li mar hu, ma kienux qed ighixu nies. Minn hemmhekk gabru laptop u taw ricevuta tieghu lill-akkuzat. Dan haduh l-ghassa ta' Haz-Zabbar. Hu gharaf lill-akkuzat fl-awla. Omissis dakinhar deher imbezza u beda jibza' jidhol fir-residenza. Jiftakar li kien hemm zewgt iklieb izda jista' jkun li kien hemm iktar. Muri l-laptop hu jghid li simili ghal laptop li gabru izda ma

jiftakarx ezatt. Dakinhar jghid li fittxew il-post kollu izda gie elevat laptop min-naha tieghu biss. Qabel dahlu ma jiftakarx jekk l-Ispettur Hayman tahx xi drittijiet.

**PC 1577 Wayne Agius** xehed u qal li fid-29 ta' Jannar 2019 kien qieghed stazzjonat l-ghassa ta' Wied il-Ghajn u ghall-habta ta' 4.45 p.m dahlet Omissis taghmel rapport li l-*boyfriend* t' ohtha Omissis kien qed jabbuzaha u jheddida li ha jaqtala' subajha. Hu nfurma lil PS 31 li kien gie l-ghassa u kien sar *risk assessment*. Spjega li Omissis giet akkumpanjata minn 2 *social workers*. Muri r-rapport a fol. 13 sa 16, jghid li qed jara d-dettalji ta' Omissis u Omissis. Jghid li dan ir-rapport beda jiktbu hu izda komplewh il-kollegi tieghu. Hu jghid li Omissis kienet agitata. Ma jiftakarx jekk is-*social workers* kienux gabu xi haga maghhom. Jikkonferma li Omissis kellmitu fuq xi skiken izda ma semmietx li Omissis kien qatta' xi gakketa t'ommha. Hu qal li ma jiftakarx li Omissis kienet qaltlu li l-akkuzat kien gieghel lil ommha u missierha jaghmlu s-sess quddiemu. Muri r-rapport esebit fl-atti jghid illi jirrizulta li effettivament li Omissis kienet qaltlu li Omissis kien igieghel lill-genituri taghha jaghmlu s-sess quddiemha kif indikat minnu pero' ma jiftakarx din l-informazzjoni a memorja. Mistoqsi jekk kienux gew bir-*risk assessment* lest hu jghid li ma jiftakarx.

**PC 858 Justin Axisa** xehed u qal li nhar is-6 ta' Frar 2019 ghal habta tas-saghtejn hu flimkien ma' PC 699 kienu skorta ma l-Ispettur Hayman u marru jaghmlu tfittxija fir-residenza ta' fejn kien qed jghix l-akkuzat, liema akkuzat hu gharaf fl-awla. Maghhom kien hemm ukoll l-akkuzat. Qal li l-post kien fi stat t' abbandun u seta' gie nnutat li kien hemm xi klieb bil-hmieg taghhom. Dakinhar l-akkuzat ma kienx ghadu jghix hemmhekk ghaliex hwejjgu ma kienux hemm. Meta gie elevat il-laptop ma jiftakarx jekk kienx hu li ghaddielu l-ircevuta. Ma jiftakarx jekk l-Ispettur kienx saqsa ta min kien il-laptop. Ma jafx jekk l-Ispettur kienx taghhom xi ordni sabiex jelevaw xi affarijiet ohra.

**PC 959 (Issa Spettur FCID) Daniel Formosa u PS 2369 Stephanie Cassar** xehedu li kienu accedew M'Scala bhala SOCO, u dan wara li kienu gew nominati f'inkjesta redatta mill-Magistrat Rachel Montebello. B'referenza ghal Dok DF1 jghid li dan gie

redatt minnhom in segwitu tal-inkarigu moghti lilhom. Fuq il-post gew identifikati xi zkuk jew handles ta' xkupi jew ta' pali tal-isqueezers li setghu intuzaw f'xi reat sesswali u dan sabiex isiru xi ezamijiet tad-DNA fuqhom. Fuq il-post fejn kien hemm PC 505 J Caruana, kif ukoll Omissis . Hemmhekk hadu ritratti generali tal-fond kollu bl-xkupi u *squeezers* li kien hemm fil-fond. Gew ukoll mehuda xi swabs u ghaddewhom lil Dr Marisa Cassar ghall-ezamijiet forensici.

In-kontro ezami hu kkonferma li gie mahtur f'inkjesta tal-Mag Rachel Montebello.

**PC 859 Alister Micallef** xehed u jghid li f'6 ta' Frar, 2019 fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Hayman, hu flimkien ma PC319 kien mar fir-residenza ta' Omissis  u cioe' fil-fond, Mscala u dan biex jelevaw xi *devices*  fosthom Mobile Samsung iswed, Laptop Dell, Tablet Samsung u zewg play stations, Tablet u mobile u dan fil-presenza ta' Omissis . Huma hargu ricevuta li giet iffirmata minn Omissis  fl-istess jum tas-6 ta' Frar, 2019. Kollox gie mghoddi lill-Ispettur Hayman. Muri tablet *rose gold* tad-ditta Samsung u mobile iswed Samsung, kif ukoll zewg playstations wahda slim u ohra normali u laptop iswed esebiti l-Qorti  jghid li dak iz-zmien kellu basket u charger mieghu.

**PS 1275 Mathew Sacco** xehed u qal li nhar il-25 ta' Frarc, 2019 kien qed jassisti lill-Ispettur Hayman sabiex jeleva xi chats minn fuq xi devices li gew elevate u jibghat request lil Facebook sabiex ikunu jistghu jawtenticizzaw il-user ta' min kien qed jibghat ic-chats. Huwa ghamel referenza ghar-rapport tieghu mmarkat bhala Dok MS1 a fol. 815 (Vol. 3) u kkonferma li dan hu r-rapport redatt minnu. Qal li irrizultalu li is-sistema kienet registrata ma' Melita, GO u Vodafone. Dawn tal-ahhar ma kellhomx informazzjoni. Din kienet registrata f'isem Omissis .

Rat li d-difiza kienet ezentat il-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lil **PC 319 Floyd Edward Bugeja** sabiex jikkonferma dak li qal quddiem l-Ewwel Qorti. Dakinhar ix-xhud kien qal li nhar is-6 ta Frar 2019 kien gie ordnat mill-Ispettur tieghu biex imur fuq il-post sabiex jeleva xi apparat elettroniku li ghandu x'jaqsam mas-*social media* b'mod partikolari Samsung, Laptop Dell, Tablet Samsung u zewg *play stations*. Dawn

gew elevati mid-dar ta' Omissis meta kien fil-kumpanija ta' PC 859. Jghid li dak in-nhar kien hemm kemm Omissis u nannuha Omissis  biss.

Rat illi l-prosekuzzjoni talbet li tinstema x-xhieda moghtija mill-akkuzat gewwa id-Depot tal-pulizija, liema xhieda ttihdet permezz tas-sistema audio-vizwali.

Rat li l-Qorti laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni u din ix-xhieda nstemghet waqt dawn il-proceduri.

F'dan l-interrogatorju l-akkuzat jikkonferma li kien irilaxxa l-ewwel stqarrija. Din l-istqarrija datata 30 ta' Jannar, 2019 giet esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. EM6 a fol. 17 et seq tal-process. Jghid illi huwa ma ghandux laqam izda maghruf bhala Omissis u kazijiet il-Qorti qatt ma kellu. Jikkonferma li huwa kellu relazzjoni ma oht Omissis u li fil-fatt Omissis kienet qed takkuzah b'akkuzi foloz ta' reati fuq vjolenza domestika. Jikkonferma li kien ilu tmien xhur u nofs jghix ghand l-gharus tieghu, Marsaskala. Jistqarr illi cavetta tad-dar ma kellux, izda kellha l-gharusa tieghu. Jghid illi huwa qatt ma refa idejh fuq Omissis u sahnasitra lanqas argument qatt ma kellu maghha. Huwa jichad illi qatt hedded lil Omissis u li qalilha l-kliem 'noqtlok', 'naqtalek subajk' kif ukoll 'naqtalek il-pala ta' sieqek'. Jghid illi huwa qatt ma kien fil-kumpanija ta' Omissis wahdu u dejjem kien ikun hemm ommha jew Omissis madwarhom.

Jikkonferma li effettivament omm it-tfajla tieghu, Omissis kienet tfittex l-okkult, tant li anke xtrat diversi pupi satanici. Hu jallega illi Omissis kienet tmur ma diversi rgiel minkejja li kienet mizzewga u li meta zewgha ma kienx ihalliha tohrog kienet tfittex l-okkult. Hu jelabora u jghid illi meta kien fid-dar taghhom, ra bhal tazzi jinkisru u affarijiet ta barra minn hawn. Jistqarr li l-ezorcista Fr John kien mar ghandhom u kien sahansitra qal lil Omissis sabiex tieqaf tkellem lil irgiel ghaliex kienet miftuha ghax-xitan. Jghid ukoll illi kienu jmorru gol-kunventy fejn dan il-Fr kien talab fuqhom.

Mistoqsi jekk kienx jisma xi lehen fid-dar ta' Omissis jghid li iva, izda mhux dejjem l-istess ilhna. Kien jindirizza lil Omissis u jghidilha 'illum tohrogx' u ta' zatat li hu kien jghidlu 'halliha tohrog ha noqghodu gewwa ahna, jien u t-tfajla'. L-ilhna mhux kulhadd kien jismahom. Lil Omissis kien jghidilha sabiex ma 'tpejjipx' u kien jikkmanda lilhom sabiex joqghodu gewwa.

Jikkonferma li huwa qatt ma kien rikoverat Monte Karmeli u mistoqsi jekk it-tfajla tieghu kienitx taht xi kurata' psikologa hu jghid li kien jismaha tghid li hi trawmatizzata b'dak li rat min-naha t'ommha u ta' missierha u dan ghaliex kien ikollhom hafna argumenti. Mistoqsi jekk kienx jibza jghix f'dik id-dar, hu jghid li kellu biza izda minhabba r-rispett li ghandu lejn il-familja hu xtaq jghinhom. Hu jikkonferma pero li llum il-gurnata ma jridx ihares lejn din id-dar. Mistoqsi ghaliex ma telaqx minn din id-dar meta jghid li kien bezghan, hu jghid illi l-imhabba li kellu ghat-tfajla zammitu hemm.

Mistoqsi jekk xtaqx izid xi haga ohra fl-istqarrija tieghu hu jghid li Omissis gieli taghtu daqqiet ta' ponn, hu pprova jiddefendi lilu nnifsu billi ghatta wiccu b'idejh u jistqarr li kienet qaltlu li kienet giet mgieghla. Jghid pero li rapport qatt ma ghamel sabiex ma jaghmilx hsara lilha u lil familtha. Darb' ohra kien qala daqqa' ta' harta fuq wiccu minghand Omissis.

Rat li wara din l-istqarrija l-akkuzat kien inghata l-police bail kif jirrizulta mid-dokument EM10 esebita a fol. 30 tal-process fejn kellu jirritorna lura ghal aktar investigazzjoni nhar is-6 ta' Frar, 2019.

Illi jirrizulta li l-akkuzat rega mar ghand il-pulizija sabiex jigi nvestigat ulterjorment. Din id-darba pero' gie nterrogat b'mod audio viziv u t-traskrizzjoni tal-istess tinsab inserita fl-atti a fol. 153 et seq.

Hu jghid li ricentament kien qed jghix ghand omm u missier it-tfajla tieghu Omissis gewwa Marsaskala. Kien ilu jghix hemm tmien xhur u nofs. Dakinhar meta gie

nterrogat kien stqarr li qiegħed residenti għand in-nannu ta' Omissis gewwa Marsascala u kien sejjer lura Bormla.

Fid-dar ma' Omissis, għand il-ġenituri tagħha, magħhom kienu jgħixu ommha u missierha. F'Diċembru kienet marret tgħix hemm Omissis wkoll. Skond hu jaf li r-relazzjoni tiegħu ma Omissis  kienet waħda tajba. Kienu jikkomunikaw b'mod normali. Darba minnhom tagħtu daqqa' ta' ponn u anke daqqa' ta' ħarta f'wiċċu. Hu jgħid li qatt m'heddida li ser jaqtala xi swaba jew saqajha. Hu nnega li kien qed juża lehen oħxon sabiex ibeżżagħhom jew li għatta wiċċu biex jgħid xi ħaġa. Hu qal li l-leħen kien jisimgħu kulħadd u saħansitra kien jagħti anke ordnijiet lilu. Il-leħen jgħid li mhux dejjem kien ikun l-istess iżda tkellem bil-Malti u xi lingwi oħrajn li hu ma jifhimx. Hu jgħid li l-affarijiet bdew mill-festa ta' Santa Marija tas-sena 2018 u hu kien diġa jgħix hemm mal-familja Omissis. Hu jikkonferma li bdew jiġru l-affarijiet minn Santa Marija, kienu hu u t-tfajla, ommha u missierha u kollha raw xi tazza tinkiser. Mistoqsi kif kienu jorqdu hu spjega li għal bidu hu kien jorqod mat-tfajla go kamra u l-ġenituri tagħha kienu jorqdu go kamra oħra. Hu kien jgħix hemm u li kienu jgħidulu, kien jagħmel. Hu kien jorqod u jqum hemm, saħansitra hu kien jilgħab il-*playstation* hemm. Hu jgħid li hu footballer.  Għal bidu Omissis kienet torqod fil-kamra ż-żgħira iżda meta din bdiet tibża bdew jorqdu flimkien fil-kamra ta' Omissis. Hi bdiet tibża mill-affarijiet li kien jibża minnhom kulħadd l-ilħna u hekk. Kienu jorqdu flimkien fuq żewġ sodod maqgħudin flimkien, hu u t-tfajla, Omissis u ommha. Omissis kien mar jgħix għand missieru għax beda jibża iżda meta rritorna beda jorqod fuq is-sufan. Hu kien jaf li Omissis kellha dan il-*hobby* u ċioe dak li għandu x'jaqsam mal-okkult iżda hu ma kienx jemmen li dawn l-affarijiet kienu jseħħu. Darba sabulha kaxxa jaħseb li hi *ouija board*, pupa (li huma kienu ħarqu) qanpiena li kellha stilla u anke xi pupi. Omissis kienet tixtri pupi sataniċi. Omissis kienet qaltlu per eżempju kienet tixtri pupa li tħobb l-ilma mbgħad issib kullimkien ilma. Omissis kienet anke għamlet magħmul fuq ir-raġel u n-nannu patern li jaħbat bil-karozza u din vera kienet ġrat. Hu ġieli kien sab l-art mimlija ilma u kienu jixxutawha hu u missier it-tfajla. Il-leħen mhux dejjem kien jinstema u l-episodju tal-ilma kien ġara xi xahrejn wara iżda mhux ċert. F'dan l-inċident tal-ilma Omissis ma kienitx tgħix magħhom. Darba minnhom hu kien ser

jorqod jew kien rieqed, Omissis rat lil ommha riesqa lejh u qaltila li kellha xxarab lilu ghax inkella kien ser iweggahom. Ma jiftakarx li kien hemm xi incident iehor tal-ilma meta Omissis kienet tghix hemm.

Mistoqsi jekk lil Omissis gili taha xi kastig jghid li iva. Minbarra dak tal-ilma li diga semma il-vuci kien qalilha sabiex tinza gharwiena u dan semghu hu stess. Darba hu kien fil-kamra ta' Omissis u kienu hu, Omissis, Omissis u Omissis. Huma kienu qed jitkellmu u nstema' lehen li qal lil Omissis sabiex idahhal lix-xkupa fil-parti privata t'ommha. Il-vuci qal lil Omissis sabiex tinza l-hwejjeg. Meta sema dan hu dawwar wiccu sabiex ma jarax lil omm l-gharusa tieghu gharwiena. Hu tefa wiccu bejn l-imhadda u l-vuci indirizza lil Omissis. Meta Omissis kienet tkun trid tohrog hu kien jghid lil vuci sabiex ihalliha u kienu joqghodu hu u t-tfajla. Hu sema lil Omissis tghid lil ommha sabiex taghmel xi haga ghax ma setghetx tidhol sew (b'referenza ghal-lasta tal-ixkupa). Hu ma dawwarx wiccu u qalulu biex idur x'hin kienu lesti. Hekk ghamel u meta dar sab li kienu kollha bil-hwejjeg. Omissis gieli qalghet xi swat ukoll. Darba minnhom irrakonta kif l-ispirtu zerzqu t-tarag. Hu hass lil xi hadd jigbdu minn saqajh u nizel catt. Lil Omissis ma jafx kif kien itiha. Lilu kien itih bic-catt u go daru. Darba jirrakonta li lilu anke waddablu fan quddiem Omissis u Omissis. Hu jispjega li f'daqqa' u l'hin tar il-fan ghal fuqu. U jghid li qala' daqqa' go widintu. Dan gara fl-istess jum li Omissis taghtu daqqa'go wiccu. Din kienet xi haga tal-biza ghalihom kollha izda hadd ma hareg mid-dar.

Ommu kienet qaltlu li jekk kien se jibda johrog ma tfajla, ma setax jibqa' jghix maghhom. Dan jista' ikun ghaliex forsi kienet semghet xi haga fuq ommha. Huma kienu sabu l-ghajnuna ta' ezorcista u cioe' Fr John Vella. Dan kien mar id-dar u ghamel quddies id-dar. Lil Omissis kien qalilha elimna dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-okkult u satanizmu ghax inkella dak li kien qed jaghmel, kien qed jaghmlu ghalxejn.

Jikkonferma li dakinhar meta tar il-fan ghal fuqu hu ma jidirlux li tkellem il-lehen. Il-fan kien fuq it-tarag li jaghti ghal bejt u dan tar ghalih.

Hu ma jahsibx li Omissis qalghat daqqiet daqsu ghaliex hi kienet ilha tghix hemm inqas. Hu kien jisma lil Omissis tghid lil vuci sabiex ihalliha. Ezatt fejn l-Ispirtu kien isawwat lil Omissis jghid li ma jafx. Hu gieli hass xi ugigh f'saqajh. Omissis kienet tghid li qalghet daqqiet f'saqajha, darha u fuq il-warrani taghha. Omissis qatt ma lmentat li  qalghet xi daqqiet fuq wiccha, sidirha u l-warrani taghha. Hu jahseb li Omissis kienet taqla' daqqiet f'saqajha. Darba minnhom hu kien qam filghodu u Omissis qaltilhom li l-vuci kienet ordnat lilha u lil Omissis sabiex jinzghu u jmissu lil xulxin. Hu mhux cert meta dan l-incident kien gara izda jghid li kwazi f'Jannar. Jghid li Omissis gieli qalghet daqqiet ukoll. Hu kien jilghab il-futbol u ma jidirlux li bid-daqqiet kien ihallulu marki izda hmura. Kienu jistaqsuh il-futbol kif kien daqshekk mugugh. Hu l-iktar li kien jghid lil MD u dan kien ghamel xi zmien ma kienx jilghabu. Hu qal li kien jghidlu biex imur ghal *physiotherapy.* Hu qal li ghal bidu ma kienx ikollu ugigh.

Meta mar mal-ispettur gewwa d-dar ta' Omissis hu kien imbezza. Hu qal li kien telaq minn hemm meta kien mizmum taht arrest u wara kien rilaxxat. Wara hu mar jghix man-nannu ta' Omissis. Hu spjega illi meta kienu kellmu lil Fr John, sussegwentament, l-affarijiet gravaw. Hu spjega li hu kien cempel lil qassis. Hu qal li beza peress li hu kien tkellem fuq l-affarijiet li kienu qed jigru issa l-vuci kien ser jaghtih kastig ikbar.

Hu qal li marru jzuru lil Omissis, gewwa *Mount Carmel* u kienu anke cemplulha. Meta mar jaraha u qal li kienet tidher mhux hazin. Omissis kienet irrakuntat li l-Ispirtu kien taha kastig peress li kienet tkellmet ma Omissis u dan b'referenza ghal incident tal-ixkupa. Omissis kienet qalet li l-ispirtu kien ha l-forma ta' Omissis u kompla l-kastig flok Omissis bl-ixkupa izda hu nnega dan. Skond kif qalet Omissis dan gara kollu fil-kamra ta' Omissis. Hu kien rieqed u filghodu ma kienx ra ilma. Ir-ragel ta' Omissis kien jigi mix-xoghol u joqghod id-dar. Kemm kien ilu hemm hu spjega li Omissis hemm kien jorqod. Hu ma kienx jorqod hdejhom izda fuq is-sufan. Mistoqsi jekk qatt semghu hsejjes waqt li kienu reqdin hu qal li iva. Kienu jisimghu affarijiet jaqghu u

hsejjes tal-ilma. Hu jispjega li kien hemm drabi li sema izda gieli qajjmu Omissis u jghidlu li kien niezel l-ilma. Dakinhar tal-incident tal-ixkupa hu ma kien sema xejn.

Rinfaccat b'dak li qalet Omissis li l-vuci kienet tieghu u li kien hu li beda jgghelhom jaghmlu affarijiet kontra r-rieda taghhom, jghid li mhux minnu. Hu jsemmi wkoll drabi fejn il-vuci tkellmet meta hu u t-tfajla tieghu ma kienux prezenti u dan kien semghu n-nannu wkoll. B'referenza ghal meta Omissis u Omissis kienu ordnati jinzghu u jintefghu wicchom mil-art u gew mxarrba bl-ilma u wara nxtghel il-fan hu jghid li kien rieqed.

Fl-incident meta Omissis u Omissis kienu gew mgieghla jinzghu u sussegwentament gew imxarrba hu jghid li l-fan kien ghadu fil-kamra taghom u kien zmien wara li n-nannu caqalqu. Mistoqsi jekk Omissis hix komplici mieghu, hu jghid li le ghaliex hu ma ghamel xejn hazin.

Hu jsostni li l-bicca xoghol tal-ixkupa ma ghamiliex hu. Hu qatt ma kellu x'jaqsam ma Omissis kontra r-rieda taghha u dejjem bil-buona volonta' taghha hu mar maghha. Hu jghid li kien xtara frosta tal-klieb u kien tefaha fil-gwardarobba izda ma jafx x'kien sar minnha. Kien hemm tlett iklieb li tnejn minnhom kienu dahhlu qabel Omissis. Jista' jkun li Omissis regghet lura d-dar minhabba dan il-lehen. Ricenti qal Omissis bdiet tmur torqod ghand in-nannu regolarment.

Is-*social workers* li marru ma Omissis sabiex taghmel ir-rapport iklassifikawh bhala *high risk*. Hu spjega li huma ma kellmuhx lilu u din kienet l-opinjoni taghhom. Hu nnega li qatt kien Monte Carmeli u dan gie vverifikat mill-Ispettur Hayman waqt l-interogazzjoni. Hu kien qal li dan kollu kien lest li jghidu quddiem l-ohrajn u cioe' li kien lest jikkonfrontahom. Omissis kienet qalet fil-bidu lil Omissis li hu kien pedoflu izda hu qatt ma kien ikkonfronta lil Omissis dwar dan ghaliex ma riedx jaqla' inkwiet u ma kienitx taghmillu differenza. Mistoqsi allura dan mhux veru li kellu relazzjoni tajba hu jghid li ghal bidu qas biss kien ikellimha lil Omissis.

**Father John Vella** xehed u spjega li hu frangiskan kappucin u li hu jghin in-nies f'li jkollhom bzonn. Hu spjega li kienu Omissis, Omissis, Omissis lkoll Omissis u Omissis li kienu kkuntatjawh. Mistoqsi jekk jaghrafx lill-akkuzat, hu jghid li ghandu diffikulta fil-vista' tieghu. Omissis kienet qaltlu li hi kellha riti spiritwali u kollha kemm huma kienu jisimghu l-ilhna li kienu jggheluhom jaghmlu affarijiet u dawn kienu jaghmluhom. Omissis u Omissis darba kienu marru ghalih u hu kien mar iberkilhom id-dar f'Marsaskala. Hu kien innota oggett jaqa' izda ma jistax jghid din kienitx xi haga sopra naturali. Waqt li kien fid-dar hu ma nnota xejn sopra naturali izda kien innotta hafna affarijiet bhal tazzi miksurin. F'kelma wahda kien hemm herba shiha. Prezenti dakinhar kien hemm Omissis u Omissis biss. Kienu qalulu li kien hemm *grandfather clock* li kien icaqlaq fil-bokka tal-bieb u ghalaq il-kuritur.

Hu jghid li  kien mar ghat-tieni darba u prezenti f'din l-okkazzjoni  kien hemm Omissis, Omissis, Omissis, Omissis u habib ta' Omissis u kien ghamel quddiesa. Mistoqsi jekk kienx jismu Omissis dan il-habib, hu jghid li jista' jkun u zied jghid li gili kien jigi rikoverat l-isptar Monte Karmeli.

Darba ohra kienu marru hu u Fr Simon sabiex jaghmlu l-ezorcizmu fejn kien hemm l-istess nies prezenti. Hu kien jghid lil Omissis sabiex ma tikkomunikax ma spiriti. Omissis kienet qaltlu li hi kienet qedgha taht kura medika u ghalhekk kien serrah ftit rasu. Omissis kien jghidlu wkoll li jisimghu l-ilhna u l-affarijiet itiru izda hu mar tlett darbiet u qatt ma sema jew ra xejn li kien anormali. Separatament kien kellem lil Omissis u lil Omissis izda fuq it-telefon kien ikellem lil Omissis, Omissis u anke Omissis ghax kienu mwerwrin. Omissis kien qallu li darba anke fan kien gie fuqhom. Hu qed jghid x'kienu jghidulu u cioe' li kienu jisimghu l-ilhna.

Hu spjega li jekk tikkomunika mal-ispirti inti tkun qed tistidinhom. Meta tikkomunika mal-Ispirtu t' Alla fit-talb u sagramenti thossok kuntent, meta tikkomunika ma spirtu hazin thossok hazin. Ix-xitan jibza mill-Madonna u importanti li jkun hemm t-talb u t-tehid tas-sagramenti. Hu kien ghamel quddies gewwa d-dar peress li l-bicca kienet qed tippersisti. La Omissis u qas l-ohrajn qatt ma qalulu li kienu qed jisuspettaw li

kien hemm xi hadd li beda jaghmel il-vucijiet. Hu qatt ma kellu kuntatt ma Omissis u ma Omissis b'mod individwali ghax huma dejjem kienu jkunu flimkien. Minn dak iz-zmien u cioe' mill-2018 'l hawn hadd qatt minnhom ma rega' ghamel kuntatt mieghu.

**Dr Anthony Bonnici** xehed ghan nom tas-socjeta Go plc u muri document a fol 811 jghid li dawn huma data extractions li kien gie rikjest li jsir xoghol fuqhom. Hu kkonferma li l-IP address moghti lilhom mill-pulizija kien f'isem Omissis ta' M'Scala.

**Franklin Calleja** xehed in rapprezentanza tad-Direttur tal-Qorti u kkonferma li fil-konfront tal-akkuzat m'hemmx kawzi pendenti jew sentenzi moghtija u lanqas multi pendenti kontra l-akkuzat.

**Dr Louisa Eminyan** xehdet u kkonfermat li hija tahdem bhala psikologa u lil Omissis tafha ghaliex kienet it-terapista taghha. Hi bdiet tahdem maghha sa minn Ottubru 2018 il-quddiem. Qalet li nhar it-28 Jannar 2019 Omissis kienet baghtitilha messagg ix-xoghol, ghal appuntament urgenti. Fid-29 ta' Jannar 2019 iltaqghet maghha u din qaltilha li riedet titlaq mid-dar fejn kienet qed tghix u li kienet ghand ommha kontra r-rieda taghha. Qaltilha li kellha bzonn l-ghajnuna u li kien hemm sitwazzjoni ta' abbuz fuqha u fuq ommha u ohtha, u wara bdiet tghidilha x'kien qed jigri. Spjegat is-swat li kien hemm fil-konfront taghha u t' ommha. Kien hemm anke theddid fuq is-sahha fizika taghha. Kienet semmietilha li kien hemm stupru fuq ommha u li hi kienet hemm meta dan sar. Omissis kienet qaltilha li l-ewwel lejl taghha kienet xorbot hafna whiskey fuq ordni tal-lehen u kienet spiccat mitlufa minn sensiha. Spjegatilha li l-ghada kienet qamet liebsa hwejjeg t'ommha u minghajr qalziet ta' taht. Infurmata li Omissisgghela tiffilmja lil genituri taghha jaghmlu s-sess u gieghel lil ommha tohrog f'triq minghajr hwejjeg. Ghall-ewwel tghid li hasbet li vera kien xi spirtu izda ftit wara ndunat li kien Omissisli kien qiegħed jaghti dawn l-ordnijiet u li mhux vera kien ix-xitan. Qalet ukoll li kien l-gharus t'ohtha li kien jabbuza minnha u minn ohtha u li gghela temmen li fid-dar kien hemm ix-xitan li kien qed jagixxi tramite l-persuna tieghu u cioe' ta' Omissis. Qaltilha illi kienet tircievi hafna theddid fis-sens illi jekk titlaq mid-dar kienet ser tmut. Dan Omissis kien jumiljaha peress li kien jordnala tinza

gharwiena u anke jitfala l-ilma. Kien igghela tistupra lil ommha izda dettalji kif dan sar hi ma taghtix u ghalhekk hasset il-htiega li ddahal is-*social workers tad-domestic violence*.

Qalet li imbaghad ma baqgehtx tkellimha fuq dak li ghaddiet minnu ghaliex ma riditix tinfluwenzaha la kienet ser tigi imharrka bhala xhud. Taf pero li Omissis kienet imbezza. Qalet li din marret ghandha f'zewg okkazjonijiet u cioe' fl-4 ta Jannar 2019 u fid-29 ta Dicembru 2018. Tghid li kienet qed tirtghod u kien qed ihossha hazin ukoll. Bdiet tghidilha li ma setghetx titkellem Izda meta eventwalment tkellmet kienet imbezza hafna.

Hi kienet ikkancellat darbtejn il-laqghat li kellha maghha u wara imbghad ikkuntatjatha li riedet appuntament urgenti. Tikkonferma li Omissis marret ghandha ghall-ghajnuna sabiex tghinha tohrog mid-dar u meta din bdiet isemmi l-abbuz hi hasset il-htiega li mal-ewwel titlob l-ghajnuna tas-*social workers* tad-*domestic violence* peress li dak hu l-area ta *expertise* taghhom.

Kienu qed jahdmu sew fit-terapija u Omissis kienet qed taghmel progress. Hi tiftakar li bhala *social workers* kien hemm Naomi u wara taf li kien hemm *social worker* ohra

Kienet spiccat ghandha bahla *self-referral* ghax riedet tahdem fuq il-passat taghha u fuq l-anzjeta'. Kellha trobbija iebsa hafna u ghaddiet minn esperjenzi difficli. Dak iz-zmien hi kienet qed tghix ghand in-nanniet. Omissis kienet qed tmur ghandha regolari u cioe' kull gimgha. Omissis wara l-Milied marret ghas-sessjonijiet imwerwra. Omissis kellha relazzjoni difficli mal-genituri taghha it-tnejn.

Qalet li Omissis ipprovat tibni relazzjoni ma ohthta pero qaltilha li ma kienitix tara lil *boyfriend* ta' ohtha f'dawl tajjeb. Tghid li Omissis ma tkellmitx ghaliha biss ghaliex hasset li anke ohtha kellha bzonn protezzjoni.

**Silvana Calleja** xehdet u kkonfermat li hija kienet hejjiet *risk assessment* fil-konfront ta' Omissis fid-29 ta Jannar 2019, li jinsab esebit a fol. 21 tal-atti. Kienet giet imsejha mill-Appogg biex tassisti lil Omissis u kellha ukoll laqghat mal-psikologa Louise Eminyan. Tghid li Omissis uriet ix-xewqa ma Louise sabiex titlaq mid-dar ghaliex kienet imbezza u ghalhekk giet involuta biex tara x'tista taghmel. Tghid li hija kellmet lil Omissis fil-presenza ta din Louisa. Tghid li Omissis irrakontat kif meta marret izzur lill-genituri taghha id-dar kien hemm ohtha Omissis u l-gharus taghha Omissis u dan heddidha li jekk tmur lura ghand in-nanniet kien ser joqtol lin-nanniet. Spjegat li ommha fil-passat kienet tipprattika l-okkult u Omissiskien uza dan it-twemmin sabiex jikkontrolla l-familja kollha. Qaltilha li Omissiskien possedut mix-xitan u li x-xitan kien qed jagixxi tramite persuntu. Tghid ukoll li maz-zmien l-ispirtu ma kienx reali izda kien Omissis li beda jaghmilha tal-ispirtu sabiex jezercita l-kontroll.

Ix-xhud spjegat li b'hekk hasset li kien hemm theddid anke fuq hajjet Omissis u hajjet il-genituri taghha. Kien hemm abbuz fiziku fuqha u fuq ommha u misseriha kif ukoll abuzz sesswali fuqha u fuq ommha. Tghid li skond Omissis dan l-abbuz kien qed isir minn Omissis. Kienet talbet lil Omissis sabiex taghmel rapport ghand il-pulizija u tmur tghix gewwa *shelter* u Omissis accettatt li tmur go *shelter* ghal vjolenza domestika izda kellha bzonn is-support taghhom.

Omissis kienet qaltilhom li lejliet li telqet mid-dar ommha kienet giet admitted ghal Mount Carmel ghax kienet ghamlet *overdose* b'xi pilloli.

Hija flimkien mas-social worker *Naomi Darmanin* akkompanjawha gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Mscala u hemmhekk sar r-*risk assessments* fejn hemm sett ta' domandi li jiddeterminaw jekk persuna tinsabx f'riskju jew le. Irrizulta li Omissis kienet *high risk.* Qalet li Omissis anke irrelatat stejjer dwar skieken. Qalet li dan Omissis kien igieghlha tmiss lilha innifisha u gili anke tmiss lil ommha b'mod sesswali billi tmissilha sidirha u tbusilha sidirha u vice versa. Dan kien ukoll igieghel lill-ommha u missierha jkollhom x'jaqsmu ma xulxin u kien ikollha tiffilmja dan l-att u semmiet li

darba kellha toqghod thares filwaqt li Omissis ippentra lil ommha b'lasta ta' xkupa u dan fid-dar tal-genituri taghha f'Wied il-Ghajn.

Meta kellmuha fuq ohtha li kienet ghadha minuri qaltilhom bl-okkazzjoni ta' l-ixkupa u li ohthta kienet indifferenti ghal dak li kien ghaddej. U meta staqsewha ghaliex ma irreagixitx ghal sitwazzjoni daqstant makabra din qaltilha li ma kienitx l-ewwel darba li hu ghamel hekk fuq l-omm. Omissis spjegat li Omissiskien aggressiv hafna mal-familja Kien ikun hemm swat bil-frosta tal-klieb u li iwaddbilha affarijiet bhal flixken, zraben theddid bis-skiken u jaqbad zewgt iskiken u joqghod isinnhom fid-dlam biex huma jisimghu il-hoss tas-skiken u jibzghu. Kien hemm ukoll modi ta' tortura per ezempju meta kien ixarrabhom b'ilma kiesah u jibqghu imxarrbin quddiem il-fan bla hwejjeg u dan f'Dicembru meta kienet qed tghix fid-dar t'ommha.

Spjegat li Omissis kien qalilha li jekk tirritorna lura d-dar ghand in-nanniet kien ser joqtolhom u ghalhekk baqghet tghix ghand il-gentiuri taghha biex tipprotegi n-nanniet taghha. Qabel ma marret tghix ghand il-genituri taghha kienet tghix ghand dawn l-istess nanniet. Qaltilha li kien ikun hemm theddid ta' kuljum li jaqtalgha is-swaba ta' saqajha. Kien hemm kontroll shih billi jimpediha milli tohrog jew tmur l-iskola. Tghid li darba minnhom ircevit telefonata minghand ommha jew ohtha u dawn qalulha li jekk ma tirrtornax lura d-dar kien ser jahraq l-affarijiet fid-dar. Spjegat li hafna drabi t-telefonati ma kienux isiru direttament minnu izda kienu jsiru minn ommha jew minn Omissis li kienu jwasslu il-messagg tieghu. Innutaw li waqt li kienu qed ihejju r-*risk assessment* Omissis irceviet hafna telefonati minghand ohtha.

Tghid li Omissis spjegat li ommha ghal xi zmien antecedenti kienet taghmel l-okkult u li kienet tbati minn mard mentali u cioe' dipression u *borderline personality disorder* u Omissis kien juza dawn il-problemi sabiex a bazi taghhom ikun jista' jikkontrolla l-familja kollha. Kien ighidilhom li ommhom gabet ix-xitan fosthom u issa kien qed juza ix-xitan biex ighaddi l-messagg tieghu. Kemm il-darba ratu juza il—frosta mal-hajt u wara jghidilhom li kien qed jissawwat. Qalet li meta kienu jigru dawn l-allegati

incidenti ta' swat fuqu qatt ma kien ikun hemm xi marki fuq gismu. Rat kuntrast ghax meta kienu jissawtu huma kien ikollhom tbengil u marki.
Omissis tghid li ommha kienet belghet numru ta' pilloli lejliet li marret tirraporta ghand il-pulizija u kienet ommha stess li cemplet ghall-ambulanza. Hija ratha bhala *a cry for help.* Qalet ukoll li minn meta Omissis mar ighix id-dar t' ommha hija bdiet tara speci ta' *regression* fis-sahha t' ommha.

Tghid li flimkien mas-social worker Naomi u mal-pulizija kienet akkompnajat lil Omissis gewwa id-dar t' ommha sabiex tigbor hwejjigha qabel tmur fis-shelter. Meta waslu raw li kull bieb jew tieqa kienu imbarrati bi speci ta' blinds u ma setghux jaraw dak li kien hemm gewwa. Ghall-ewwel ma fetah hadd izda wara ftit tal-hin raw lil xi hadd jittawal u dan qalilhom li setghu jifthu l-bieb . Kien Omissisli fetah il-bieb u mieghu kien hemm ukoll Omissis. Dak il-hin lill-Omissis qalulu biex imur fil-karozza tal-pulizija. Meta Omissis harget mil-karozza sabiex tmur tigbor hwejjigha, Omissis marret tipprova tkellilmha u Omissis baqghet ghaddeja, filwaqt li ma hallewx lil Omissis titkellem ma' Omissis meta dan kien fil-karozza. F'xi hin wasal ukoll il-missier u stqarr li ma kienx qed jifhem x'kien ghaddej. Dak il-hin Omissis ma tkellmet ma hadd u telqu 'l hemm u akkompanjaw lil Omissis fix-xelter.

In kontro-ezami, mistoqsija dwar fol. 24, Sec B tar-*risk assessment*, ix-xhud tikkonferma li Omissis ma kellhiex bzonn *medical attention*. Dakinhar tar-risk assessment ma kienx hemm vjolenza kontra Omissis sabiex din tohrog mid-dar. Hi tghid li fil-passat hi kienet issegwi lil Omissis u lil Omissis minhabba is-sitwazzjoni tal-familja taghhom u dan madwar tnax il-sena qabel.

**Naomi Darmanin** xehdet u kkonfermat li hija social worker l-Appogg fis-sezzjoni tal-vjolenza domestika. Hi kienet involuta fit-thejjija tar-*risk assessment report* esebit fl-atti a fol 21 sa 25 tal-process, liema rapport sar nhar id-29 ta' Jannar 2019. Dan sar flimkien mal-kollega taghha Silvana Calleja. Dan il-kaz kien gie riferut ghandhom mill-psikologa ta' Omissis, Dr Louisa Eminyan u dan dak in-nhar stess tad-29 ta' Jannar 2019. Hi rrakuntatilhom dwar it-theddid u l-abbuz. Specifikament semmiet li kien

hemm *rape* fuq l-omm. Semmitilha li ommha lejliet kienet ghamlet *attempted suicide* sabiex tohrog mid-dar. Ohtha Omissis suppost kellha toqghod man-nanniet paterni. L-gharus ta' Omissis kien jghidilhom li hu possessat mid-dimonju u jekk ma jaghmlux dak li jghidilhom jigu kkastigati.

Meta bdew ikellmuha raw li staqsewha jekk riditx taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija u fil-fatt riedet u akkompanjawha hemm. Huma ghamlu ir-*risk assessment* u rrizulta li kienet *high risk*. Hija ma kellmietx lil Omissis u dan ghaliex ma hassitx il-htiega li taghmel hekk. Tghid li Omissis kellha certu sens ta'misthija. Ikkonfermat li ommha kienet taghmel l-okkult pero' fil-prezent kien qed jintuza bhala skuza minn Omissis biex izomm il-familja ostagg u taghmel dak li jrid hu. Lilhom pero' Omissis qaltilhom li l-affarijiet kien qed jaghmilhom l-akkuzat. Jigifieri ma ratx li kien hemm xi haga sopra naturali izda l-affarijiet li kienu qed isiru saru minn persuna umana ghal vantagg tieghu. Certu affarijiet kienu anke jsiru b'tortura u hafna mill-abbuz kien isir kontra l-omm. Hi ma kienitx komda li tesprimi ruhha quddiem pulizija ragel u ghalhekk dan kien hareg waqt ir-*risk assessment*. Fir-rigward l-incident tal-ixkupa Omissis kien qalilha sabiex thares waqt li hu beda jippenetra lil ommha. Omissis ma kienitx hadet dan bi kbir u kienet qaltilha li dawn l-affarijiet gili kienu graw. Kienu jcemplula ohtha jew ommha meta tohrog sabiex hi tirritorna lura, darba minnhom kienu qalulha li jekk ma tirritornax, Omissiskien ser jibda jahraq id-dar, haga, haga. Hi xtaqet tghid lil ommha li dan ma kienx spirtu izda li kien Omissisimma ommha kienet temmen bi shih li dan kien spirtu. Spjegat fuq il-frosta li kienet tintuza minn Omissis u l-ammont kbir ta' swat kien ikun dirett lejn l-omm.

Waqt li kienu qed jikkonkludu r-rapport ohtha kienet baghtet messagg lil Omissis tghidilha sabiex tirritorna d-dar u li l-ispirti ma kienu ser jaghmlulha xejn. Kienu akkumpanjawha id-dar, il-pulizija hadu lis-Sur Omissis u wara harget Omissis mill-karozza. Omissis ppruvat tkellem lil Omissis izda ma kkalkulathiex u Omissis ppruvat tkellem ukoll lil Omissis, madankollu l-pulizija ma hallewhiex. Omissis bdiet tghid li Omissisma kellux x'jahti.

In kontro-ezami tghid li ma tafx sarux xi *risk assessment* lil ohtha jew ommha. B'referenza ghas-Sec B tar-risk assessment tghid li Omissis ma qalitx li kellha bzonn assistenza medika. Hi tghid li bhala abbuz kien konsistenti u mhux li kien hemm eskalazzjoni. Hi tghid li dakinhar Omissis kienet qaltilhom li kellha l-MCAST u ghalhekk kienet imhollija tohrog.

**OB** xehed in rapprezentanza tal-Isptar Monte Carmeli u dan fil-kapacita'ta' principal. Huwa kkonferma a fol. 1052 il-file ta Omissis ta' meta giet ammessa l-isptar fis-sena 2019. Hemm indikat li din kienet dahlet l-isptar sitt darbiet gewwa Mount Carmel.

**Janet Gillard** xehdet u spjegat li tahdem Dar Merhba Bik u tahdem bhala co-ordinator fi hdan ix-xelter. Tghid li ghandha bhala kwalifika Bachelors fil-psikologija. Tikkonferma li bejn id-29 ta' Jannar, 2019 u l-25 ta' Frar, 2019 Omissis ghexet maghhom u waqt li kienet hemm maghhom taf li l-Ispettur Oriana Spiteri u Spettur Eman Hayman marru jinterrogawha u dan fil-31 ta' Jannar 2019. Tghid li Omissis dakinhar spjegat dak kollu li kien ghaddej gewwa d-dar tal-genituri taghha. Taf li meta Omissis giet biex titkellem mal-Ispetturi kienet imbezza, ghajjiena u emozzjonata. Hi rrakuntatilhom li S-Sur Omissis beda juza lehen partikolari u jghid li hu d-dimonju; semmiet li kienet msawwta bil-frosta; kienet giet mgieghla tinza u tmiss lill-ommha b'mod intimu u tirrakonta esperjenzi ta' natura sesswali; kellha toqghod gharwiena quddiem fan mxarrba u kienet mgieghla tippenetra lil ommha b'lasta ta'xkupa. Hi kienet qaltilhom li dak iz-zmien kienu jghixu hi, ommha, ohtha u Omissis. Taf li Omissis giet riferuta ghandhom mis-*social workers* tal-Appogg. In kontro-ezami mistoqsija x'tip ta' shelter hi Merhba Bik hi tghid li hija shelter tal-vjolenza domestika fejn in-nisa jkunu ghaddejin minn certu vjolenza.

**Bernardette Briffa** xehdet li kienet tahdem f'Dar Merhba Bik bhala *therapeutic Manager u social worker* u kienet qed tiehu hsieb lil Omissis. Tghid li gewwa Mehba Bik saret interogazzjoni u prezenti maghha kien hemm Omissisette Gillard. Tghid li meta saret l-interrogazzjoni lil Omissis din kienet qed tghix fix-Shelter Dar Merhba Bik u kienet giet mibghuta hemm fuq *referral* ta' social workers. Minn din l-interrogazzjoni harget

li din it-tfajla kienet qed tigi abbuzata mentalment u fizikament mis-sieheb t' ohtha. Tghid li ma hallijiex tmur lura ghand in-nanniet minn dak li ftakkret, u li kien intefa xi ilma kiesah fuqha, li kienet tigi imgieghlha toqghod gharwiena u mgieghla toqghod quddiem il-fan mixghul. Iddiskreviet ukoll incident fejn lasta ta' xkupa ddahlet fil-parti privata t' ommha. Kienu saru xi atti sesswali bejnha u bejn ommha u li kienet giet imgieghlha taghmilhom. Dan kollu kien isir gewwa id-dar tal-genituri taghha. Omissis kienet mdejqa u nkwetata hafna dwar is-sitwazzjoni. Hi kienet prezenti meta l-pulizija kienu gew ikellmu lil Omissis.

**Nicholas Mallia** xehed li hu perit u muri fol. 137 hu kkonferma li gharaf ir-rapport tieghu pprezentat f'Marzu 2019 u ghall-pjanta minnu mhejjija. Hu kien gie nkarigat jaghmel dan mill-allura Mag Aaron Bugeja. It-tieqa li tidher fuq il-faccata ta' quddiem fis-sular t'isfel, jghid li kienet gholja xi erba' filat mill-art u qal li l-hitan tal-bitha kienu gholjin xi tmien filati. Mit-tarag kien jidher prospett biss ta' tarag u l-indana izda mhux tal-kmamar. Hu ikkonferma l-indirizz u cioe M'Scala u qal li sab id-dar facilment ghax kien akkumpanjat minn pulizija.

Semghet lil **Dr Steven Farrugia Sacco** jixhed u jghid li hu avukat specjlalizzat fuq cellulari u apparat elettroniku. Muri fol. 265 tal-process hu spjega x'kien ezamina bhala *electronics*. Tkellem dwar ir-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dok SFC 1 u indika li huwa ghamel l-estrazzjoni ta' informazzjoni u l-analizi tieghu sal-grad ta' l-estrazzjoni ta' l-informazzjoni u metodologija izda ma ghamilx l-ezami u analizi ta' l-informazzjoni *per se*.
Jghid li kien hemm xi video li gie estratt. Muri fol. 795 jghid li hu estenzjoni tal-inkarigu moghti lilu. Hu kkonferma l-*playstations*, it-tablet u l-electronic devices murija lilu bhala l-oggetti esebiti fl-atti li hu kien ghamel xogholu fuqhom

**DB** xehed bil-lingwa Ingliza izda tradotta mill-Qorti ghal fini ta' din is-sentenza. Fl-awla jghid li jgharaf lil Omissis bhala l-ex gharus ta' oht l-gharusa tieghu. Kien iltaqa' mieghu fid-dar tal-gharusa tieghu gewwa M'Scala. Rah b'kollox xi erba' darbiet izda qatt ma kellmu. Ghal bidu hu ma kienx jaf x'kien ghaddej fir-residenza ta' Omissis,

izda meta kien johrog mal-gharusa tieghu, Omissis kienet tircievi telefonati sabiex tirritorna d-dar. Meta kienet titlaq minn mieghu sabiex tirritorna d-dar hi kienet tkun imbezza u agitata. Biz-zmien sar jaf li kien hemm xi haga hazina u li kien hemm allegat swat mid-dimonju. Hu kien jinnota tbengil fuq saqajha izda qabel kienet tghidlu li hi titbengel malghajr. Hi kienet qaltlu li d-dimonju kien Omissis u dan kien joqghod isawwathom u jwaddbilhom l-ilma. Il-familja tieghu ghenuha sabiex tibda l-proceduri u tmur is-shelter. Hi ghexet mieghu ghal sena wara s-shelter. Meta hu kien mar id-dar ta' Omissis ma kien gara xejn fil-prezenza tieghu li mhux normali.

Omissis kienet tghidlu li kien id-dimonju li kien isawwatha. Hu jghid li kien ghamel l-att sesswali ma Omissis bil-kunsens taghha. Meta sema bid-dimonju, hu ma kienx emminha izda pprova jifimha. Hu ma jemminx bid-dimonji. Qal li Omissis hija terrorizzata min Omissis.

**Rat dak li gie verbalizzat fl-atti u cioe' li d-difiza kienet qed tezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lil Dr Marisa Cassar milli tixhed stante li minn ezami tal-iswabs mghoddija lilha ma hareg l-ebda profil genetiku. Rat ukoll li d-difiza ezentat lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lix-xhud Raymond Mangion u strahet biss fuq l-attendance sheet esebita minnu ghan-nom tar-registratur tal-MCAST liema dokument jinsab mmarkat bhala dok. RM1. Ikkonferma li fis-sena skolastika ta' 2018 u 2019 kien hemm biss 16% ta'** ***absenteeism*****.**

Semghet ix-xhieda prodotta mid-difiza u cioe':

**Chanelle Azzopardi** tghid li hi kienet habiba ta' Omissis ghax kienet tmur tixtri minn l-istess hanut bhala. Kienu hbieb normali hi u Omissis u Omissis jigi kugin taghha. Omissiskien qalilha li kien qed johrog ma Omissis u hi kienet hadet qata' meta saret taf li qed johrog ma Omissis u dan ghaliex Omissis u ommha ma kienux nies normali per ezempju Omissis kienet dejjem tiggieled m'ommha. Hi nfatti tghid li kienet hassritlu. Omissiskien qalilha li lil Omissis kien jaraha bhala tfajla sew. Hi ssostni li hi qatt ma tkellmet fuq il-bicca xoghol tal-Qorti ma' Omissis. Meta hu kien fir-relazzjoni

ma Omissis tghid li Omissiskien jghix ghand in-nanna. Tghid li gili hargu flimkien jiehdu xi pizza wkoll sabiex hi tgawdi u tiehu hsieb lill-kugin ukoll. Quddiemha qatt ma ggieldu w assumiet li Omissis kienet tranngat. Dak iz-zmien tghid li Omissistahseb li kien jistudja. Issostni li kienet titkellem ma Omissis fuq id-dwifer u x-xaghar.

**Fr Franco Fenech** spjega illi bhala kummissjoni tal-ezorcisti jaghmlu laqghat u fuq il-kaz Omissis u jaf fuqu minn hemm hekk. Fr John Vella kien involut dirett fuq il-kaz u li hu jaf fuq dan il-kaz kien mill-istess Fr Vella.

Semghet lill-avukat difensur jaghmel is-sottomisjonijiet tieghu in difesa u l-prosekuzzjoni twiegeb ghall-istess.

Semghet ukoll ir-replika tad-difiza.

Il-Qorti thoss illi f'din il-kawza, l-avukati, kemm tal-prosekuzzjoni u kemm tad-difiza mxew b' lealta' u rispett kbir lejn il-Qorti u ta' dan tirringrazzjahom.
Ikkunsidrat,

Illi kif pprovdut fl-Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali, huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Dan ma jfissirx illi l-prosekuzzjoni hija obbligata tressaq ghexieren ta' nies u dan ghaliex f'kaz illi l-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni tax-xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista; tasal sal-grad tal-prova rikjesta fi proceduri kriminali jekk dak ix-xhud ikun gie emmnut: u dan peress li f'din l-eventwalita' din ix-xhieda issir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqskemm kieku il-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu jekk emmnut huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xhieda tieghu il-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan

il-principju gie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[2]

Illi kif gie enuncjat fis-sentenza **ir-Repubblika ta' Malta vs Elenio sive Lino Bezzina**[3]

> *'fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt'. Min-naha l-ohra, msahha bil-prezunzzjoni talinnocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabilita' jigifieri jekk huwa probabli li seta' gara dak li kien irrakuntat mill-akkuzat kif korraborat mic-cirkostanzi jew le.*
>
> *Dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi ddubju ragonevoli l-prosekuzzjoni tigi kkunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.'*

Kif imfisser ukoll fis-sentenza **ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**[4]

> *'Huwa principju fundamentali fil-process kriminali li l-ligi tezigi li kull min irid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhix disponibbli.'*

Illi jidher car li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni naqqset li tipproduci xhieda fundamentali sabiex tikkollabora certu xhieda moghtija mill-allegati vittmi u cioe' l-ahwa Omissis u

---

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin D deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) datat 24 t'April, 2003.

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) datat 5 ta' Lulju, 2002.

Omissis flimkien m'ommhom Omissis. Illi f'dan il-kaz gew imsemmija certu xhieda li allegatament raw certu affarijiet jigru fosthom missier l-ahwa Omissis u cioe' Omissis, in-nannu patern Omissis , il-habib tal-allegata vittma Omissis u cioe' *Omissis*, l-allegat qassis sataniku Anthony D maghruf bhala Dimecus, rapprezentat ta' Josplus sabiex jixhed dwar l-impjieg ta' Omissis, rapprezentant tad-dipartiment fejn kienet tahdem Omissis sabiex jigi ppruvat in-nuqqas t'attendenza taghha ghax-xoghol u tobba jew professjonisti ohra li ikkuraw lil Omissis sabiex din tista' titqies bhala persuna vulnerabbli fost ohrajn. Il-Qorti tinnotta wkoll li hemm nuqqas t' esperti li setghu gew nominati sabiex isahhu l-fatti kif spjegat hi mill-allegati vittmi bhal per ezempju fotografu sabiex jigbed ritratti ta' tbengil li allegatament kellha Omissis u tobba sabiex jikkonfermaw dawk l-istess feriti u jistabilixxu jekk effetivament Omissis kellhiex xi marki fil-parti private taghha.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tezamina l-Kapi tal-akkuzi moghtija fil-konfront tal-akkuzat limitatament fid-dawl tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u mid-difiza. Jigi mfakkar kif tajjeb osservat li d-difiza m'hi obbligata tressaq l-ebda provi sabiex tipprova l-innocenza taghha pero jibqa' mfakkar illi jekk id-difiza taghzel li tressaq il-prova allura il-livell li jrid jintlahaq huwa dak tal-probabbli.[5]

F'din il-kawza odjerna, il-Qorti hi rinfaccata b'zewg verzjonijiet ta' dak li seta' gara u wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha thoss li l-alternattivi huma tnejn, jew li l-akkuzat qed jghid il-verita' u cioe' li mhux minnu dak li gie akkuzat bih jew li l-prosekuzzjoni ghandha ragun meta hija harget l-Att tal-Akkuza fil-konfront tal-akkuzat. Ghalhekk din il-Qorti trid tifli l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-akkuzat odjern u tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilix tipprova l-akkuzi taghha bix-xhieda li ressqet.

Illi jigi rilevat li huwa minnu li l-akkuzat ma xehedx *viva voce* il-Qorti kif del resto kellu kull dritt jaghmel. Izda, l-Qorti kellha l-konfort tal-istqarrija tal-akkuzat moghtija a

[5] Ara **Il-Pulizija vs Alexander Giacomotto** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Jannar, 2007.

*tempo vergine* li giet redatta l-okkorenza u cioe' l-ghada kif ukoll l-interrogazzjoni audio-viziva li giet transkritta f'dawn il-proceduri. F'din l-investigazzjoni ahharija, l-akkuzat stess xi drabi jitfa' l-gebla fuq saqajh, kif ser jigi spjegat aktar l-isfel f'din l-istess sentenza. Il-Qorti ghamlet ezami approfondit tax-xhieda mressqa u hija tal-fhema illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni hija aktar kredibbi u attendibbli mill-akkuzat, infatti hemm numru ta' inkonsistenzi f'certi partijiet tal-interrogatorju tal-akkuzat stess. Partikolarment, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal dwar is-swat li kien jaqla hu minghand l-ispirtu w li sahansitra jghid li kien mugugh tant li l-kowc tieghu MD ma kienx jilghabu u kien qallu sabiex imur ghand *physiotherapist*. Meta Delceppo gie mistoqsi jekk kienx jaf li l-akkuzat kellhux xi *injuries*, dan wiegeb li ma kienx jaf b'dan u ma jiftakarx li ma laghabx lill-akkuzat minhabba allegat wegghat. Oltre minn hekk din il-Qorti tinnotta illi l-akkuzat stqarr illi huwa kien xtara l-frosta sabiex isawwat il-klieb, pero' mill-atti ma jirrizultax illi in effetti huwa sawwat il-klieb, madankollu rrizulta b'mod car li l-frosta ntuzat sabiex jissawtu l-allegati vittmi. Jirrizulta wkoll li huwa qal li ssawwat minn Omissis pero' ma ressaq l-ebda prova materjali sabiex jikkollabora din ix-xhieda tieghu.

In oltre jinghad illi dan il-kaz huwa wiehed makabru u kien jehtieg li tinfetah inkjesta *a tempo vergine* sabiex jigu preservati ix-xhieda u l-evidenza specjalment dik medika u forensika u zgur li tali *proces verbal* kien isahhah it-tezi tal-prosekuzzjoni fis-sejba sabiex din il-Qorti tkun f'pozizzjoni tasal ghal gudizzju taghha, mhux biss fuq ix-xhieda mismugha minnha izda anke fuq evidenza xjentifika.

Minkejja dan in-nuqqas kbir, jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li xorta wahda hija kienet f'pozizzjoni li taghmel l-apprezzament taghha u tasal ghall-gudizzju san abbazi tax-xhieda mressqa. Jigi mfakkar illi Qorti tista' temmen xhud fit-totalita' tieghu kif ukoll in parte u ghalhekk dak li hu mehtieg huwa li din il-Qorti tasal sabiex tasal ghal verdett taghha abbazi tal-konvinciment morali taghha bbazat fuq l-evidenza tal-kaz.

Jehtieg issa illi din il-Qorti tara jekk ix-xhieda kif fuq rappurtata hix bizzejjed sabiex twassal lil Qorti tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-akkuzat jistghux jigu ppruvati sal-grad li jkun *safe and satisfactory.*

Ikkunsidrat,

Illi f'din il-kawza l-akkuzat qed jallega illi kien hemm ilhna ta' spirti li kienu jikkmandawh sabiex jaghti l-ordnijiet ta' stmerrija kemm lil Omissis u kemm lil ommha Omissis. L-akkuzat jinheba wara l-iskuza tal-okkult u jghid illi dawn l-ispirti huma rizultat tal-prattici okkulti *da parte* Omissis. Din il-Qorti tirikonoxxi l-fatt illi Omissis kienet tghajjat l-ispirti u tipprattika uzanzi tal-okkult, pero' tichad b'mod kategoriku li dawn seta' kellhom xi effett fuq l-agir kriminali tal-akkuzat. Il-Qorti hija sodisfatta illi l-akkuzat inheba wara din il-prattika sabiex hu jkun jista' jitterorizza, ibezza', iwerwer, jimmanipula u jumilja lill-familja u dan wara li l-istess familja kienet tant gentili li tilqghu gewwa darha. Din il-Qorti ma temminx li effettivament kien hemm spirti fid-dar u in oltre hija konvinta li t-tkissir ta' tazzi, it-twaddib tal-ilma ,c-caqliq tal-oggetti u d-daqqiet bil-frosta u l-penetrazzjoni ta' xkupi m'ghamilhom hadd hlief l-akkuzat odjern.

Detto cio pero' din il-Qorti trid tara jekk l-agir tal-akkuzat kienx wiehed li jinkwadra fl-akkuzi moghtija fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat ulterjorment:

**L-Ewwel Kap tal-Akkuza -Ir-Reat ta' Stupru Aggravat**

L-Artikolu 198 tal-Kodici Kriminali ra diversi emendi, bl-ahhar emenda tigi ntrodotta bl-Att LXIV tal-14 ta' Dicembru, 2021. Din l-emenda ma tapplikax ghal kaz in ezami stante li l-allegat stupru sehh bejn Awwissu u Dicembru 2018, u ghalhekk zgur li l-emenda li saret permezz t' Att XIII tat-30 t' April, 2018 japplika ghall-kaz odjern u ghalhekk l-akkuza li jrid iwiegeb ghaliha l-akkuzat hija s-segwenti:

*'(1) Kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem **u, jew oġġett**, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra,jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena:*

*Iżda penetrazzjoni bi kwalunkwe parti tal-ġisem u, jew oġġett għandha titqies kompluta hekk kif jinbeda l-konġunġiment karnali, u mhuwiex neċessarju li jinġiebu provi ta' atti ulterjuri.*

Illi s-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 198 jipprovdi meta l-att ghandu jitqies li sehh minghajr kunsens tal-vittma u cioe'dak segwenti:

*(3) L-atti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat,b'konsiderazzjoni tal-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn.*

Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni trid tipprova illi l-akkuzat minghajr il-kunsens ta' Omissis ikkommetta penetrazzjoni vaginali u/jew anali ta' natura sesswali bl-oggett ahjar deskritt bhala lasta ta' xkupa. Illi di piu' l-ligi tipprovdi li l-penetrazzjoni titqies kompluta anke jekk din saret permezz t'oggett hekk kif jinbeda l-kongungiment karnali.

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta` Malta vs Omissis, Seydou Bandaogo,** il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*36. Il-Professur Mamo jghid hekk, fuq l-element tal-vjolenza fin-noti tiegħu dwar il-liġi kriminali:*

*It is an element which is of the essence of the crime and not merely an aggravation of it. … …*

*.....The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer: All the rest boils down to an appreciation of the circumstances of fact according to the common experience of life. Any attempt to determine "a priori" the intensity, the character and the degree of violence required would have been vain and dangerous, they depending so much on the character and personal circumstances of the victim of the crime.*[6] *……………*

*37. Issa kif ingħad, mill-eżami tal-atti proċesswali jirriżulta indubitat, u lanqas ma ġie kontestat, illi l-penetrazzjoni vaġinali bejn l-appellant u Omissis 1 seħħet, stante li l-appellant igħid illi kien hemm rapporti sesswali bejnu u bejn Omissis 1.*

Issir referenza wkoll għall-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fis-sentenza **The Police vs Ahmed Rasem. A Franka**:[7]

*………even though Omissis might have been at first complacent to the attentions of appellant, however he should have immediately realised that upon the commencement of a degree of intimacy between them, she was not consenting to the sexual act and therefore* ***he should have refrained*** **immediately from carrying on further his sexual advances.** [emfazi ta' din il-Qorti]

---

[6] Pg.195. Vol.II
[7] Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima. Deċiża 26 t'Ottubru, 2017. Appell Nru. 72/2017

Illi skond il-ligi wkoll l-att ta' stupru jkun sehh minghajr il-kunsens f'dan il-kaz ta' Omissis, una volta' hija ma taghtx il-kunsens taghha volontarjament *b'rizultat tal-volonta' libera taghha evalwata fil-kuntest tac-cirkostanzi tal-kaz u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni tal-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn.*

Il-Qorti ezaminat il-provi bir-reqqa fir-rigward ta' din l-akkuza u jirrizulta bic-car li f'jum partikolari bejn l-20 ta' Dicembru, 2018 u 28 ta' Jannar, 2019, Omissis sfat vittma ta' penetrazzjoni vaginali u anali li sehh permezz ta' lasta ta' xkupa. F'dan l-incident jidher li kienu prezenti l-akkuzat u l-gharusa tieghu u ohtha Omissis u li dan l-incident sehh fil-kamra tas-sodda ta' Omissis. Il-prosekuzzjoni allegat illi din il-penetrazzjoni sehhet minn l-akkuzat u dan wara li Omissis kienet ippenetrat il-vagina t'ommha permezz ta' lasta tal-ixkupa. Jirrizulta li dakinhar Omissis ma felhitx iddahhal hafna mil-lasta in kwistjoni u ghalhekk wara li bdiet tippenetra lil ommha, l-akkuzat qabad il-lasta u beda jippenetraha b'sahha skond kif tghid Omissis, mhux talli hekk illi waqt dan l-att Omissis tghid ukoll illi ommha bdiet twerzaq bl-ugigh u ma felhitx aktar. Dan l-istat ta' fatt hu kkonfermat minn Omissis stess kif ukoll minn Omissis quddiem din l-istess Qorti.

F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak li stqarret Omissis iktar il-fuq u cioe' li hi giet ordnata tpoggi l-lasta tal-ixkupa gol-vagina t'ommha u ordnalha tibda ccaqlaq il-lasta. Hi ma riditx u bdiet iccaqlaq il-lasta bil-mod. Hu ordnalha biex tinbotta l-gewwa iktar. Sa dan il-hin Omissis u Omissis bdew iharsu biss. Omissis gie urtat u ghalhekk ha l-lasta min idha u beda jaghmel movement aggressiv. Ommha bdiet twerzaq bl-ugigh. Kien intuza *cream* li tahseb li hu xi *face cream.* Mistoqsija minn fejn saret il-penetrazzjoni tghid li minn quddiem u minn wara mhux certa. Tghid li dan gara ghal madwar ghaxar minuti jew kwarta. Ommha lmentat qabel, bdiet din il-bicca xoghol, izda Omissis qalilha li din diga' kienet ghamlitha.

Illi huwa minnu li Omissis biddlet il-verzjoni taghha meta xehedet quddiem din il-Qorti pero' jinghad illi Omissis kkoregiet ix-xhieda li kienet tat originarjament

quddiem l-Ewwel Qorti ftit wara, filfatt kienet marret titkellem mal-Ispettur sabiex tikkoregi x-xhieda taghha u mhux talli hekk, talli spiccat tressqet il-Qorti akkuzata bi spergur.

Dakinhar stess tal-prezentata hija kienet irregistrat ammissjoni u kienet instabet hatja ta' dan ir-reat. Quddiem din il-Qorti, Omissis bla tlaqliq tghid li kienet taf li l-allegat lehen li suppost kien qed jinstema kien tal-akkuzat odjern. Mistoqsija jekk hiex certa minn dan tghid li iva u dan ghaliex kienet tkun vicin l-akkuzat fil-hin meta jinstema l-lehen u kienet tara xufftejh jiccaqalqu. Ghalhekk huwa relevanti li din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet l-istess Omissis fir-rigward ta' din l-akkuza iktar il-fuq meta xehedet viva voce quddiem din il-Qorti permezz ta' *video conferencing*. *Ex admissis* tghid li ommha kienet giet mgeghla tinza u qadet fuq id-desk, gabet xkupa u Omissis giet mgeghla idahhal il-lasta tal-ixkupa fil-parti privata t'ommha u bdiet taghmel hekk bil-mod. Izda Omissis qalilha sabiex taghggel iktar u ha *over* hu, u beda jcaqlaqha b'mod aggressiv. Ommha bdiet twerzaq u twegga'. Hu wara kien ghamlilha hekk minn wara ukoll.

Omissis ukoll f'dan ir-rigward tat ix-xhieda taghha u ddeskriviet dak li ghaddiet minnu billi qalet li darba minnhom il-lehen ordna lilha u lil Omissis sabiex igibu xkupa. Hi qadet fuq id-desk gharwiena b' saqajha miftuhin u l-vuci ordna lil Omissis iddahhal l-lasta fil-parti privata t'ommha. Hi kienet ghamlet il-*cream* ta' nivea biex ikollha inqas ugigh peress li din ma kienitx l-ewwel darba maghha. Omissis qalet 'No' mill-ewwel u dan (b'referenza ghall-akkuzat) qabad il-lasta u beda jdahhal il-lasta bis-selvagg. Imbghad ghamlilha wkoll minn wara u taf li weggghet hafna.

Illi l-akkuzat, kif kellu kull dritt, ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u dan ghaliex ghazel id-dritt tieghu tas-silenzju. Il-prosekuzzjoni pero' esebiet fl-atti l-istatement maghmul minnu *a tempo vergine* u li jinsab esebit fl-atti a fol. 17 et seq u x-xhieda moghtija minnu permezz t'interogazzjoni li saret b'mod audio-viziv, liema xhieda tinsab transkritta a fol. 153 et seq tal-process. Hawnhekk l-akkuzat ma jichadx li in effetti sar dan l-incident tal-istupru bi xkupa kif deskritt mill-familjari Omissis.

Madankollu, jghid li kien il-lehen li ordna sabiex Omissis iddahhal il-lasta tal-ixkupa fil-parti privata t' ommha u jghid ukoll *ex admissis*:

> *Akkuzat: Jekk qed nghidlek, allahares ma tkunx taf, jekk jien qed nghidlek smajt lit-tifla tghid illi, lil ommha tghidilha 'Ma mhux qed tidhol sew'.*
>
> *Spettur EH : Imma inti fejn kont taf li eqd idahhlilha lasta ta' xkupa? Jekk kellek rashek taht l-imhadda, forsi kienet qed idahhlilha xi hag'ohra?*
>
> *Akkuzat: Mhux qed nghidlek li sar il-kmand?*
>
> *Spettur EH: Imma taf cert li xkupa dahhlet hemmhekk jigifieri.*
>
> *Akkuzat: Mhux qed nghidlek ghax sar il-kmand?*
>
> *Spettur EH: Imma taf cert li xkupa dahhlet hemmhekk.*
>
> *Akkuzat: Cert jien ma rajthix tidhol l-ixkupa.*
>
> *Spettur EH: Cert li dahlet.*
>
> *Akkuzat: Imma jekk l-omm qed tghid li qed isir dawn il-kliem, li qed tghidilha l-ixkupa bdiet, per ezempju ddahhalha.*
>
> *Spettur EH: U taf cert li dahlet, inti li ma tistax tara taf cert li dahlet din l-ixkupa. Ma setghax dahal oggett iehor jigifieri.*
>
> *Akkuzat: Issa jekk ma dahalx oggett iehor ma nafx imma sa fejn naf jien dak il-kmand lil omm u jista' jghidulek kulhadd, li l-ixkupa qal hu.*

Din ix-xhieda tikkonferma li verament il-lehen ordna lil Omissis tinza, toqghod fuq l-iskrivanija filwaqt li l-akkuzat dahhal il-lasta tal-ixkupa fil-parti privata ta' Omissis. Illi kif mistqarr minghajr tlaqliq minn Omissis dan il-lehen ma kien l-ebda lehen ta' spirtu izda kien il-vuci tal-akkuzat. Illi m'hemmx dubbju li in effetti Omissis qatt ma tat il-kunsens taghha sabiex tigi stuprata u ma hemmx dubbju kif preskrit fis-sub-inciz (b) tal-Artikolu 201 tal-Kodici Kriminali li hi ma setghetx tirrezisti l-agir tal-akkuzat minhabba l-mezzi qarriqa li huwa nqeda bihom. L-Avukat Generali ghogbu jakkuza lill-akkuzat bl-aggravji kif kontemplati fl-Artikolu 202(d) u (k). Illi s-sub inciz (d) jaghti l-fakulta' lil din il-Qorti sabiex izzid il-piena minn grad sa zewg gradi *meta l-hati fl-ezekuzzjoni tad-delitt jigi mghejjun minn persuna wahda jew izjed.* Illi f'dan ir-rigward ma jirrizultax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien hemm xi ghajnuna gejja minn xi terza persuna w ghalhekk dan l-aggravju ma jissustix. Fir-rigward tat-tieni aggravju u cioe' dak kontemplat taht is-sub-inciz (k) tal-Artikolu 202 u cioe' li din il-Qorti ghandha l-fakulta' sabiex izzid il-piena minn grad sa zewg gradi *jekk id-delitt sar kontra persuna vulnerabbli fi hdan it-tifsira tal-Artikolu 208AC(2),* din il-Qorti kellha tezamina propju din id-dispozizzjoni ahharija tal-ligi li tipprovdi s-segwenti:

> *208AĊ. (1) Il-piena għar-reati msemmija fl-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inklużi, 208A(1) sa 208AB, it-tnejn inklużi, għandha tiżdied bi grad jew b'żewġ gradi, fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
>
> *(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna vulnerabbli tfisser:*
>
> *(b) kull persuna li ssofri minn mard fiżiku jew mentali; jew*
>
> *(ċ) kull persuna oħra li tkun meqjusa mill-qorti li qiegħda partikolarment f'riskju li tiġi mħajjra biex tikkopera ma' min jinsab ħati jew li ċċedi għal volontà ta' min jinsab ħati meta tieħu kont tal-età, il-maturità, issaħħa, it-tqala, id-diżabilità, kondizzjonijiet soċjali*

*jew oħrajn tal-persuna, inkluż kull sitwazzjoni ta' dipendenza, kif ukoll l-konsegwenza fiżika jew psikoloġika tar-reat fuq dik il-persuna.*

Sabiex jissusisti l-aggravju kontemplat taht is-sub-inciz 2(k), il-prosekuzzjoni kellha tressaq tabib sabiex jikkonferma jekk effettivament Omissis kienitx issofri mill-mard fiziku jew mentali, haga li naqqset li taghmel. Il-prosekuzzjoni tramite x-xhud taghha, il-principal OB esebiet il-*medical history file* ta' Omissis, pero' ma ressqet l-ebda persuna medika sabiex tikkonferma x'tip ta' mard mentali jew fiziku din kellha. Il-Qorti ezaminat Dok. OB1 li jinsab inserit fl-atti a fol. 1051 (Vol. III) illi dan jikkonsisti f'diversi allegat *entries* kollha kemm huma fotokopji u ghalhekk zgur li din mhux l-ahjar prova li l-prosekuzzjoni setghet tressaq f'dan ir-rigward u m'hemm l-ebda raguni legali ghaliex din il-Qorti ghandha taccetta prova sekondarja meta r-regola generali hija illi l-prosekuzzjoni ghandha tressaq *the best evidence*, li f'dan il-kaz kien ikun it-tabib okkuranti taghha jew a dirittura certifikat originali rilaxxat minnu jew affidavit maghmul minnu ghal dan il-ghan.

Fir-rigward tas-sub-inciz (c) tal-Artikolu 208AC(2) din tirrizulta bic-car u dan ghaliex ma hemmx dubbju Omissis kienet f'riskju li tigi mhajjra biex tikkopera mal-akkuzat u sabiex iccedi ghal volonta' tieghu u dan wara li hadet in konsiderazzjoni il-kundizzjoni socjali tal-istess vittma Omissis u ghalhekk jissussisti l-aggravju kontemplat fil-ligi ghar-reat ta' stupru.

Illi ghalhekk din il-Qorti tiddikjara, wara li rat l-Artikoli tal-ligi sucitati li ssib lill-akkuzat Omissis hati tal-akkuza ta' stupru fuq Omissis u dan stante li sar li sar minghajr il-kunsens taghha kif aggravat minhabba li hija giet mhajjra tikkopera mieghu u kellha ccedi ghal volonta' tieghu.

**<u>It-Tieni Kap tal-Akkuza – Ggieghel persuna ohra li tikkommetti r-reat ta' stupru aggravat</u>**

Illi fit-tieni lok, il-prosekuzzjoni akkuzat lil Omissis talli: kkaġuna lil Omissis sabiex tikkommetti xi atti mhux kunsenswali ma ommha Omissis u ċioè konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali, b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali ta' ġisem,

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Omissis moghtija minnha quddiem din il-Qorti fejn stqarret li l-lehen ordnalha tinza gharwiena u ggib xkupa sabiex idahhalha fil-parti privata t' ommha. Omissis fil-fatt tghid in konnessjoni ma l-istess li: Darba minnhom kienet minduda fuq is-sodda flimkien m'omma, Omissis u Omissis. Omissis kien qal lil ommha li d-dimonju qalilha sabiex tinza l-hwejjeg u li hu kellu jibqa' jhares lejha. Kien ordna sabiex tingieb xkupa u xi *cream* mill-kamra tal-banju. Omissis qal lil ommha sabiex timtedd fuq l-iskrivanija. Din kienet faccata s-sodda. Omissis beda jagixxi li bhal li kiku ommha kienet taf x'ser jigri. Hi giet ordnata tpoggi l-lasta tal-ixkupa gol-vagina t'ommha u ordnalha tibda ccaqlaq il-lasta. Hi ma riditx u bdiet iccaqlaq il-lasta bil-mod. Hu ordnalha biex tinbotta l-gewwa iktar.

Omissis tghid f'dan ir-rigward li darba hi u Omissis kienu fuq is-sodda u ommha u ohta telghu fuq. Ommha kienet giet mgieghlha tinza u qadet fuq id-desk, gabet xkupa u Omissis giet mgieghlha idahhal il-lasta tal-ixkupa fil-parti privata t'ommha u bdiet taghmel hekk bil-mod. Izda Omissis qalilha sabiex taghggel iktar u ha *over* hu u beda jcaqlaqha b'mod aggressiv. Ommha bdiet twerzaq u twegga'. Hu wara kien ghamlilha hekk minn wara ukoll.

Omissis ukoll taghmel referenza ghal penetrazzjoni tal-ixkupa billi tghid li Omissis qalet 'No' mill-ewwel u dan (b'referenza ghall-akkuzat) qabad il-lasta u beda jdahhal il-lasta bis-selvagg. Imbghad ghamlilha wkoll minn wara u taf li weggghet hafna. Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi x-xhieda moghtija mill-ahwa ulied Omissis hija aktar attendibbli u temmen li effetivament li l-akkuzat gieghel lil Omissis ddahhal il-

lasta tal-ixkupa fil-parti privata t' ommha u kien biss meta bdiet tghajjat bl-ugigh li hija waqqfet minn dan l-agir u l-akkuzat kompla hu.

Illi fir-rigward dan l-incident l-akkuzat ma giex mistoqsi l-ebda domanda pero' din il-Qorti lanqas m'ghandha cahda min-naha tal-akkuzat li effettivament dak deskritt mill-ulied ahwa Omissis ma kienx minnu. Din il-Qorti ghalhekk thoss li x-xhieda tal-ahwa ghandha mis-sewwa u m'ghandiex tigi skartata.

Illi ma hemmx dubbju illi dan l-istupru sar kontra r-rieda ta' Omissis u in effetti peress li ma setghetx tirrezisti minhabba l-mezzi qarrieqa li l-akkuzat inqeda bihom jirrizulta li l-istupru sar minghajr il-kunsens taghha. L-Avukat Generali ghogbu wkoll jaghti l-aggravju ta' dan ir-reat kif kontemplat fl-Artikolu 202(d)(k) u dan sabiex il-Qorti tkun f'pozizzjoni li zzid il-piena minn grad sa zewg gradi f'kaz ta' htija. Is-sub-inciz (d) jipprovdi ghall-ezistenza tal-aggravju meta l-akkuzat fl-ezekuzzjoni tad-delitt jigi mghejjun minn persuna wahda jew izjed. F'dan il-kaz dan ma jirrizultax. Pero, fir-rigward is-subinciz (k) u cioe' li d-delitt sar kontra persuna vulnerabbli fi hdan it-tifsira tal-Artikolu 208AC(2) tal-Kodici Kriminali. Skond dan is-subinciz, persuna hija vulnerabbli jekk issofri minn mard fiziku jew mentali u jekk dik il-persuna tkun meqjusa mill-Qorti li qedgha f'riskju li tigi mhajjra sabiex tikkopera mal-akkuzat jew iccedi ghal volonta' tieghu. F'dan il-kaz jirrizulta bic-car illi Omissis kienet taht il-kura ta' psikologa Dr Louisa Eminyan li kkonfermat li Omissis tbati minn hafna anzjeta'. Jirrizulta wkoll li dan kien kaz klassiku fejn persuna u ghal dan il-ghan Omissis kellha tikkopera mal-akkuzat u ccedi ghal volonta' tieghu u dan minhabba l-biza tremenda li kellha kkawzata minnu.

Illi ghalhekk it-tieni Kap. tal-Akkuza tirrizulta ppruvata fl-intier taghha u cioe' li l-akkuzat ghandu jinstab hati li gieghel lil Omissis, persuna vulnerabbli, tikkommetti stupru aggravat fuq il-persuna t' ommha Omissis.

**It-Tielet Kap tal-Akkuza -Ir-Reat ta' Arrest Illegali kwalifikat**

Illi t-tielet kap tal-akkuza migjuba kontra l-akkuzat hija dik ta' sekwestru ta' persuna bl-aggravju li dan sar b'l-ghan li din il-persuna tigi mgieghla taghmel xi haga li tmur kontra l-misthija tas-sess taghha.

Illi l-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna:

> ***kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.***

Minn qari akkurata tad-disposizzjoni tal-ligi jirrizulta illi l-elementi tar-reat ta' arrest illegali huma tnejn. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jrid isir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza ghalkemm dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan r-reat.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu – l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita pubblika jindika li taht dan il-Kap jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita' ma jkunx punibbli. It-teorija ta' arrest illegali tabbraccja ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat imma wkoll l-arrest bl-ingann. Fi kliem iehor l-awturi **Smith & Hogan** jsostnu li l-arrest jissusisti 'by words alone if one suibmits.'

Il-gurista Taljan **Maino** fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale[8] jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal l-artikolu 86 taghna billi jghid:-

> "*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso.*"

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid:[9]

> *the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (OMISSISI – ibid, para 323) Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale Ediz. 1977 pagna 134 jghid:-

> "*Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"
>
> *Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar tas-sena 1961 ipprecizat:-*

[8] a fol. 112 paragrafu 788 Vol II
[9] Notes on Criminal Law Part II pagna 40.

*"Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Andrew Bonnici**[10] il-Qorti irriteniet li:

*"… the Court is going to accept the ground of the appeal that effectively there was no illegal arrest, detention or confinement in the first place. From the evidence it results that the boy went voluntarily with the appellant (described as 'a house with blue windows') even though he was certainly also induced by the attraction to the books which the appellant had just shown him. They went upstairs where then what was done happened. At no time however can one say that the boy was at that place against his will, an essential element of the crime under examination."*

Kif ritenut fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Andreas Kummert versus The Attorney General**[11] inghad li l-att tas-sekwestru jikkonsisti fiz-zamma fizika f'post konfinat fuq medda ta; hin. Ghal dan il-fini **Grieco** u **Cantarano** jghidu is-segwenti:-

*"Elemento materiale: il reato di sequestro di persona e' costituito dalla privazione della liberta' personale, intesa come liberta' di locomozione, di movimento nello spazio, di libera scelta del luogo dove restare.*

*…*

*Elemento psicologico: nel delitto di sequestro di persona, il dolo consiste nella coscienza e volonta' di compiere gli atti diretti alla privazione della liberta' personale della vittima e non ricorre l'esigenza di un dolo specifico, onde e' irrilevante il motivo o il fine ultimo dell'agente*[12]*."*

---

10 Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998
11 Qorti Kriminali nhar 12 ta Frar 2015
12 A Grieco and C Cantarano, 'Codice Penale' (Casa Editrice Stamperia Nazionale Roma) 869

Illi pero fil-kaz ta' arrest illegali ta' persuna bhala mezz biex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti ghall-pudur htija ma tistax treggi ukoll fuq ir-reat ta' arrest illegali. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rribadiet li;

> *dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent ….jew dik ta'…. korruzzjoni ta' minorenni…… u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f' hafna kazi l-att sesswali f' certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru….. Imma ancorche' kellu jirrizulta li …. f' xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mal-minuri, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom.*[13]

Dan l-istudju msemmi fis-sentenza appena citata hu rifless ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Seykou Ballde</u>**[14] gie ritenut hekk:

> *'Minn din l-ottika il-Qorti tqis li r-reat tal-arrest illegali f'dan il-kuntest mhux legalment inkompatibbli mar-reat tal-istupru vjolent; iżda huwa penalment rilevanti u ġuridikament kompatibbli mal-progressjoni tal-fatti li jwasslu għall-istupru vjolent. L-azzjoni fiżika u mentali tal-imputat hawn fuq deskritta fuq il-persuna tal-vitma fil-mumenti preċedenti l-att tal-istupru jinkwadraw ruħhom fil-figura*

---

[13] Ref Repubblika ta' Malta vs Omissis Pandolfino et Qorti Kriminali deciza 19/10/2006
[14] Deciza mill-Qorti ta-Magistrati (Malta) hekk kif ippreseduta mill-Mag Aaron Bugeja.

*ġuridika tal-arrest illegali u mhux biss atti preparatorji għat-twettieq tal-att tal-istupru vjolent. F'dan il-każ, l-imputat iddeġenera mill-arrest illegali finalizzat biex il-vitma tiġi mġiegħela tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha billi sfoċa fl-istupru vjolenti. Imbagħad fil-mument tal-konsumazzjoni tal-istupru vjolenti, dil-Qorti taqbel ma dak mistqarr fis-sentenza* ***Pandolfino*** *ċjoe li fil-mument tal-stupru l-azzjoni taż-żamma tal-vittma issir parti integrali mir-reat aktar nefast tal-istupru vjolenti. Biss dan ma jfissirx li l-imputat ma għandux jirrispondi wkoll għal dik l-azzjoni tiegħu li biha arrest u żamm lill-vitma tar-reat illegalment għal perjodu temporali kontra r-rieda tagħha fil-perjodu ta' żmien preċedenti l-konsumazzjoni tal-istupru vjolent. Del resto mhux kull stupru vjolent ikun preċedut minn episodju simili għal dan il-każ. Din il-Qorti tqis li din hija posizzjoni ġuridikament korretta għar-raġunijiet dottrinali segwenti li jispegaw aħjar ir-reat tal-arrest illegali*

Illi ghalhekk in vista ta'dak ritenut fiz-zewg sentenzi ahharija u cioe' ta' Pandolfino u Ballde ma jistax ikun hemm ir-reat ta' sekwestru llegali kombinat ma reat ta' stupru. Jekk il-prosekuzzjoni qed torbot ir-reat ta' sekwestru legali ma' granet ohrajn, dan ir-reat ukoll ma jirrizultax u dan ghaliex ma jirrizultax li kien l-akkuzat li sakkar xi bieb u ma halliex lil Omissis u/jew Omissis johorgu mid-dar anzi jirrizulta illi Omissis kienet tohrog regolarment ghax-xoghol, filwaqt li Omissis kienet tohrog tiltaqa' ma' l-gharus, limitat kemm kien limitat il-hin.

Konsegwentament dan it-tielet kap tal-akkuza ma jirrizultax ippruvat.

**Ir-raba Kap tal-akkuza – Biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom**

L-akkuzat allegatament gab ruhu b'mod li ta fastidju lil membri tal-familja Omissis billi geghlhom jibzghu li kienet ser tintuza vjolenza fil-konfront taghhom  u dan kif imfassal fl-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Għal dak li jirrigwarda l-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, dan gie imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Coleiro, fejn** din il-Qorti diversament ippreseduta rriteniet is-segwenti:

> *Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda.*[15]
>
> *Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:*
>
> *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*

L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:

> *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

[15] Deċiża fis-7 ta' Marzu 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef David Scicluna, Ref. 205/11.

Il-kliem *"on each of those occasions"* huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, *"on at least two occasions"*. Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem *"on at least two occasions* thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:

> *'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*

> *"Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza rreat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9.*[16]

Il-ġurisprudenza Maltija turi b'mod ċar li sabiex dan ir-reat jiġi integrat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li :

[16] Deċiża nhar l-24 ta' April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano, Ref. 337/2008.

(a) l-imġieba tal-akkuzat tkun tali li

(b) permezz tagħha huwa jikkaġuna lil ħaddieħor

(c) biża li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna jew proprjeta tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu skont kif imfisser fil-liġi.

Qabel xejn din l-imġieba trid tkun imġieba mifruxa fuq aktar minn okkażjoni waħda[17]. Inċident waħdieni magħmul f'okkażjoni waħdanija mhix biżżejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm *course of conduct* – ossija aktar minn episodju wieħed mifrux fuq aktar minn okkażjoni waħda u li turi ripetizzjoni. Dan joħroġ ċar minn analiżi tal-każijiet prinċipali dwar din il-materja fosthom **Il-Pulizija vs. Alex Caruana Carabez**[18] **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**[19] **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**,[20] **Il-Pulizija vs Julian Genovese**[21], **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar**,[22] **Il-Pulizija vs. Brian Micallef**,[23] fost oħrajn.

Skont kif mistqarr fis-sentenzi **Caruana Carabez u Tivisini** f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien. Stabbilit dan l-insenjamenmt gurisprudenzjali huwa evidenti allura illi jrid ikun hemm prova dwar rettroxena fejn f'aktar minn okkazzjoni waħda l-parte ċivile tibża illi hi jew il-familjari jew il-propjeta' tagħha setgħu isofru vjolenza minn taht idejn l-akkuzat u dan minħabba l-komportament tiegħu.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li kien hemm *course of conduct* shih fejn l-akkuzat werwer lil Omissis u Omissis. M'hemmx dubbju li l-agir tal-akkuzat kien wiehed li jikkrea biza f' Omissis u Omissis, li hu kien ser ikun vjolenti fuqhom, bizejjed jinghad li hu hedded lil Omissis li kien ser jaqtala' subajha, il-pala ta' saqajha, li kien ser joqtlilha n-nanniet,

---

[17] Pulizija vs Brian Micallef Qorti tal-Appell Kriminali deciz 14 ta Ottubru 2011
[18] Qorti tal-Appell Kriminali, 21/06/2007
[19] Qorti tal-Appell Kriminali, 27/02/2009
[20] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/04/2009
[21] Qorti tal-Appell Kriminali, 12/08/2010
[22] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/01/2011;
[23] Qorti tal-Appell Kriminali, 14/10/2011;

li kien ser iqabbad id-dar jekk ma tirritornax lura d-dar minnufih, u li kien wasal il-mument taghha li tmut sakemm jghodd san-numru tlieta. Min-naha l-ohra lil Omissis kien jbezzaha u jaghmel azzjonijiet ta' tortura per ezempju itiha diversi daqqiet bil-frosta, kif del resto anke ta lil Omissis, iwaddbilha l-ilma kif del resto anke waddab lil Omissis, iwaddab l-ilma fuqha meta tkun gharwiena u bil-fan mixghul fuqhom u dan fix-xahar ta' Dicembru 2018.

Illi dawn id-diversi ncidenti jsarrfu course of conduct vjolenti ripettitiv tal-akkuzat fil-konfront ta' Omissis u Omissis u ghalhekk ir-Raba' Kap tal-akkuza tirrizulta ben provata.

**Il-Hames Kap tal-akkuza – Partecipazzjoni f'Attivitajiet Sesswali**

Il-Qorti tissottolinea li r-reat kontemplat taht l-artikolu 204C tal-Kodici Kriminali, huwa dak previst fil-hames kap. tal-akkuza. L-artikolu 204C gie introdott bl-Att XXXI tal-2007, liema Att gie introdott fil-31 ta' Dicembru 2007 liema Att dahal fis-sehh bl-Avviz Legali 10 tal-2008, datat 15 ta' Jannar 2008.

Dak iz-zmien, l-artikolu 204C kien jaqra hekk:

> "*Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' jista', meta jinsab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn*[24]*, bir-rekluzjoni jew minghajrha*".

Dan kollu qed jinghad ukoll fid-dawl tad-dibattiti Parlamentari li wasslu ghall-introduzzjoni tal-Artikolu 204C tal-Kodici Kriminali. Mill-istess dibattiti jirrizulta li l-ghan tal-artikolu 204C kien li jaghlaq dik il-*lacuna* f'kazijiet fejn l-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali ma japplikax u dan b'rizultat tan-nuqqas ta' element tal-korruzzjoni.

[24] Enfasi tal-esponent

Il-Qorti taghmel referenza ghad-dibattiti parlamentari[25] fejn l-Avukat Generali ta' dak iz-zmien jghid hekk:

> *"Aħna rridu li persuna li jkollha attivita' sesswali ma' minuri diġa' totalment korrotta ma teħel xejn ħlief li f'dawk iċ-ċirkostanzi".*

Fl-istess dibattiti jigi spjegat kif l-applikazzjoni tal-Artikolu 204C huwa limitat u ghandu jigi moqri biss in konnessjoni mas-subinciz (2). Issa huwa vera li minn qari tat-test tal-ligi, anke dak tal-Att XXXI tal-2007, jidher li s-subinciz (2) huwa aggravju ghall-ewwel subinciz. Madankollu, il-Qorti tirrileva li l-intenzjoni tal-legislatur ghandha dejjem tipprevali f'dik li hija interpretazzjoni tal-ligi. Dan aktar u aktar fl-isfond li, minghajr is-subinciz tnejn, l-Artikolu 204C jidher li huwa dak li l-Qrati taghna jsejjhulu *technical offence* jew *strict liability offence*, peress li jidher li m'hemmx htiega tal-element tal-intenzjoni kriminuza, izda huwa sufficjenti li jkun hemm l-att biss.

Permezz tal-Att numru IV tal-2014 il-piena ghall-imsemmi artikolu 204C gie mizjud ghal "mhux izjed minn hames snin". Wara l-emendi permezz tal-Att XIII datat 30 t' April,2018 u ghalhekk applikabli ghall-kaz in dezamina, dan l-artikolu u cioe' 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie jaqra hekk:

> '*Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma'persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta'priġunerija minn ħames snin sa għaxar snin.*'

Il-ligi titkellem dwar partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali u cioe' li l-akkuzat ikun ippartecipa, ghalhekk l-akkuzat jehtieg li jkollu rwol attiv sabiex dan ir-reat jissussisti.

[25] Laqgha Numru 118, 11 ta' Dicembru 2007

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs. Raisa Mangion'**[26] gie kkunsidrat li:

> *'Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa maghruf li dawn l-atti jrid ikollhom bhala minimu certu element ta' sess sabiex l-atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni. Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali.'*

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal-laqgha tal-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) tal-Kumitat Permanenti ghall-Kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' ligi meta kienet qieghda tigi diskussa iz-zieda tal-Artikolu 204C fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fost diskussjonijiet ohra dak iz-zmien l-Onorevoli Tonio Borg qal:

> *' It-204C tgħid hekk: "Participation in sexual activities with persons under age.".*
>
> *Dawn huma rikjesti sabiex inkunu nistgħu nirratifikaw il-protokoll mhux obbligatorju tal-konvenzjoni tal-United Nations fuq id-drittijiet tat-tfal, il–bejgħ ta' tfal, il-kustodja tat-tfal u l-pornografija tat-tfal kif ukoll il-framework decision ta' l-2003 ta' l-Unjoni Ewropea dwar sexual exploitation of children and child pornography. Hawnhekk kienet tqajjmet kwestjoni fuq sexual activity x'inhi. Jiena fittixt il-convention u nista' ngħid li m'hemmx definizzjoni. L-unika ħaġa meta tfittex il-convention, is-sexual activity pjuttost tintuża bħala l-aggravju.*

[26] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-23 ta' Lulju, 2014 (1081/2013)

*Jiena qed ngħid dan għax aħna diġa' għandna r-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni. Allura issa x'se jiġri? Se ntellgħuh taħt it-204C? Meta qed ngħid sexual activity qed ngħid li llum korruzzjoni ta' minorenni teżisti wkoll – id-defilement of minors – anke jekk turi oġġett pornografiku lil xi ħadd taħt l-eta' u anke jekk m'hemmx kuntatt fiżiku. Dak huwa korruzzjoni ta' minorenni. Issa hawn sexual activity hija iktar restrittiva minn defilement għax ma naħsibx li turi oġġett pornografiku huwa sexual activity.*

*Forsi l-avukat ġenerali jista' jintervjeni bil-permess tal-Kamra.*

*ONOR. GAVIN GULIA: Qabel jintervjeni. Jiena dan il-punt kont semmejtu għax peress li 204C fejn issemmi l-attivitajiet sesswali ġġorr magħha piena li hija inqas mill-pieni li qegħdin iġorru reati aktar speċifiċi li ma jmorrux ....(Interruzzjonijiet) Id-difiża tipprova tagħmel mezz li l-att li qed jiġi sindakat jiġi jaqa' taħt l-attivitajiet sesswali biex jiksbu piena inqas gravuża mill-pieni stabiliti fuq reati aktar speċifiċi. Qed ngħid dan li ma jmurx inkunu qegħdin nagħmlu xi ħaġa li flok inkunu qegħdin niġġieldu aktar il-kriminalita' f'dan il-qasam inkunu qed indgħajfu. Qed inqajjem dan il-punt għax il-kelma "attivitajiet sesswali" hija xi ftit jew wisq wiesa'.*

*THE CHAIRMAN: L-Avukat Ġenerali.*

*DR. SILVIO CAMILLERI (Avukat Ġenerali): M'għandix dubji li d-diffikultajiet li qed jissemmew huma diffikultajiet reali li anke mill-uffiċċju tiegħi ppreokkupawna ftit sakemm ġejna biex niddeċiedu x'forma għandna nagħtu lil dawn l-emendi.*

*Pero` finalment, per eżempju, jekk tieħu l-korruzzjoni ta' minuri, illum l-iktar ġurisprudenza riċenti li konstantament qed tiġi segwita hi fis-*

*sens li mhux neċessarjament li jkollok attivita' sesswali ma' minuri. L-aktar ġurisprudenza riċenti tgħid li jekk il-minuri kienet diġa' assolutament korrotta, allura m'hemmx ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri. B'dan ir-reat anke jekk hija assolutament korrotta allura għandu jirriżulta dan ir-reat. Mela jista' assolutament ma jirriżultalix ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri għaliex il-minuri kienet diġa' korrotta. Pero' jekk jirriżultalha li kien hemm l-elementi ta' dan ir-reat fis-sens ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali fuq persuna taħt l-eta', dak ir-reat jista' jirriżulta dan flok l-ieħor. Jiġifieri m'humiex preċiżament koinċidenti fl-elementi tagħhom.*

*Fi kwalunkwe każ imbagħad japplikaw xorta waħda l-prinċipji legali dwar l-assorbiment tar-reati u konkors formali ta' reati, japplika ukoll l-artiklu 17 tal-Kodiċi Kriminali jekk ikollok akkumulu ta' ħtijiet ta' reati differenti fl-istess akkuża allura hija rregolata l-piena li tingħata. Jiġifieri dawk il-prinċipji, dawk ir-regoli xorta jibqgħu applikabbli.*

*Aħna dehrilna li veru kellna nagħmlu daqsxejn akkurat biex niddeċiedu jekk għandniex bżonn dawn ir-reati speċifiċi u eventwalment dehrilna li iva għad hemm lok li jkun hemm dawn ir-reati speċifiċi kif hawn hawnhekk definiti. Anke għall-istess sena koperti biżżejjed is-sitwazzjoni mbagħad bir-regoli l-oħra dwar il-konkors formali ta' reati u l-assorbiment tal-pieni.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs OMISSIS'</u>**[27] fejn l-Ewwel Qorti dwar l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieset:

*'Illi permezz tat-tieni mputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat talli ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta bic-*

[27] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar, 2019.

*cirkostanzi aggravanti. Dan ir- reat kontemplat fl-Artiklu 204C(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie ntrodott fis- sistema legali taghna bl-Att XXXI tas-sena 2007 kif sussegwentement emendat bl- Att IV tas-sena 2014 u bl-Att XIII tas-sena 2018 u jikkontempla:*

*204Ċ. (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax- il sena jehel, meta jinstab ħati, il-piena ta' prigunerija minn ħames snin sa għaxar snin.*

*Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Raisa Mangion" deciza fit-23 ta' Lulju 2014 fejn intqal:-*

*Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa maghruf li dawn l-atti jrid ikollhom bhala minimu certu element ta' sess sabiex l- atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvolut fir-relazzjoni. Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs Omissis" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2018 ikkunsidrat is-segwenti atti bhala atti li jaqghu taht it-terminu 'attivita sesswali':-*

*Għalhekk jirriżultaw it-tlett elementi sabiex jirnexxi r-reat stipulat taht l-artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma li l-persuna tkun taħt l-eta' (Ghalkemm fl- att ta' akkuza jindika lill-minuri li ghandha tlettax-il sena irrizulta li hija kellha erbatax-il sena) tajjeb li jingħad li llum il-ġurnata l-artikolu 203 tal- Ligijiet ta' Malta*

*jipprovdi ghal persuni 'taħt is-sittax-il sena', l-eghmil zieni tant li l-minuri hadet pjacir u t-tielet element l-att tal-korruzzjoni, f' dan il-kaz kif deskritt mill-minuri kkonsista f' tmesmis tal-partijiet privati ossia ssider u l- vaġina, l-intromissjoni tas-subgħajh ġewwa l-vagina tal-minuri u l-egakulazzjoni barra u fil- preżenza tal-minuri. Liema atti jikkonsistu f' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali kif jistipula l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubju li l-atti li sehhew bejn l-imputat u l- minuri jikkonsistu f' attivita' sesswali ghaliex waqt il-massaggi kien ikun hemm ukoll massaggi tal-organi sesswali kemm tal-imputat kif ukoll tal-minuri u ghalkemm il-minuri spjegat li qatt ma kien hemm penetrazzjoni l-imputat kien imiss il-parti genitali tieghu ma' taghha u kien ikun hemm ukoll atti ta' masturbazzjoni.*

*L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati anki tat-tieni imputazzjoni migjuba fil- konfronti tieghu.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali[28] kienet ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti appena msemmija.

Il-Qorti, fil-kaz odjern, hija rinfaccata b'sitwazzjoni fejn l-akkuzat li kellu tmintax-il sena ghamel tmien xhur u nofs iqum u jorqod fl-istess sodda ma' Omissis u mix-xhieda moghtija mill-akkuzat stess nhar is-7 ta' Frar, 2009 a fol. 206 jirrizulta is-segwenti:

*Spettur EH : U jekk nghidlek li gegheltha taghmel sess mieghek lil Omissis?*

*Akkuzat : Le qatt ma gegheltha taghmel mieghi le.*

[28] Fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Lulju, 2019 (Appell numru 33 tal-2019) fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs -OMISSIS-'

*Spettur EH : Jigifieri dejjem riedet hi, dejjem riedet?*

*Akkuzat : Ezatt.*

*Spettur EH : U jekk qed immerik jiena, mhux veru, li Omissis inti mort maghha ghax sfurzajt ruhek xi tghidli ghal dan?*

*Akkuzat : Le qatt ma sfurzajt ruhi le.*

*Spettur EH : Jigifieri Omissis dejjem hallietek?*

*Akkuzat : Ehe.*

Ghalhekk fid-dawl ta' din ix-xhieda, din il-Qorti ma thossx li hemm lok ghalfejn taghmel referenza ghax-xhieda tal-istess minuri stante li l-akkuzat stess fl-interrogatorju tieghu ammetta li ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' Omissis.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li qed issib lill-akkuzat hati tal-1,2, 4 u l-5 Kapi tal-akkuza.**

**<u>Piena</u>**

Ghal fini ta' piena din il-Qorti qieset is-segwenti fatturi sabiex ma tapplikax il-piena massima permessa mill-ligi:

1. Minn banda wahda il-fedina penali tal-akkuzat hija wahda netta u cioe' bla ebda reati jew kontravvenzjonijiet irregistrati fuqha u ghalhekk ghandu jigi trattat bhala *first time offender*;
2. Il-fatt li l-akkuzat kellu biss tmintax-il sena meta kkommetta dawn ir-reati;
3. Il-fatt illi dan il-kaz gie deciz fi zmien ragonevoli stante li l-akkuzat dejjem deher il-Qorti meta gie notifikat;

Mill-banda l-ohra pero', il-Qorti tqis li hem mil-fatturi segwenti ghaliex m'ghandiex tmur lejn il-minimu fl-applikazzjoni tal-piena:

1. Il-fatt li hemm pluralita' ta' vittmi;
2. Il-fatt illi wahda mill-vittmi kienet minorenni meta l-akkuzat ippartecipa f'attivitajiet sesswali maghha;
3. L-istat ta' terror u biza li huwa poggha lill-vittmi ghal perjodu ta'zmien in eccess ta' xahar;
4. It-tip ta' hsara li hu kkaguna u cioe' kemm dik fizika u kemm dik psikologika;
5. L-ingratitudni tieghu lejn familja li laqghatu f'darha bla hlas;
6. Id-dizordni u chaos li hu holoq fil-familja Omissis tant li kien hemm zmien li l-missier kellu johrog mid-dar;

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li qed issib lill-akkuzat hati tal-1,2, 4 u l-5 Kapi tal-akkuza, tikkundannah ghal perjodu t' ghoxrin (20) sena prigunerija. Tiddikjara li mhux qed issibu hati tat-3 Kap tal-akkuza u tilliberah minnha.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti nominati ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti rat illi dawn l-esperti kienu bzonnjuzi sabiex il-prosekuzzjoni tipprova l-ezistenza tar-reati hekk kif kontemplati fl-Att tal-Akkuza u ghalhekk b'mod partikolari tordna lill-akkuzat ihallas is-somma ta' 1623.33 Euro rapprezentanti spejjez li gew imhallsa lill-perit Nicholas Mallia in konnessjoni mal-inkarigu tieghu (fol. 144); is-somma ta' 121.11 Euro rapprezentanti spejjez li gew imhallsa lil Dr Katya Vassallo ghall-inkarigu taghha (fol. 223); is-somma ta' 2066.67 Euro li gew imhallsa lil Dr Stephen Farrugia ghall-in karigu tieghu (fol. 265); is-somma ta' 240.78 Euro rapprezentanti spejjez li gew imhallsa lill-Dr Katya Vassallo ghall-inkarigu taghha (fol. 396 tergo); is-somma 96.22 Euro rapprezentanti spejjez li gew imhallsa lill-Dr Katya Vassallo ghall-in karigu taghha (fol. 466); is-somma ta' 443.71 Euro rapprezentanti spejjez li gew imhallsa lill-WPC 369 Stephanie Cassar ghall-inkarigu

taghha (fol. 719); is-somma ta' 451.70 Euro rapprezentanti spejjez li gew imhallsa lill-Dr Stephen Farrugia Sacco ghall-inkarigu tieghu (fol. 815); u is-somma ta' 2676.24 Euro lill-Dr Marisa Cassar ghall-inkarigu taghha (fol. 801), b'kollox ghalhekk l-akkuzat ghandu jhallas is-somma ta' sebat elef, seba' mija, disgha u erbghin euro u wiehed u erbghin centezmi tal-euro (7,749.41Euro).

Il-Qorti tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem u l-konnotati tal-vittmi u tal-akkuzat stante li kien gharus mal-vittma u ghalhekk il-vittmi jistghu jigu identifikati f'kull mezz tax-xandir. Il-Qorti tordna wkoll il-hrug ta' *protection order* ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, taht penali ta' elfejn euro fin-nuqqas li tigi segwita fil-konfront ta' Omissis, Omissis u Omissis llkoll Omissis.

Tordna illi l-oggetti kollha esebiti ghandhom jigu kkonfiskati u distrutti mir-registratur ta' din il-Qorti fi zmien hmistax (15)-il jum mill-lum salv jekk mhux rikjesti ghal xi nvestigazzjoni jew procedura ohra pendenti.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-akkuzat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti tordna il-li z-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv jitnaqqas mis-sentenza ta' prigunerija moghti minn din il-Qorti.

**Consuelo Scerri Herrera - Imhallef**

**Deputat Registratur**